




Il-Kummissjoni
Ewropea



STAT TAL-UNJONI 2023

mill-KUMMISSJONI
VON DER LEYEN

Stat tal-Unjoni 2023 — mill-Kummissjoni von der Leyen

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat għall-Komunikazzjoni
1049 Brussell
IL-BELĠJU

Print ISBN 978-92-68-05626-4 doi:10.2775/664736 NA-09-23-325-MT-C
PDF ISBN 978-92-68-05587-8 doi:10.2775/336853 NA-09-23-325-MT-N

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-
ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023



© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwix taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

DRITTIJIET

Ir-ritratti kollha huma © L-Unjoni Ewropea, ħlief jekk jingħad mod ieħor.


Introduzzjoni

Ta' kull sena f'Settembru, il-President tal-Kummissjoni Ewropea tagħmel Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni quddiem il-Parlament Ewropew, fejn tanalizza r-riżultati li ntlewqu fis-sena ta' qabel u tippreżenta l-prijoritajiet għas-sena li ġejja. F'dan id-diskors, il-President tistabbilixxi wkoll il-mod kif il-Kummissjoni Ewropea se tindirizza l-iktar sfidi urġenti li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea. Dan id-diskors jiġi segwit minn diskussjoni plenarja. Din tagħti bidu għal djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill sabiex jitthejja l-Programm ta' Ffidma tal-Kummissjoni għas-sena ta' wara.

Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, li għandu l-bażi tiegħu fit-Trattat ta' Lisbona, huwa stipulat fil-Ftehim Qafas tal-2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, u jirrekjedi wkoll li l-President tibgħat ltra ta' Intenzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-Presidenza tal-Kunsill fejn tippreżenta fid-dettall l-azzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea tkun biġnsiebha tiegħu permezz ta' leġiżlazzjoni kif ukoll permezz ta' inizjattivi oħra sal-aħħar tas-sena ta' wara.


Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, għamlet ir-raba' Diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni fit-13 ta' Settembru 2023.

Il-materjal kollu jinsab hawn: ec.europa.eu/soteu2023.



Werrej

Diskors	5
Inwieġbu għas-sejħa tal-istorja	6
Ittra ta' intenzjoni lill-president Roberta Metsola u lill-Prim Ministru Pedro Sánchez	36
Prijoritajiet ewlenin għall-2024	39
Kisbiet	40
L-Ewropa: futur ta' min jiġġieled għalih	41
1 Niddefendu l-wegħda tal-Ewropa	43
2 Ninvestu fil-prosperità tal-Ewropa	60
3 Nibnu r-reżiljenza tas-soċjetà Ewropea	102
Kronoloġija	119



EURÓPA

EURÓPA

EURÓPA

URÓPA

URÓPA

URÓPA

URÓPA

URÓPA

URÓPA

ÓPA

ÓPA

ÓPA

PA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROOPPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

● EUROPA

Diskors

AN EORAIP

AN EORAIP

AN EORAIP

AN EORAIP

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

● EYRΩΠH

Inwiegħbu għas-sejħha tal-istorja

Inwettqu illum, inħejju għal għada

Onorevoli Membri,

Fadal biss 300 jum qabel ma l-Ewropej joħorġu jivvotaw fid-demokrazija unika u speċjali tagħna.

Bħal f'kull elezzjoni oħra, se jkun iż-żmien biex il-poplu jirrifletti dwar l-Istat tal-Unjoni tagħna u l-ħidma li saret mir-rappreżentanti tiegħu.

Iżda se jkun ukoll iż-żmien biex niddeċiedu dwar is-sura tal-ġejjieni u dwar x'għamla ta' Ewropa rridu.

Fosthom se jkun hemm miljuni li se jivvotaw għall-ewwel darba, li l-iżgħar fosthom se jkunu twieldu fl-2008.

Hekk kif se jsibu ruħhom fil-kabina tal-vot se jirriflettu dwar x'inhu importanti għalihom.

Se jaħsbu fil-gwerra li għaddejja fuq il-fruntieri tagħna.

Dwar l-impatt qerriedi tat-tibdil fil-klima.

Dwar kif l-intelliġenza artifiċjali se taffettwalhom ħajjithom.

Jew dwar il-possibiltà tagħhom li jiksbu dar jew xogħol fil-ġejjieni.

Illum l-Unjoni tagħna tirrefletti l-viżjoni ta' dawk li ħolmu ġejjieni aħjar wara **t-Tieni Gwerra Dinjija**.

Ġejjieni fejn Unjoni ta' nazzjonijiet, demokraziji u nies jaħdmu id f'id biex jaqsmu l-paċi u l-prosperità.

Huma emmnu li l-Ewropa kienet it-tweġiba għas-sejħha tal-istorja.

Meta nitkellem mal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' żgħażaġh, nara l-istess viżjoni għal futur aħjar.

L-istess ħerqa sfiqa biex nibnu xi ħaġa aħjar.



L-istess twemmin li f'dinja ta' inċertezza, **għal darba oħra l-Ewropa trid twieġeb għas-sejħa tal-istorja.**

U dan huwa dak li rridu nagħmlu **flimkien.**

Onorevoli Membri,

Dan jibda billi **nirbħu l-fiduċja** tal-Ewropej biex nindirizzaw l-aspirazzjonijiet u l-ansjetajiet tagħhom.

U **fit-300 jum li fadal** irridu **nispiċċaw ix-xogħol** li fdawlna f'idejna.

Nixtieq niringrazzja lil dan il-Parlament għar-rwol ewlieni tiegħu fit-twettiq tal-aktar trasformazzjonijiet ambizzjużi li qatt inbdew mill-Ewropa.

Naf li meta ġejt quddiemkom fl-2019 bil-programm għal **Ewropa ekoloġika, diġitali u ġeopolitika** wħud minnkom kellhom xi dubji.

U dan kien **qabel** ma d-dinja nqalbet ta' taħt fuq b'pandemija dinjija u gwerra brutali fl-Ewropa.

Iżda araw fejn tinsab l-Ewropa llum.

Twieldet **Unjoni ġeopolitika** - li tappoġġa lill-Ukrajna, li tieqaf lill-agressjoni Russa, li tirrispondi għal Ċina assertiva u li tinvesti fis-sħubijiet.

Issa għandna **Patt Ekoloġiku Ewropew** fil-**qalba** tal-ekonomija tagħna u **mingħajr preċedent** fl-ambizzjoni tiegħu.

Konna fuq quddiem fit-**tranżizzjoni diġitali** u sirna **pjunieri globali dwar id-drittjiet online.**

Għandna n-**NextGenerationEU** storiku - li jikkombina 800 biljun euro f'**investment u riforma** - u li **joħloq impjegi diċenti** għal-lum u għall-futur.

Bdejna naħdmu fuq **Unjoni tas-Saħħa**, li għenet fil-vaċċinazzjoni ta' kontinent sħiħ - u anke ta' partijiet kbar mid-dinja.

Bdejna nsiru **aktar indipendenti** f'setturi kritiċi, bħall-enerġija, iċ-ċipep u l-materja prima.

Nixtieq niringrazzjakom ukoll **għall-ħidma rivoluzzjonarja u pjuniera** li għamilna fuq **l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.**



Rajna t-twelid ta' **Unjoni ġeopolitika.**



Bħala mara, dan ifisser ħafna għalija.

Ikkonkludejna fajls li bosta ħasbu li se jibqgħu mblukkati għal dejjem, **bħad-Direttiva dwar in-Nisa fil-Bordijiet u l-adeżjoni storika tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul.**

Permezz **tad-Direttiva dwar it-Trasparenza tal-Pagi** daħħalna fil-liġi l-prinċipju bażiku li l-istess xogħol ħaqqu l-istess paga.

Ma hemm l-ebda argument il-għaliex mara għandha titħallas anqas minn raġel għall-istess tip ta' xogħol.

Iżda fadlilna ħafna x'nagħmlu u rridu nkomplu nħabirku flimkien favur il-progress.

Naf li dan il-Parlament jappoġġa l-proposta tagħna dwar **il-għlieda tal-vjolenza kontra n-nisa.**

F'dan il-każ ukoll nixtieq li ndaħħlu fis-seħħ prinċipju legali bażiku ieħor: **Le tfisser le.**


Ma jistax ikun hemm ugwaljanza mingħajr ħelsien mill-vjolenza.



Nixtieq li ndaħħlu fis-seħħ prinċipju legali bażiku ieħor: **Le, tfisser le. Ma jistax ikun hemm ugwaljanza mingħajr ħelsien mill-vjolenza.**



Linji Gwida Poliċi ppreżentati fl-2019



U bis-saħħa ta' dan il-Parlament, tal-Istati Membri u tat-tim ta' Kummissarji tiegħi, **wettaqna aktar minn 90% tal-Linji Gwida Poliċi** li ressaqt fl-2019.

Flimkien tajna prova li **Ewropa qalbiena tikseb riżultati.**

Fadlilna ħafna x'nagħmlu - **ejja nimxu id f'id.**

Ejjew inwettqu llum u nħejju għal għada.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

Onorevoli Membri,

Erba' snin ilu l-Patt Ekoloġiku Ewropew kien **it-tweġiba tagħna għas-sejħa tal-istorja**.

U dan is-sajf - l-aktar wieħed sħun li qatt ġie rreġistrat fl-Ewropa - kien tfakkira ċara dwar dan.

Il-Greċja u Spanja ntlawtu minn nirien qerrieda - u ffit ġimgħat wara ntlawtu minn għargħar devastanti.

Rajna **l-kaos u l-querda** tat-temp estrem - mis-Slovenja sal-Bulgarija u madwar l-Unjoni kollha.

Din hija r-realtà tal-pjaneta tagħna li qed tagħli.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew twieled minn din in-neċessità li nħarsu lill-pjaneta tagħna.

Iżda tfassal ukoll bħala opportunità biex nippriżervaw il-prosperità futura tagħna.

Bdejna dan il-mandat billi stabbilejna perspettiva fit-tul permezz tal-liġi dwar il-klima u l-mira tal-2050.

Qlibna l-aġenda klimatika għal waħda **ekonomika**. Dan ta **sens ċar ta' direzzjoni lill-investiment u lill-innovazzjoni tagħna**.

U diġà rajna lil din **l-istrateġija tat-tkabbir tagħti l-frott** fuq żmien qasir.

Ta' kuljum l-industrija Ewropa qed turi li tinsab lesta biex tixpruna lil din it-tranżizzjoni.

Dan jagħti prova li **l-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni** jistgħu jimxu id f'id.

Fl-aħħar ħames snin l-għadd ta' **fabbriki tal-azzar nadif** fl-UE żdied minn xejn għal 38.

Issa qed nattiraw **aktar investiment fl-idroġenu nadif** mill-Istati Uniti u ċ-Ċina f'salt.

U għada se nkun id-Danimarka mal-Prim Ministru Mette Frederiksen biex nara dik l-innovazzjoni b'għajnejja stess.

•••••

Issa qed nattiraw aktar **investiment fl-idroġenu nadif** mill-Istati Uniti u ċ-Ċina f'salt.

•••••

Se nniedu l-ewwel bastiment tal-kontejners b'magni tal-metanol nadif li jinħoloq permezz tal-enerġija tax-xemx. **Din hija s-saħħa tar-risposta tal-Ewropa għat-tibdil fil-klima.**

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jipprovdi l-qafas, inċentivi u investiment meħtieġa - iżda huma n-nies, l-inventuri u l-inġiniera li se jiżviluppaw is-soluzzjonijiet.

U din hija r-raġuni għaliex, Onorevoli Membri,

aħna u nidħlu fil-**fażi li jmiss** tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, hemm ħaġa li qatt ma hija se tinbidel.

Se nibqgħu nappoġġaw lill-industrija Ewropea matul din it-tranżizzjoni.

Bdejna b'pakkett ta' miżuri - **mill-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għall-Att dwar il-Materja Prima Kritika.**

Bl-**Istrateġija Industrijali** tagħna qed inqisu r-riskji u l-ħtieġa ta' kull ekosistema f'din it-tranżizzjoni.

Hemm bżonn li niffinalizzaw din il-ħidma.

U flimkien ma' dan jeħtiġilna niżviluppaw approċċ għal kull waħda mill-ekosistemi industrijali.

Għaldaqstant, minn dan ix-xahar se nibdew **sensiela ta' Djalogi dwar it-Tranżizzjoni Nadifa** mal-industrija.

L-għan ewlieni se jkun li nappoġġaw lil kull settur fl-ippjanar tal-mudell kummerċjali tiegħu għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija.

Għaliex nemmnu li din it-tranżizzjoni hija essenzjali għall-kompetittività tal-Ewropa fil-ġejjieni.

Iżda dan għandu x'jaqsam ukoll **man-nies u l-impjiegi tagħhom tal-lum.**

Pereżempju, l-**industrija tal-enerġija mir-riħ** tagħna hija suċċess Ewropew.

Iżda bħalissa qed tħabbat wiċċha ma' taħlita unika ta' sfidi.

Huwa għalhekk li se nressqu **pakkett dwar l-Enerġija mir-Riħ Ewropea** – b'ħidma mill-qrib mal-industrija u mal-Istati Membri.

Se nħaffu aktar il-ħruġ ta' permessi.

Se ntejbu s-sistemi ta' rkant madwar l-Ewropa.

Se niffokaw fuq il-ħiliet, l-aċċess għall-finanzjament u l-istabbiltà tal-ktajjen tal-provvista.



Iżda dan **imur lil hinn** minn settur wieħed:

Mir-riħ sal-azzar, mill-batteriji sal-vetturi elettriċi, l-ambizzjoni tagħna hija ċara daqs il-kristall: **Il-ġejjieni tal-industrija teknoloġika nadifa tagħna għandu jkun magħmul fl-Ewropa.**

Onorevoli Membri,

Dan juri li f'dak li għandu x'jaqsam mal-Patt Ekoloġiku Ewropew:

Se nżommu mad-direzzjoni li ħadna.

Se nibqgħu ambizzjużi.

Se nibqgħu għaddejnin fl-istrateġija ta' tkabbir tagħna.

U se nistinkaw dejjem għal tranżizzjoni ekwa u ġusta!

Dan ifisser eżitu ġust għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni - li jkunu jistgħu jgħixu f'dinja f'saħħitha.

.....

Mir-riħ sal-azzar, mill-batteriji sal-vetturi elettriċi, l-ambizzjoni tagħna hija ċara daqs il-kristall: **Il-ġejjieni tal-industrija teknoloġika nadifa tagħna għandu jsir fl-Ewropa.**

.....

U tranżizzjoni ekwa għal dawk kollha li jintlaqtu - **b'impjiegi diċenti u wegħda solenni li ma nħallu lil ħadd jibqa' lura.**

Ġibu quddiem għajnejkom **l-impjiegi fil-manifattura u l-kompetittività**: suġġett li qed niddiskutu ħafna dan l-aħħar.

L-industrija u l-kumpaniji teknoloġiċi tagħna **jħobbuha** l-kompetittività.

Jafu li l-kompetizzjoni globali **tajba** għan-negozju.

Li **toħloq** u **tipproteġi** impjiegi aħjar fl-Ewropa.

Iżda l-kompetizzjoni tkun **ta' veru biss** jekk tibqa' waħda **ġusta**.

Ta' sikwit il-kumpaniji tagħna jiġu esklużi minn swieq barranin jew ikunu vittmi ta' Prattiki predatorji.

Il-pożizzjoni tagħhom tiġi **mminata minn kompetituri** li jibbenefikaw minn sussidji statali enormi.

Ma nsejniex kif il-**prattiki kummerċjali inġusti** taċ-Ċina affettwaw **l-industrija solari** tagħna.

Ħafna negozji ġodda ġew eliminati minn kompetituri Ċinzi b'sussidji kbar.

Kumpaniji pijunieri fallelw.

Talenti promettenti telqu jfittxu xortihom barra.

Din hija r-raġuni għaliex il-ġustizzja fl-ekonomija globali hija daqstant importanti - għaliex taffettwa l-ħajjiet u l-għajxien tan-nies.

Industriji u komunitajiet sħaħ jiddependu fuqha.

Għaldaqstant irridu nkunu ċari dwar ir-riskji li qed niffaċċjaw.

Qisu, pereżempju, is-settur tal-vetturi elettriċi.

Hija industrija kruċjali għall-ekonomija nadifa, b'potenzjal enormi għall-Ewropa.

Iżda issa s-swieg globali **mtlew** b'karozzi elettriċi Ċiniżi rħas.

U l-prezzijiet tagħhom jinżammu baxxi **b'mod artifiċjali** permezz ta' sussidji statali enormi.

Dan qed joħloq distorsjoni fis-suq tagħna.

U peress li ma naċċettawx li dan isir internament, lanqas mhu se naċċettawh minn barra.

Għaldaqstant illum nista' nħabbar li l-Kummissjoni qed tnedi **investigazzjoni kontra s-sussidji fil-vetturi elettriċi li jiġu miċ-Ċina.**

L-Ewropa hija miftuħa għall-kompetizzjoni. Mhux għal tellieqa sal-qiegħ.

•••••

Il-Kummissjoni qed tnedi investigazzjoni kontra s-sussidji fil-vetturi elettriċi li jiġu miċ-Ċina.

L-Ewropa hija miftuħa għall-kompetizzjoni. Mhux ġirja lejn l-aktar livell baxx.

•••••



Irridu niddefendu ruħna minn dawn il-prattiki inġusti.

Iżda bl-istess mod, se jkun vitali li nibqgħu **nikkomunikaw u niddjalogaw maċ-Ċina.**

Għax **hemm ukoll** suġġetti fejn nistgħu u għandna nikkooeraw.

It-tnaqqis tar-riskji, mhux il-qtuġ tal-kuntatt – dan se jkun **l-approċċ tiegħi mat-tmexxija Ċiniża fis-Summit bejn l-UE u ċ-Ċina** li se jsir aktar tard din is-sena.

Onorevoli Membri,

Fl-Unjoni Ewropea, kburin **bid-diversità kulturali** tagħna.

Aħna l-“Ewropa tar-Reġjuni” b’taħlita unika ta’ lingwi, mużika, arti, tradizzjonijiet, artiġjanat u speċjalitajiet kulinarji.

Aħna wkoll **kontinent ta’ diversità bijoloġika unika**.

Hemm madwar 6 500 speċi li jinsabu fl-Ewropa **biss**.

Fit-Tramuntana tal-Ewropa, jinsab **il-Baħar Wadden, sit ta’ wirt naturali dinji** li huwa ħabitat uniku li fih jgħixu speċijiet rari ta’ flora u fawna u li huwa riżorsa vitali għal miljuni ta’ għasafar tal-passa. U bil-**Baħar Baltiku, għandna l-akbar żona bl-ilma salmastru fid-dinja**.

Lejn in-Nofsinar ta’ dan, hemm **il-Pjanura Baxxa Ewropea**, li hija kkaratterizzata minn **artijiet moxa u artijiet mistagħdra kbar**.

Dawn ir-reġjuni huma **alleati importanti kontra t-tibdil fil-klima li għaddej**.

L-artijiet moxa u l-artijiet mistagħdra protetti jassorbu volumi enormi ta’ **gassijiet serra**, jiżguraw **iċ-ċikli tal-ilma reġjonali** u huma l-post fejn tgħix bijodiversità unika.

U l-Ewropa hija **kontinent tal-foresti**.

Mill-**foresti koniferi majestużi fit-Tramuntana u fil-Lvant**, sal-**foresti antiki tal-ballut u tal-fagu** li fadal fl-Ewropa Ċentrali, u sal-**foresti tal-ballut tas-sufra fin-Nofsinar tal-Ewropa**, dawn il-foresti kollha jipprovdu sors insostitwibbli ta’ oġġetti u servizzi.

Huma jassorbu d-dijossidu tal-karbonju, jipprovdu injam u prodotti oħra, jipproduċu ħamrija fertili, u jiffiltraw l-arja u l-ilma.

Il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistemi huma **vitali** għalina lkoll fl-Ewropa.

It-telfien tan-natura **jeqred mhux biss il-pedamenti tal-ħajja tagħna**, iżda wkoll is-**sens ta’ x’inhidarna**.



.....

Aħna wkoll **kontinent ta’ diversità bijoloġika unika**.

.....

Irridu niproteġuha.

U fl-istess ħin, **l-iżgurar tal-provvista tal-ikel tagħna, f'armonija man-natura, għandu jibqa' kompitu essenzjali.**

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nuri l-apprezzament tiegħi lill-bdiewa tagħna u niringrazzjahom talli jipprovdulna l-ikel jum wara jum.

Għalina fl-Ewropa, il-produzzjoni tal-ikel tajjeb għas-saħħa huwa l-bażi tal-politika agrikola tagħna.

U l-awtosuffiċjenza tal-provvista tal-ikel ukoll hija importanti għalina.

Dan kollu jagħmluh il-bdiewa tagħna.

Dan il-kompitu mhux dejjem faċli, peress li l-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, it-tibdil fil-klima li qed iġib miegħu nixfiet, nirien fil-foresti u għargħar, u obbligi ġodda kollha qed ikollhom impatt dejjem akbar fuq il-ħidma tal-bdiewa u d-dħul tagħhom.

Dan irridu nżommuh f'moħħna.

Ħafna diġà qed jaħdmu sabiex ikun hemm forma ta' agrikoltura aktar sostenibbli.

Irridu naħdmu flimkien mal-irġiel u n-nisa fl-agrikoltura sabiex nindirizzaw dawn l-isfidi l-ġodda.

Dan huwa l-uniku mod biex niżguraw il-provvista tal-ikel tagħna għall-futur.

Neħtieġu aktar djalogu u anqas polarizzazzjoni.

Huwa għalhekk li rridu nniedu **djalogu strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE.**

Jitnieda **djalogu strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE.**



•••••

Is-sigurtà tal-ikel, f'armonija man-natura, tibqa' kompitu essenzjali.

•••••

Ninsab u nibqa' konvinta li **l-agrikoltura u l-konservazzjoni tan-natura jistgħu jimxu id f'id.**

Neħtieġu t-tnejn li huma.

Ekonomija, soċjali u kompetittività

Onorevoli Membri,

Tranżizzjoni ġusta għall-bdiewa, għall-familji, għall-industrija.

Din hija l-karatteristika distintiva ta' dan il-Mandat.

U hija aktar importanti aħna u nħabbtu wiċċna ma' ostakli ekonomiċi kbar.

Nara tliet sfidi ekonomiċi maġġuri għall-industrija tagħna fis-sena li ġejja: nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, inflazzjoni, u li nagħmlu n-negozju aktar faċli għall-kumpaniji tagħna.

L-ewwel waħda għandha x'taqsam mas-suq tax-xogħol.

Għadna ma nsejniex l-ewwel jiem tal-pandemija globali.

Meta kulħadd bassar **mewġa ġdida ta' qgħad tal-massa bħal fis-snin 30.**

Iżda aħna sfidajna din it-tbassira.

Permezz ta' SURE – l-ewwel inizjattiva Ewropea ta' xogħol b'ħinijiet aqsar li qatt saret – salvajna 40 miljun impjieg.

Din hija l-ekonomija soċjali tas-suq Ewropea fil-prattika.

U nistgħu nkunu kburin b'dan!

Imbagħad minnufih erġajna bdejna nħaddmu l-magna ekonomika tagħna bis-saħħa tan-NextGenerationEU.

U llum qed naraw ir-riżultati.

L-Ewropa qed tqarreb lejn okkupazzjoni sħiħa.

Minflok miljuni ta' nies ifittxu l-impjieg, miljuni ta' impjieg qed ifittxu n-nies.



Minflok miljuni ta' nies ifittxu l-impjieg, miljuni ta' impjieg qed ifittxu n-nies.



In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet qed jilħaq livelli rekord – kemm hawnhekk kif ukoll fl-ekonomiji ewlenin kollha.

74% tal-SMEs qed jgħidu li qed jiffaċċjaw nuqqas ta' ħiliet.

Fl-aqwa tal-istaġun turistiku, ir-ristoranti u l-bars fl-Ewropa qed jaħdmu b'sigħat imnaqqsa għax ma jistgħux isibu ħaddiema.

L-isptarijiet qed jipposponu t-trattamenti minħabba nuqqas ta' infermiera.

U żewġ terzi tal-kumpaniji Ewropej li qed ifittxu speċjalisti tal-IT ma jistgħux isibuhom.

Fl-istess ħin, **miljuni ta' ġenituri** – l-aktar ommijiet – qed isibuha diffiċli biex jirrikonċiljaw ix-xogħol mal-ħajja tal-familja, **peress li m'hemmx min jieħu ħsieb it-tfal.**

U 8 miljun żagħżuġ u żagħżuġha jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ.

Il-ħolm tagħhom friżat, ħajjithom wieqfa.

Dan ma jikkawżax biss ħafna tbatija personali.

Huwa wkoll wieħed mill-iktar ostakli sinifikanti għall-kompetittività tagħna.

Dan għaliex in-nuqqas ta' ħaddiema jxekkel il-kapaċità għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-prosperità.

Għalhekk irridu ntejbu l-aċċess għas-suq tax-xogħol.

L-aktar importanti għaż-**żgħażaġh, għan-nisa.**

U għandna bżonn **migrazzjoni kwalifikata.**

Barra minn hekk, jeħtieġ li nirrispondu **għall-bidliet profondi fit-teknoloġija, is-soċjetà u d-demografija.**

U għal dan l-għan, għandna noqogħdu fuq l-għarfien espert **tan-negozji u t-trade unions, is-sħab tan-negozjar kollettiv tagħna.**

Għaddew kważi erbgħin sena minn meta Jacques Delors sejjaħ il-laqgħa ta' Val Duchesse li wasslet għat-twelid tad-djalogu soċjali Ewropew.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, is-sħab soċjali sawru l-Unjoni tal-lum – filwaqt li żguraw il-progress u l-prosperità għal miljuni ta' nies.

U hekk kif id-dinja ta' madwarna qed tinbidel b'rata aktar mgħaġġla minn qatt qabel, is-sħab soċjali jridu jerġgħu jkunu fil-qalba tal-futur tagħna.

Flimkien irridu niffukaw fuq l-isfidi li qed jiffaċċja s-suq tax-xogħol – min-nuqqas ta' ħiliet u ħaddiema, għal sfidi ġodda li jirriżultaw mill-IA.

Huwa għalhekk li flimkien **mal-Presidenza Belġjana** s-sena d-dieħla, se **nerġgħu nlaqqgħu Summit tas-Sħab Soċjali ġdid f'Val Duchesse.**

.....

Il-futur tal-Ewropa se jinbena **mas-sħab soċjali tagħna u minnhom.**

.....

Il-futur tal-Ewropa se jinbena **mas-sħab soċjali tagħna u minnhom.**



It-tieni sfida ekonomika ewlenija: inflazzjoni għolja persistenti.

Christine Lagarde u l-Bank Ċentrali Ewropew qed jaħdmu qatigħ biex iżommu l-inflazzjoni taħt kontroll.

Nafu li r-ritorn għall-mira ta' terminu medju tal-BĊE se jieħu xi żmien.

L-aħbar it-tajba hija li l-Ewropa bdiet tnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija.

Ma nsejniex **l-użu deliberat ta' Putin tal-gass bħala arma** u kif dan ġab miegħu biżgħat ta' qtugħ tad-dawl u l-kriżi tal-enerġija bħal fis-snin 70.

Ħafna ħasbu li mhux se jkollna biżżejjed enerġija għall-bżonnijiet tagħna matul ix-xitwa.

Iżda wasalna.

Dan għaliex bqajna magħqudin - billi ġbarna flimkien id-domanda tagħna u xtrajna l-enerġija flimkien.

U fl-istess ħin, differenti minn fis-snin 70, użajna l-kriżi biex ninvestu b'mod massiv f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli u nħaffu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Użajna l-massa kritika tal-Ewropa biex innaqqsu l-prezzijiet u niżguraw il-provvista tagħna.

Sena ilu, il-prezz tal-gass fl-Ewropa kien ta' aktar minn EUR 300 għal kull MWh. Issa huwa madwar 35.

Għalhekk irridu nħarsu lejn kif nistgħu **nirreplikaw dan il-mudell ta' suċċess** f'oqsma oħra bħall-**materja prima kritika jew l-idroġenu nadif**.



Użajna l-massa kritika tal-Ewropa biex innaqqsu l-prezzijiet u niżguraw il-provvista tagħna. Għalhekk irridu nħarsu lejn kif nistgħu **nirreplikaw dan il-mudell ta' suċċess** f'oqsma oħra bħall-**materja prima kritika jew l-idroġenu nadif**.



It-tielet sfida għall-kumpaniji Ewropej hija li niffaċiltaw il-mod li bih isir in-negozju.

Il-kumpaniji ż-żgħar ma għandhomx il-kapaċità li jlaħħqu ma' amministrazzjoni kumplessa.

Jew inkella jinżammu lura minħabba proċessi twal.

Dan spiss ifisser li jagħmlu inqas biż-żmien li jkollhom – u li jtilfu l-opportunitajiet ta' tkabbir.

Huwa għalhekk li, qabel l-aħħar tas-sena – se naħtru **rappreżentant tal-UE għall-SMEs** li se jirrapporta direttament lili.

Irridu nisimgħu direttament **min-negozji żgħar u ta' daqs medju**, dwar l-isfidi ta' kuljum tagħhom.



Għal kull biċċa leġislazzjoni ġdida nwettqu **kontroll tal-kompetittività** minn **bord indipendenti**.

U x-xahar d-dieħel se nagħmlu l-ewwel **proposti leġislattivi biex innaqqsu l-obbligi ta' rappurtar** fil-livell Ewropew b'25 %.

Onorevoli Membri,

Ejjew inkunu onesti – dan mhux se jkun faċli.

U se jkollna bżonn l-appoġġ tagħkom.

Għaliex dan huwa sforz komuni għall-istituzzjonijiet Ewropej kollha.

Għalhekk irridu naħdmu wkoll mal-Istati Membri, biex nilħqu l-25% fil-livell nazzjonali.

Wasal iż-żmien li niffaċilitaw in-negozju fl-Ewropa!

Iżda l-kumpaniji Ewropej jeħtieġu wkoll **aċċess għal teknoloġiji ewlenin** biex jinnovaw, jiżviluppaw u jimmanifatturaw.

Din hija kwistjoni ta' **sovranità Ewropea** kif issottolinjaw il-mexxejja Ewropej f'Versailles.

Huwa **imperattiv ekonomiku u tas-sigurtà nazzjonali** li jiġi ppreservat vantaġġ Ewropew fuq it-teknoloġiji kritiċi u emerġenti.

Din il-politika industrijali Ewropea teħtieġ ukoll **finanzjament Ewropew komuni**.

Huwa għalhekk li, – bħala parti mill-proposta tagħna għal rieżami tal-baġit tagħna — ipproponejna l-pjattaforma STEP.

Permezz ta' STEP, nistgħu **nagħtu spinta, nigranaw u nidderieġu** l-fondi tal-UE biex ninvestu f'kollox **mill-mikroelettronika sal-computing kwantistiku u l-IA**.

Mill-bijoteknoloġija sat-teknoloġija nadifa.

Il-kumpaniji tagħna issa jeħtieġu dan l-appoġġ – għalhekk **inħeġġeġ li jintlaħaq ftehim malajr dwar il-proposta tal-baġit tagħna**.

U naf li nista' noqgħod fuq din il-Kamra.



Wasal iż-żmien li niffaċilitaw in-negozju fl-Ewropa!



U hemm aktar affarijiet fir-rigward **tal-kompetittività**.

Rajna ostakli reali tul **il-ktajjen tal-provvista globali**, inkluż minħabba **l-politiki intenzjonati ta' pajjiżi oħra**.

Aħsbu ftit fuq ir-**restrizzjonijiet tal-esportazzjonijiet taċ-Ċina** fuq il-**gallju** u l-**ġermanju** – li huma essenzjali għal prodotti **bħas-semikondutturi** u **l-pannelli solari**.

Dan juri għaliex huwa tant importanti għall-Ewropa **li tintensifika s-sigurtà ekonomika**.

Bit-tnaqqis tar-riskji u mhux bil-qtuġ tal-kuntatt.

U ninsab **kburija ferm** li dan il-kunċett sab **appoġġ wiesa' mis-sħab ewlenin**.

Mill-Awstralja sal-Ġappun u l-Istati Uniti.

U ħafna pajjiżi oħra madwar id-dinja **jridu jaħdmu flimkien**.

Ħafna huma dipendenti żżejjed fuq **fornitur wieħed** għall-minerali kritiċi.

Oħrajn – mill-Amerika Latina għall-Afrika – iridu **jiżviluppaw industriji lokali għall-ipproċessar u r-raffinar**, minflok **sempliċiment jittrasportaw** ir-riżorsi tagħhom barra mill-pajjiż.

Huwa għalhekk li aktar tard din is-sena se nsejġu **l-ewwel laqgħa tal-Klabb dwar il-Materja Prima Kritika l-ġdid tagħna**.

Fl-istess ħin, se nkomplu nixprunaw kummerċ miftuħ u ġust.

S'issa, ikkonkludejna ftehimiet ġodda ta' kummerċ ħieles **maċ-Ċili, New Zealand u l-Kenja**.

Għandna nimmiraw li nlestu l-ftehimiet **mal-Awstralja, il-Messiku u l-Mercosur sal-aħħar ta' din is-sena**.


U ftit wara mal-Indja u l-Indoneżja.

Il-kummerċ intelliġenti jipprovdi impjiegi tajbin u prosperità.

Onorevoli Membri,

Dawn it-tliet sfidi – ix-xogħol, l-inflazzjoni u l-ambjent tan-negozju – qed jaslu fi żmien meta qed nitolbu wkoll lill-industrija biex tmexxi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Għalhekk hemm bżonn li nħarsu aktar 'il quddiem u nistabbilixxu **kif** se nibqgħu kompetittivi aħna u nagħmlu dan.



Huwa għalhekk li tlabt lil Mario Draghi – wieħed mill-imħuħ ekonomiċi kbar tal-Ewropa – biex **iħejji rapport dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea.**

Għaliex l-Ewropa se tagħmel kulma hu meħtieġ biex iżżomm il-vantaġġ kompetittiv tagħha.

Diġitali u IA

Onorevoli Membri,

Meta niġu biex nagħmlu n-negozju u l-ħajja aktar faċli, rajna kemm hija importanti t-teknoloġija diġitali.

Huwa sinifikanti li **qbiżna bil-kbir il-mira ta' investment ta' 20%** fi proġetti diġitali ta' NextGenerationEU.

L-Istati Membri użaw dak l-investment biex jiddiġitalizzaw il-kura tas-saħħa, is-sistema tal-ġustizzja jew in-network tat-trasport tagħhom.

Fl-istess ħin, l-Ewropa kienet fuq quddiem **fil-ġestjoni tar-riskji tad-dinja diġitali.**

L-internet inħoloq bħala strument **għall-kondiviżjoni tal-għarfien, il-ftuħ tal-imħuħ u l-konnessjoni tan-nies.**

Iżda dan **wassal ukoll għal sfidi serji.**

Id-diżinformazzjoni, it-tixrid ta' kontenut dannuż, ir-riskji għall-privatezza tad-data tagħna.

Dan kollu wassal għal **nuqqas ta' fiduċja u ksur tad-drittijiet fundamentali tan-nies.**

B'reazzjoni għal dan, l-Ewropa saret il-**pjunier globali tad-drittijiet taċ-ċittadini** fid-dinja diġitali.

Id-DSA u d-DMA qed joħolqu **spazju diġitali aktar sikur** fejn id-drittijiet fundamentali huma protetti.

U qed jiżguraw ġustizzja b'**responsabbiltajiet** ċari **għall-kumpaniji kbar tat-teknoloġija.**

Din hija kisba storika – u għandna nkunu kburin biha.



Staqsejt lil Mario Draghi – wieħed mill-imħuħ ekonomiċi kbar tal-Ewropa – biex iħejji **rapport dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea.**



L-istess għandu jkun il-każ **għall-intelliġenza artifiċjali**.

Din se **ttejjeb il-kura tas-saħħa, issaħħaħ il-produttività, tindirizza t-tibdil fil-klima**.

Iżda m'għandniex **nissottovalutaw** it-theddid tant reali.

Mijiet ta' żviluppaturi, akkademiċi u esperti ewlenin tal-IA wissewna dan l-aħħar b'dan li ġej:

"Il-mitigazzjoni **tar-riskju tal-estinzjoni** mill-IA għandha tkun prijorità globali flimkien ma' riskji oħra fuq skala tas-soċjetà bħall-pandemiji u l-gwerra nukleari."

L-IA hija teknoloġija ġenerali li hija **aċċessibbli, b'saħħitha u adattabbli** għal firxa wiesgħa ta' użi – kemm ċivili **kif ukoll** militari.

U qed timxi b'rata aktar mgħagħla milli antiċipaw saħansitra l-iżviluppaturi tagħha.

Għalhekk għandna opportunità dejjem aktar limitata biex niggwidaw din it-teknoloġija b'mod responsabbli.

Nemmen li l-Ewropa, flimkien ma' sħabha, għandha **twitti t-triq għal qafas globali ġdid** għall-IA, mibni fuq tliet pilastri: **ilqugħ, governanza u l-iggwidar tal-innovazzjoni**.

L-ewwel nett, **l-ilqugħ**.

Il-prijorità ewlenija tagħna hija li niżguraw li **l-IA tiżviluppa b'mod iċċentrat fuq il-bniedem, trasparenti u responsabbli**.

Huwa għalhekk li fil-Linji Gwida Politiċi tiegħi, impenjajt ruħi li nistabbilixxi **approċċ leġiżlattiv fl-ewwel 100 jum**.

Ressaqna **l-Att dwar l-IA – l-ewwel liġi komprensiva fid-dinja dwar l-IA favur l-innovazzjoni**.

U nixtieq nirringrazzja lil din il-Kamra u lill-Kunsill għall-ħidma bla heda fuq din il-liġi rivoluzzjonarja.

L-att tagħna dwar l-IA diġà huwa **mudell għad-dinja kollha**.

Issa rridu niffukaw fuq l-adozzjoni tar-regoli mill-aktar fis possibbli u ngħaddu għall-implimentazzjoni.



L-att tagħna dwar l-IA diġà huwa **mudell għad-dinja kollha**. Issa rridu niffukaw fuq l-adozzjoni tar-regoli mill-aktar fis possibbli u ngħaddu għall-implimentazzjoni.



It-tieni pilastru huwa l-**governanza**.

Issa qed inqiegħdu s-sisien għal sistema ta' governanza unika fl-Ewropa.

Iżda għandna wkoll ningħaqdu mas-sħab tagħna biex niżguraw **approċċ globali** biex nifhmu l-impatt tal-IA fis-soċjetajiet tagħna.

Aħsbu dwar il-kontribut imprezzabbli tal-IPCC għall-klima, panel globali li jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika bl-aktar xjenza riċenti.

Nemmen li neħtieġu korp simili għall-IA – **dwar ir-riskji u l-benefiċċji tagħha għall-umanità**.

Ma' xjenzati, kumpaniji tat-teknoloġija u esperti indipendenti lkoll miġbura madwar il-mejda.

Dan se jippermettilna niżviluppaw rispons rapidu u kkoordinat globalment – li jibni fuq **ix-xogħol li sar mill-Proċess ta' Hiroshima u oħrajn**.

It-tielet pilastru huwa l-**igwidar tal-innovazzjoni** b'mod responsabbli.

Bis-saħħa tal-investment tagħna f'dawn l-aħħar snin, l-Ewropa issa **tinsab minn ta' quddiem nett fis-superkomputazzjoni** – bi tlieta mill-ħames l-aktar supercomputers b'saħħithom fid-dinja.

Jeħtieġ li nkomplu nibnu fuq dan.

Huwa għalhekk li llum nista' nħabbar **inizjattiva ġdida biex il-kompjuters ta' prestazzjoni għolja tagħna jinfetħu għan-negozji ġodda tal-IA** biex iħarrġu l-mudelli tagħhom.

Iżda dan se jkun biss parti mill-ħidma tagħna biex **nigwidaw l-innovazzjoni**.

Neħtieġu **djalogu miftuħ** ma' dawk li **jiżviluppaw u jiskjeraw l-IA**.

Dan jiġri fl-Istati Uniti, fejn seba' kumpaniji ewlenin tat-teknoloġija diġà qablu dwar **regoli volontarji dwar is-sikurezza, is-sigurtà u l-fiduċja**.

Jiġri hawn, fejn se naħdmu ma' kumpaniji tal-IA sabiex jimpenjaw ruħhom b'mod volontarju għall-prinċipji **tal-Att dwar l-IA qabel** ma jidħol fis-seħħ.

Issa għandna niġbru din il-ħidma kollha lejn **standards globali minimi għal użu sikur u etiku tal-IA**.



Globali, migrazzjoni u sigurtà

Onorevoli Membri,

Meta kont hawn erba' snin ilu, għidt li jekk inkunu magħqudin internament, ħadd minn barra ma kien se jifridna.

U dan kien il-ħsieb wara l-Kummissjoni Ġeopolitika.

L-**approċċ tagħna ta' Tim Ewropa** ppermettelnha nkunu aktar strateġiċi, aktar assertivi u aktar magħqudin.

U dan huwa aktar importanti minn qatt qabel.

Qalbna tinqasam meta naraw it-telf devastanti ta' ħajjiet **fil-Libja u fil-Marokk** wara l-għargħar vjolenti u t-terremot.

.....

L-**approċċ tagħna ta' Tim Ewropa** ppermettelnha nkunu aktar strateġiċi, aktar assertivi u aktar magħqudin.

L-Ewropa dejjem se tkun lesta li tappoġġa b'kull mod li tista'.

Jew aħsbu fir-reġjun tas-Saħel, wieħed mill-ifqar reġjuni iżda li demografikament qed jikber malajr.

.....

reġjun aktar instabbli għas-snin li ġejjin.

Is-sensiela ta' kolpi militari se tagħmel ir-

Ir-Russja qed tinfluwenza u tibbenefika mill-kaos.

U r-reġjun sar art fertili għaż-żieda fit-terroriżmu.

Dan jikkonċerna direttament lill-Ewropa – għas-sigurtà u l-prosperità tagħna.

Għalhekk irridu nuru l-istess **għaqda fl-għanijiet lejn l-Afrika kif urejna għall-Ukrajna.**

Irridu niffukaw fuq **il-kooperazzjoni mal-gvernijiet leġittimi u l-organizzazzjonijiet reġjonali.**

U rridu niżviluppaw sħubija ta' benefiċċju reċiproku li tiffoka fuq kwistjonijiet komuni għall-Ewropa u l-Afrika.

Huwa għalhekk li, flimkien mar-Rappreżentant Għoli Borrell, se naħdmu fuq **approċċ strateġiku ġdid li nistgħu immexxu 'l quddiem fis-Summit UE-UA li jmiss.**

Onorevoli Membri,

L-istorja miexja 'l quddiem.

Ir-Russja qed tmexxi gwerra sħiħa kontra l-prinċipji fundamentali tal-Karta tan-NU.

Dan qajjem tħassib kbir f'pajjiżi mill-Asja Ċentrali sar-reġjun Indo-Paċifiku.

Jinsabu inkwetati li f'dinja mingħajr liġi, jafu jiffaċċjaw l-istess destin tal-Ukrajna.

Qegħdin naraw tentattiv ċar minn xi wħud li nerġgħu ngħaddu għal ħsieb tal-blokok - b'tentattivi li jiġu iżolati u influwenzati l-pajjiżi.

U dan qed iseħħ fi żmien meta hemm skumdità akbar minn ħafna ekonomiji emerġenti minħabba l-mod li l-istituzzjonijiet u l-globalizzazzjoni jaħdmu għalihom.

Dan it-tħassib huwa leġittimu.

Dawn l-ekonomiji emerġenti bin-nies u l-assi naturali tagħhom, huma alleati essenzjali fil-bini ta' dinja aktar nadifa, sigura u aktar prosperuża.

L-Ewropa se taħdem dejjem magħhom biex tirrifirma u ttejjeb is-sistema internazzjonali.

Irridu mmexxu l-isforzi biex nagħmlu l-ordni bbażat fuq ir-regoli aktar ġust u nagħmlu d-distribuzzjoni aktar ugwali.

Dan se jfisser ukoll li rridu naħdmu ma' sħab ġodda u antiki biex nappfondixxu l-konnessjonijiet tagħna.

L-offerta tal-Ewropa **bil-Global Gateway** hija tassew unika.

Global Gateway hija aktar trasparenti, aktar sostenibbli, u aktar attraenti ekonomikament.

Il-ġimgħa l-oħra stess kont New Delhi biex niffirma l-aktar proġett ambizzjuż tal-ġenerazzjoni tagħna.

Il-Kuritur Ekonomiku bejn l-Indja, il-Lvant Nofsani u l-Ewropa.

Din se tkun l-aktar konnessjoni diretta li qatt saret bejn l-Indja, il-Golf Għarbi u l-Ewropa: B'konnessjoni ferrovjarja, li se tagħmel il-konnessjoni kummerċjali bejn l-Indja u l-Ewropa 40% aktar rapida.

B'kejbil elettriku u b'pipeline ta' idroġenu nadif, biex jitrawwem kummerċ b'enerġija nadifa bejn l-Asja, il-Lvant Nofsani u l-Ewropa.

B'kejbil ta' *data* b'veloċità għolja, biex jingħaqdu xi wħud mill-aktar ekosistemi diġitali innovattivi fid-dinja, u jinħolqu opportunitajiet ta' negozju tul il-perkors.

Dawn huma konnessjonijiet tal-għola livell għad-dinja ta' għada.



Aktar veloċi, iqsar, aktar nodfa.

Global Gateway qed tagħmel differenza reali.

Rajtha fl-Amerka Latina, fix-Xlokk tal-Asja u madwar l-Afrika - mill-bini ta' ekonomija lokali tal-idroġenu man-Namibja u l-Kenja, sa ekonomija diġitali mal-Filippini.

Dawn huma investimenti fl-ekonomija tas-sħab tagħna.

Huma wkoll investimenti fil-prosperità u s-sigurtà tal-Ewropa f'dinja li qed tinbidel malajr.

Onorevoli Membri,

Ta' kuljum, il-kunflitti, it-tibdil fil-klima u l-instabbiltà jġiegħlu lin-nies ifittxu rifuġju xi mkien ieħor.

Minn dejjem kont konvinta bis-sħiħ li l-migrazzjoni trid tiġi ġestita.

Dan jeħtieġ paċenzja u sforzi fit-tul mas-sħab tagħna.

U fuq kollox, li jkun hemm l-għaqda fl-Unjoni.

Dan huwa l-ispirtu tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Meta bdejt il-mandat tiegħi, l-ebda kompromess ma deher possibbli.

Iżda permezz tal-Patt, sibna bilanċ ġdid.

Bejn il-protezzjoni tal-fruntieri u l-protezzjoni tal-persuni.

Bejn is-sovranità u s-solidarjetà.

Bejn is-sigurtà u l-umanità.

Aħna smajna lill-Istati Membri kollha u eżaminajna r-rotot migratorji kollha.

U sarrafna l-ispirtu tal-patt f'soluzzjonijiet prattiċi.

Irrispondejna malajr u magħqudin għall-attakk ibridu mill-Belarusija.



Global Gateway qed tagħmel differenza vera.



Ħdimna mill-qrib mas-sħab tagħna tal-Balkani tal-Punent — u naqqasna l-flussi irregolari.

Iffirmajna sħubija mat-Tuneżija li ġġib magħha benefiċċji reċiproċi lil hinn mill-migrazzjoni — mill-edukazzjoni u l-ħiliet vokazzjonali, sal-enerġija u s-sigurtà.

U issa rridu naħdmu fuq ftehimiet simili ma' pajjiżi oħra.

Saħħaħna l-protezzjoni tal-fruntieri.

L-aġenziji Ewropej żiedu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Istati Membri.

U nixtieq niringrazzja lill-Bulgarija u lir-Rumanija, b'mod partikolari, talli wrew it-triq, billi wrew prattiki tajbin fil-qasam tal-ażil u tar-ritorn.

Huma taw prova ta' dan: il-Bulgarija u r-Rumanija huma parti miż-żona Schengen tagħna.

Ejjew fl-aħħar inħalluhom jissieħbu, mingħajr aktar dewmien!

Sinjuri,

Ix-xogħol tagħna fuq il-migrazzjoni huwa bbażat fuq il-konvinzjoni li għaqda tista' tintlaħaq.

Ftehim dwar il-patt qatt ma kien daqshekk qrib.

Il-Parlament u l-Kunsill għandhom okkażjoni storika li jwettquh.

Ejjew nuru li l-Ewropa tista' timmaniġġja l-migrazzjoni b'effikaċja u b'kompassjoni.

Ejjew intemmu x-xogħol!

Onorevoli Membri,

Nafu li l-migrazzjoni teħtieġ ħidma kostanti.

U dan huwa partikolarment vitali fil-ġlieda kontra n-networks tal-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin tal-bnedmin.

Bil-gideb, huma jattiraw nies li huma ddisprati.



U jqegħduhom f'toroq fatali li jgħaddu mid-deżert, jew fuq dgħajjes żgħar li mhumiex adegwati biex jinnavigaw.

Il-mod li bih dawn il-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin joperaw qed jevolvi l-ħin kollu.

Iżda l-leġiżlazzjoni tagħna għandha aktar minn għoxrin sena u teħtieġ aġġornament urġenti.

Għalhekk, neħtieġu leġiżlazzjoni ġdida u struttura ġdida ta' governanza.

Neħtieġu infurzar aktar strett tal-liġi, azzjoni legali u rwol aktar prominenti għall-aġenziji tagħna – l-Europol, il-Eurojust u l-Frontex.

U rridu naħdmu mas-sħab tagħna biex niġġieldu kontra din il-pjaga dinjija.

Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni se torganizza **Konferenza Internazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.**



Il-Kummissjoni se torganizza **Konferenza Internazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.**



Issa wasal iż-żmien li ntemmu dan in-negożju aħrax u kriminali!

L-Ukrajna

Onorevoli Membri,

Fil-jum meta t-tankijiet Russi qasmu l-fruntiera fl-Ukrajna, omm żagħżugħa Ukrena telqet lejn Praga biex tneħħi lil binha mill-periklu.

Meta l-uffiċjal tal-fruntiera Ċeka ttimbralha l-passaport, bdiet tibki.

Binha ma fehemx x'qed jiġri. Saqsa lil ommu għaliex kienet qiegħda tibki.

Hija weġbitu: "Għaliex hawnhekk dħalna d-dar."

"Iżda hawn mhux l-Ukrajna," qalilha.

Għalhekk spjegatlu: "Din hija l-Ewropa."

Dakinhar, dik l-omm Ukrena, ħasset li l-Ewropa kienet id-dar tagħha.

Għaliex "id-dar hija l-post fejn nafdaw lil xulxin".

In-nies tal-Ukrajna setgħu jafdaw lil sħabhom l-Ewropej.

Din l-omm kien jisimha Victoria Amelina.

Kienet waħda mill-kittieba żgħażaġħ il-kbar tal-ġenerazzjoni tagħha, u attivista bla heda għall-ġustizzja.

Ladarba binha kien jinsab f'post sigur, Victoria rritornat l-Ukrajna biex tiddokumenta r-reati tal-gwerra tar-Russja.

Sena wara, inqatlet minn missila ballistika Russa waqt li kienet qed tiekol mal-kollegi.

Vittma ta' reat tal-gwerra Russu, wieħed minn ħafna attacki kontra nies pajżana innoċenti.

Amelina dakinhar kienet ma' tlitt iħbieb, inkluż Héctor Abad Faciolince, hu wkoll kittieb, mill-Kolombja.

Huwa parti minn kampanja li jisimha "Aguanta, Ucraina" – "Irreżisti, Ukrajna", li nħolqot biex tirrakkonta l-gwerra ta' aggressjoni Russa u l-attacki fuq nies ċivili lill-popolazzjoni tal-

Amerka Latina.

Iżda Héctor qatt ma immaġina li seta' jispiċċa fil-mira hu stess.

Wara, qal li ma jafx għaliex hu salva u Victoria mietet.

Illum, hu qed jirrakkonta lid-dinja dwar Victoria. Biex iżomm il-memorja tagħha ħajja, u biex tintemm din il-gwerra.

Ninsab onorata li illum Héctor jinsab magħna illum.

Nixtieqek tkun taf li aħna se nżommu l-memorja ta' Victoria, kif ukoll tal-vittmi kollha l-oħra, ħajja.

Aguanta, Ucraina. Slava Ukraini!

Onorevoli Membri,

Se nkunu fuq in-naħa tal-Ukrajna f'kull pass tal-proċess.

Sakemm hemm bżonn.

Mill-bidu tal-gwerra, erba' miljun Ukren sabu kenn fl-Unjoni tagħna.

Nixtieq ngħidilhom merħba bihom illum daqs kemm kienu f'dawk l-ewwel ġimgħat kruċjali.

Żgurajna li jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni, għall-kura tas-saħħa, għas-suq tax-xogħol u għal ħafna aktar.



Onorevoli Membri,

din kienet l-Ewropa twieġeb għas-sejħa tal-istorja.

Bi kburiya qiegħda nħabbar li l-Kummissjoni qed tipproponi li testendi l-protezzjoni temporanja tagħna lill-Ukreni fl-UE.

L-appoġġ tagħna lill-Ukrajna se jtul.

Dis-sena biss ipprovdejna 12-il biljun euro biex ngħinu li jitħallsu l-pagi u l-pensjonijiet.

Dawn għenu wkoll biex l-isptarijiet, l-iskejjel u servizzi oħra jibqgħu jaħdmu.

Permezz tal-proposta tagħna dwar l-ASAP, qed inżidu l-produzzjoni tal-munizzjoni biex ngħinu l-bżonnijiet immedjati tal-Ukrajna.

Iżda qiegħdin ukoll inħarsu aktar 'il quddiem.

Għalhekk ipproponejna 50 biljun euro addizzjonali fuq erba' snin għall-investment u r-riformi.

Dan se jgħin biex jinbena l-futur tal-Ukrajna biex jerġa' jinbena pajjiż modern u prosperuż.

Dak il-futur issa huwa ċar.

Din il-Kamra ddikjaratha pubblikament: Il-futur tal-Ukrajna huwa fl-Unjoni tagħna.

Il-futur tal-Balkani tal-Punent huwa fl-Unjoni tagħna.

Il-futur tal-Moldova huwa fl-Unjoni tagħna.

U naf kemm il-perspettiva tal-UE hija għażiża għal ħafna fl-Georgia.

Onorevoli Membri,

Bdejt billi tkellimt dwar l-Ewropa li twieġeb għas-**sejħa tal-istorja**.

L-istorja issa qed issejħilna biex naħdmu fuq li nikkompletaw l-Unjoni tagħna.

.....

Il-Kummissjoni qed tipproponi li **testendi l-protezzjoni temporanja tagħna lill-Ukreni fl-UE.**

.....



F'dinja fejn uħud qiegħdin jippruvaw jimmiraw lejn pajjiżi wieħed wieħed, ma nistgħux inħallu lil sħabna l-Ewropej warajna.

F'dinja fejn id-daqs u l-piż jgħoddu, huwa evidentement fl-interess strateġiku u ta' sigurtà tal-Ewropa li nikkompletaw l-Unjoni tagħna.

Lil hinn mill-politika u l-ġeopolitika tagħha, irridu nifhmu x'inhu involut.

Irridu nistabbilixxu viżjoni għal tkabbir ta' suċċess.

Unjoni kompluta b'aktar minn 500 miljun ruħ jgħixu f'Unjoni ħielsa, demokratika u prosperuża.

Unjoni kompluta b'nies żgħażaġħ li jistgħu jgħixu, jistudjaw u jaħdmu fil-libertà.

Unjoni kompluta b'demokrazzi vibranti li fihom il-ġudikatura tkun indipendenti, l-oppożizzjonijiet jiġu rispettati u l-ġurnalisti jiġu protetti.

Għaliex l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali se jkunu dejjem il-bażi tal-Unjoni tagħna, fi Stati Membri preżenti kif ukoll f'dawk futuri.

Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni għamlet ir-Rapporti tal-Istat tad-Dritt prijorità ewlenija.

Issa qed naħdmu mill-qrib mal-Istati Membri biex nidentifikaw il-progress u t-tħassib, u nagħmlu rakkomandazzjonijiet għas-sena li ġejja.



L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali se jkunu dejjem il-bażi tal-Unjoni tagħna, fi Stati Membri preżenti kif ukoll f'dawk futuri.



Dan żgura kontabilità quddiem din il-Kamra u quddiem parlamenti nazzjonali.

Ippermetta d-djalogu bejn l-Istati Membri.

Dan qiegħed jagħti r-riżultati mixtieqa.

Nemmen li jista' jagħmel l-istess għal Stati Membri futuri.

Huwa għalhekk li ninsab kuntenta ħafna li nħabbar li se niftħu r-Rapporti tal-Istat tad-Dritt għal dawk il-pajjiżi tal-adeżjoni li jilħqu l-istandards meħtieġa aktar malajr.

Dan ipoġġihom fuq l-istess livell mal-Istati Membri.

Jappoġġahom ukoll fl-isforzi ta' riforma tagħhom.

Kif ukoll jgħin jiżgura li l-futur tagħna jkun Unjoni ta' libertà, drittijiet u valuri għal kulħadd.

Onorevoli Membri,

Dan huwa fl-interess komuni tagħna.

Aħsbu dwar it-tkabbir il-kbir ta' 20 sena ilu.

Sejjaħnielu l-Jum Ewropew tal-Merħbiet.

Kien rebħa ta' determinazzjoni u tama fuq il-piżijiet tal-passat.

F'dawn l-20 sena rajna storja ta' suċċess ekonomiku li tejbet il-ħajjiet ta' miljuni.

Irrid li nħarsu 'l quddiem lejn il-Jum Ewropew tal-Merħbiet li jmiss u lejn l-istejjer ta' suċċess ekonomiku li jmiss.

Konxji li din mhijiex triq faċli.

L-adeżjoni hija bbażata fuq il-mertu – u l-Kummissjoni dejjem se tiddefendi dan il-prinċipju.

Tinvolvi **xogħol iebes u tmexxija.**

Iżda diġà hemm ħafna progress.

Rajna l-passi kbar li għamlet l-Ukrajna mindu ngħatat l-istatus ta' kandidat.

Rajna wkoll id-determinazzjoni ta' pajjiżi kandidati oħrajn għar-riforma.

Onorevoli Membri,

wasal iż-żmien li aħna nilħqu dik id-determinazzjoni.

Dan ifisser li naħsbu kif se nħejju għal Unjoni kompleta.

Irridu nħallu warajna dibattiti antiki u binarji dwar it-tkabbir.



L-adeżjoni hija bbażata fuq il-mertu - u l-Kummissjoni dejjem se tiddefendi dan il-prinċipju.



Bdejna nibnu Unjoni Ewropea tad-Difiża b'27 Stat Membru.

Nemmen li nistgħu ntemmu l-bini tagħha b'aktar minn 30 Stat Membru.

Urejna li nistgħu nkunu Unjoni Ġeopolitika u wkoll li fl-għaqda, nistgħu nimxu malajr.

Nemmen li Tim Ewropa jaħdem ukoll b'aktar minn 30 Stat Membru.

Din m'hijiex kwistjoni ta' approfondiment tal-integrazzjoni jew ta' twessigħ tal-Unjoni.

Nistgħu u rridu nagħmlu t-tnejn li huma.

Biex jagħtuna l-piż ġeopolitika u l-kapaċità li naġixxu.

L-Unjoni tagħna dejjem għamlet dan.

Kull mewġa ta' tkabbir gābet magħha approfondiment politiku.


Għaddejna mill-faħam u l-azzar għal integrazzjoni ekonomika sħiħa.

Wara l-waqqgħa tal-Purtiera tal-Ħadid, biddilna proġett ekonomiku f'Unjoni vera ta' nies u stati.

Nemmen li t-tkabbir li jmiss għandu jkun ukoll katalist għall-progress.

Bdejna nibnu Unjoni tas-Saħħa b'27 Stat Membru.

Nemmen li nistgħu ntemmu l-bini tagħha b'aktar minn 30 Stat Membru.



Onorevoli Membri,

Naf li din il-Kamra tħaddan l-istess twemmin.

U li l-Parlament Ewropew dejjem kien wieħed mill-muturi ewlenin tal-integrazzjoni Ewropea.

Dan ilu minnu matul deċennji sħaħ.

U tant ieħor illum.

Jiena dejjem se nappoġġa lil din il-Kamra u lil dawk kollha li jridu jirrifirmaw l-UE biex taħdem aħjar għaċ-ċittadini.

Iva, dan ifisser permezz ta' Konvenzjoni Ewropea u bidla fit-Trattati Ewropej jekk u fejn

ikun hemm bżonn!

Iżda ma nistgħux – u m'għandniex – nistennew bidla fit-Trattati biex nipproċedu bit-tkabbir.

.....

Bdejna nibnu **l-Unjoni Ewropea tad-Difiża fis-27** u nemmen li nistgħu **ntemmuha b' 30+**.

.....

Nistgħu niksbu Unjoni tajba għat-tkabbir aktar malajr.

Dan ifisser li nwieġbu domandi prattiċi dwar kif Unjoni ta' aktar minn 30 pajjiż se taħdem fil-prattika.

Irridu nwieġbu domandi b'mod partikolari dwar il-kapaċità tagħna li naġixxu.

L-aħbar it-tajba hija li b'kull tkabbir ngħatat prova li dawk li qalu li dan kien se jagħmilna anqas effiċjenti kienu żbaljati.

Ejja naraw l-aħħar ffit snin.

Qbilna dwar NextGenerationEU b'27 Stat Membru.

Qbilna li nixtru l-vaċċini b'27 Stat Membru.

Bl-istess mod qbilna dwar sanzjonijiet fi żmien rekord.

Qbilna li nixtru l-gass naturali, mhux biss b'27 Stat Membru iżda inkludejna lill-Ukrajna, lill-Moldova u lis-Serbja.

Għalhekk, tista' ssir.

Iżda rridu nħarsu aktar mill-qrib lejn kull politika u naraw kif se jkunu affettwati minn Unjoni akbar.

Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni se tibda taħdem fuq serje ta' **reviżjonijiet ta' politika ta' qabel l-adeżjoni** biex tara b'liema mod kull qasam jeħtieġ li jiġi adattat għal Unjoni akbar.

Jeħtieġ li naħsbu dwar kif l-istituzzjonijiet tagħna se jaħdmu, u dwar kif il-Parlament u l-Kummissjoni jkunu jidhru.

Jeħtieġ ukoll li niddiskutu l-futur tal-baġit tagħna, f'termini ta' **x'**jiffinanzja, **kif** jiffinanzja u kif jiġi **ffinanzjat**.

Irridu wkoll nifhmu kif niżguraw **impenji ta' sigurtà kredibbli** f'dinja fejn id-deterrenza tiswa aktar minn qatt qabel.

Dawn huma l-mistoqsijiet li rridu nindirizzaw **illum** jekk irridu nkunu preparati għal għada.

U l-Kummissjoni se tagħmel il-parti tagħha.

.....

Il-Kummissjoni se tibda taħdem fuq serje ta' **reviżjonijiet ta' politika ta' qabel l-adeżjoni** biex tara b'liema mod kull qasam jeħtieġ li jiġi adattat għal Unjoni akbar.

.....

Għalhekk se **nressqu l-ideat tagħna fid-diskussjoni tal-Mexxejja taħt il-Presidenza Belġjana**.

Se nkunu mmexxija mit-twemmin li l-ikkompletar tal-Unjoni tagħna huwa l-aħjar investiment fil-paċi, is-sigurtà u l-prosperità għall-Kontinent tagħna.

Għal darb'oħra wasal iż-żmien għall-Ewropa li tkun ambizzjuża u tikteb id-destin tagħha stess!

Konklużjoni

Onorevoli Membri,

Victoria Amelina kienet temmen li huwa d-dmir kollettiv tagħna li niktbu storja ġdida għall-Ewropa.

Dan huwa fejn tinsab l-Ewropa illum.

Tinsab f'mument u f'post li fih qed tinkiteb l-istorja.

Il-futur tal-kontinent tagħna jiddependi fuq l-għażliet li nagħmlu illum.

Jiddependi fuq il-passi li nieħdu illum biex nikkompletaw l-Unjoni tagħna.

In-nies tal-Ewropa jridu Unjoni li taqbeż għalihom fi żmien ta' kompetizzjoni kbira għall-poter.

Iżda wkoll Unjoni li tiprotegijhom u tkun maġenbhom bħala sieħeb u alleat fil-battalji ta' kuljum tagħhom.

Aħna se nisimgħu l-vuċi tagħhom.

Dak li jimporta għall-Ewropej, jimporta għall-Ewropa.

Erġgħu morru lura għall-viżjoni u l-immaġinazzjoni tal-ġenerazzjoni żagħżugħa li bdejt id-diskors tiegħi biha.

Dan huwa l-mument li nuruhom li nistgħu nibnu kontinent fejn tista' tkun min verament int, tħobb lil min trid, u timmira 'l fuq kemm tixtieq.

•••••

Kontinent **rikonċiljat man-natura u li juri t-triq 'il quddiem dwar teknoloġiji ġodda.**

Kontinent **rikonċiljat man-natura** u li **juri t-triq 'il quddiem dwar teknoloġiji ġodda.**

•••••

Kontinent **magħqud fil-libertà u l-paċi.**

Għal darb'oħra – dan huwa l-mument li fih l-Ewropa twieġeb is-sejħa tal-istorja.

Viva l-Ewropa.

Brussell, it-13 ta' Settembru 2023

Għażiża President Metsola,
Għażiż Prim Ministru Sánchez,

L-istorja qed tevolvi. L-avvenimenti li għaddejna minnhom fl-aħħar erba' snin, se jsawru d-dinja għal għexieren ta' snin li ġejjin: minn pandemija dinjija għar-ritorn tal-gwerra fil-kontinent tagħna, miż-żieda fl-istanzi tat-temp estrem għaż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali.

Dan il-punt kruċjali fl-istorja dinjija kien ukoll punt kruċjali għall-Ewropa. Inħolqot Unjoni ġeopolitika – bir-rispons tagħna għall-gwerra kontra l-Ukrajna u għall-kompetizzjoni bejn il-potenzi l-kbar. NextGenerationEU reġa' startja l-magna ekonomika tagħna u ta spinta 'l quddiem lit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħna. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew – l-istrateġija tagħna għat-tkabbir – poġġa lill-Ewropa fuq perkors stabbli lejn in-newtralità klimatika, filwaqt li xpruna r-rispons tagħna għall-aggressjoni Russa. Bdejna nibnu Unjoni tas-Saħħa u nagħmlu lilna nfusna aktar indipendenti fis-setturi kruċjali bħall-enerġija, iċ-ċipep u l-materja prima. Sirna pijunieri dinjin tad-drittijiet diġitali u poġġejna d-drittijiet soċjali fil-qalba tal-irkupru tagħna, filwaqt li salvajna 40 miljun impjeg bis-saħħa tal-inizjattiva tagħna ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. U għamilna ħidma pijuniera fejn tidħol l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, mid-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet sal-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul.

Bis-saħħa tal-ħidma komuni tal-istituzzjonijiet tal-UE, **wettaqna aktar minn 90% tal-Linji Gwida Poliċi tal-2019** – u dan minkejja l-kriżijiet kollha. Ilħaqna ftehim dwar **63% tas-633** proposta leġiżlattiva li din il-Kummissjoni ressqet fuq il-mejda. Iżda għad fadal xi jsir. Iż-żmien sal-elezzjonijiet Ewropej se jkun kruċjali biex inlestu l-ħidma li bdejna, iżda wkoll biex inferrxu ż-żerriegħa għas-snin li ġejjin.

Dan hu l-mument biex niksbu r-riżultati għal-lum u nħejju għal għada. Għalhekk hu kruċjali li niffinalizzaw il-ftehim dwar il-proposti leġiżlattivi li diġà ppreżentajna. Kif urew il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għal darb'oħra matul dan il-mandat – l-aktar riċenti, bl-approvazzjoni fi żmien rekord tal-Att tagħna b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon – meta jkun hemm ir-rieda, naslu. Fix-xhur li ġejjin, irridu nuru l-istess sens ta' għan komuni fejn tidħol leġiżlazzjoni ewlenija, billi pereżempju l-Patt il-Ġdid għall-Migrazzjoni u l-Ażil isir realtà, u jitwettaq ir-Rieżami tal-Governanza Ekonomika jew jiġi approvat l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. Ejjew nimbuttaw 'il quddiem ukoll il-proposta tagħna għal rieżami ta' nofs it-terminu tal-baġit tal-UE, li jinkludi finanzjament essenzjali għall-prijoritajiet immedjati tagħna.

Biex tipprijoritizza din il-ħidma leġiżlattiva li għaddejja bħalissa, il-Kummissjoni se tippreżenta biss **għadd limitat ta' inizjattivi ġodda li jirriflettu l-impenji eżistenti tagħna jew jirreaġixxu għall-isfidi emerġenti** – bħall-mira klimatika għall-2040 jew il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, bħat-traffikar tal-persuni u tad-droga. Il-lista ta' hawn tenfasizza l-prijoritajiet ewlenin tagħna, li dwarhom ikkunsidrajna kif xieraq id-djalogu politiku mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u mal-korpi konsultattivi. Dawn l-azzjonijiet se jkunu dettaljati u kkumplimentati fil-programm ta' ħidma tagħna għall-2024.

Fl-istess waqt, se nissoktaw b'ħidmitna biex niżguraw tranżizzjoni ġusta għan-nies, għall-industrija u għall-bdiewa. Se naħdmu biex inkomplu nnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u nixprunaw il-kompetittività industrijali tagħna u l-preġi tas-Suq Uniku. Se nkomplu nistinkaw biex nagħmlu l-Ewropa aktar ġusta u nwettqu l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari bis-**Summit ta' Val Duchesse** mas-sħab soċjali li se jsir mal-Presidenza Belġjana – kważi 40 sena wara l-laqgħa storika li saret fl-istess post u għenet fil-varar tad-Djalogu Soċjali Ewropew. U se jkollna sensiela ta' **Djalogi dwar Tranżizzjoni Lejn l-Enerġija Nadifa mal-industrija**, u **djalogu strateġiku mal-komunità tal-biedja** biex niżguraw li l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni ssir b'mod ġust, intelliġenti u inklużiv. Mario Draghi se jħejji rapport dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea, billi jħares lejn l-isfidi li qed isibu l-industrija u l-kumpaniji fis-Suq Uniku tagħna.

U se nibqgħu naħdmu wkoll biex **nagħmlu l-istituzzjonijiet tagħna stess aktar rappreżentattivi tan-nies li nservu**. Illum in-nisa jokkupaw aktar minn 47% tal-pożizzjonijiet maniġerjali superjuri fil-Kummissjoni. Qrobna ferm lejn dak li hu meqjus bħala sitwazzjoni ta' bilanċ bejn il-ġeneri. Għall-ewwel darba fl-istorja, aktar nisa milli rġiel qed jokkupaw il-karigi ta' Direttur Ġenerali fil-Kummissjoni.

Hekk kif mexjin lejn it-tieni sena sħiħa tal-gwerra, l-Ewropa se tibqa' soda u se tkompli bl-appoġġ bla heda tagħha għall-Ukrajna. Sa nagħmlu dan sakemm ikun hemm bżonn. F'daqqa, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha diġà pprovdew **EUR 76 biljun** f'appoġġ lill-ekonomija, lis-soċjetà u lill-isforzi militari tal-Ukrajna. U jiena kburi li se nipproponu **l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja tagħna lill-Ukreni fl-UE**. Dan ifisser li l-ħbieb Ukreni tagħna se jibqgħu jgawdu aċċess għas-suq tax-xogħol tagħna, għall-iskejjel tagħna u għas-sistema tas-saħħa tagħna. Se nkomplu naħdmu wkoll biex inqarrbu l-ekonomija tal-Ukrajna aktar lejna hekk kif tkompli miexja fi triqitha lejn il-post leġittimu tagħha fl-Unjoni tagħna. Fl-istess waqt, qed nissikkaw u nestendu aktar is-sanzjonijiet, u qed nimmiraw li nżidu l-appoġġ militari tagħna permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, kif ukoll bit-taħriġ lis-suldati Ukreni.


Id-dover li aħna msejħa nwettqu mhu xejn inqas minn wieħed storiku. **Filwaqt li l-pajjiżi kandidati qed iħejju għall-adeżjoni, l-Unjoni tagħna wkoll trid tħejji ruħha**. Dan it-tkabbir li jmiss għandu jkun katalist għall-progress, bħalma kull tkabbir preċedenti kien tħejja b'riformi istituzzjonali profondi u sar flimkien magħhom. Il-Kummissjoni se tippreżenta l-ideat tagħha dwar dan.

Fl-ewwel xhur ta' dan il-mandat, jien għedt li l-Ewropa hija storja ta' ġenerazzjonijiet. Hekk kif ġenerazzjoni ġdida ta' kapijiet Ewropej qed jersqu lejn l-elezzjonijiet, irridu nwettqu l-aspirazzjonijiet tagħhom u nindirizzaw l-ansjetajiet tagħhom. Irridu nfasslu t-triq 'il quddiem **għat-tlestija tal-Unjoni tagħna u għat-tħejjija tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-proġett Ewropew**.

Dan hu l-impenn komuni li għandna quddiemna. Tistgħu sserrħu raskom li l-Kummissjoni se taħdem magħkom f'kull pass.



Ursula von der Leyen



Maroš Šefčovič

Prijoritajiet ewlenin għall-2024

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

- Pakkett Ewropew tal-Enerġija mir-Riħ
- Miri klimatiċi għall-2040
- Inizjattiva għar-reżiljenza tal-ilma

Ewropa lesta għall-era diġitali

- Liġi tal-UE dwar l-Ispazju
- Strateġija dwar l-Ekonomija tad-Data Spazjali
- Inizjattiva biex il-kapaċità tas-superkompjuter Ewropew tinfetaħ għal negozji ġodda tal-AI etiċi u responsabbli

Ekonomija għas-Servizz tan-Nies

- Inizjattiva tal-UE dwar il-Bijoteknoloġija u l-Bijomanifattura
- Segwitu għas-Summit ta' Val Duchesse
- Materjali Avanzati għal tmexxija industrijali
- Inizjattiva dwar ir-regoli dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet

Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-dinja


- Tisħiħ tas-sħubija mal-Afrika
- Strateġija Industrijali tad-Difiża Ewropea

Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna

- Estensjoni tal-Protezzjoni Temporanja għal dawk li qed jaħarbu l-gwerra fl-Ukrajna
- Pjan ta' Azzjoni dwar il-għieda kontra t-traffikar tad-droga, inkluż l-Alleanza Ewropea tal-Portijiet
- Aġġornament tal-qafas legali u tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-għieda kontra t-traffikar tal-migranti
- Lawrja Ewropea Konġunta

Spinta Ġdida għad-Demokrazija Ewropea

- Komunikazzjoni dwar ir-riformi ta' qabel it-tkabbir u r-rieżamijiet tal-politika
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal



L-Ewropa: futur ta' min jiggiel għalih

Sena ilu, l-Unjoni Ewropea ffaċċjat

waħda mill-akbar sfidi tagħha sa issa, bi gwerra fil-kontinent tagħna u, għall-ewwel darba, pajjiż ġar attakkat minħabba x-xewqa tiegħu li jingħaqad mal-Unjoni tagħna. Ir-Russja ppruvat tirrikattana bl-enerġija, u l-Ewropa kienet f'xifer kriżi tal-fjuwils fossili. Ma konniex nafu jekk ir-riżervi tal-gass tagħna kinux se jwasslu sa tmiem ix-xitwa. Iżda, fil-fond ta' qalbna, konna nafu li ma stajniex nabbandunaw lil ħbiebna Ukreni li kienu qed jiġġieldu għal-libertà tagħhom.

Ridna nkissru d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili Russi malajr kemm jista' jkun, billi niddiversifikaw u naċċelleraw it-tranżizzjoni lejn enerġiji nodfa. U dan għamilnieh, flimkien. Mhux għax kien faċli, iżda għaliex kien is-sewwa li jsir.

Dan huwa l-ispirtu tal-Kummissjoni Ewropea tal-President Ursula von der Leyen. Sa mill-2019, l-Ewropej irreżistew pandemija globali, affrontaw kriżi tal-enerġija u laqgħu fi djarhom l-akbar numru ta' persuni spostati mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn. Minkejja din l-avversità, qatt ma ttitubajna fl-isforzi tagħna favur il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-innovazzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem u l-ġustizzja soċjali. **Din hija Kummissjoni ta' kelmitha u tagħti r-riżultati.**

Iċ-ċittadini tal-UE mhux biss reġgħu kisbu l-fiduċja tagħhom fir-reżiljenza, l-aġilità u l-viżjoni tal-Unjoni tagħna, aħna l-Ewropej ħriġna wkoll aktar b'saħħitna u aktar magħqudin. B'reazzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, qed inkompluniefu spalla ma' spalla mal-Ukrajna u l-poplu tagħha. Approfondixxejna u wessajna l-ambitu tas-sanzjonijiet tagħna, li qed jolqtu

ħażin ħafna l-magna tal-gwerra Russa.

Qed niddefendu bil-qawwa l-ordni bbażat fuq ir-regoli, filwaqt li nżommu lir-Russja responsabbli għar-reati tagħha u **naħdmu lejn paċi ġusta**. Għinna biex ngħalqu d-diskrepanza fil-baġit tal-Ukrajna għall-2023 u pproponejna li nkomplu nappoġġaw l-ekonomija tagħha għas-snin li ġejjin permezz ta' faċilità ġdida fil-baġit tal-UE. Fl-istess ħin, qed **inħejju għall-integrazzjoni tal-Ukrajna fil-familja Ewropea tagħna**, b'enfasi fuq ir-rikostruzzjoni u r-riformi. U biex inrawmu s-sigurtà wara t-tkabbir tal-Unjoni, qed insaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej.

Permezz tar-**REPowerEU**, irbaħna l-gwerra tal-enerġija li għamlet ir-Russja kontra l-ekonomija tagħna: evitajna l-blackouts; baxxejna l-prezzijiet tal-enerġija għal-livelli li kienu qabel il-gwerra; u saħħaħna l-impenn favur enerġija rinnovabbli nadifa, affordabbli u ġġenerata lokalment. F'Mejju 2023, **għall-ewwel darba fl-Istorja, l-UE pproduċiet aktar elettriku mir-riħ u mix-xemx milli minn fjuwils fossili**. U qed niffukaw mill-ġdid fuq dak li l-industrija Ewropea teħtieġ biex tirbaħ it-tellieqa globali lejn emissjonijiet zero netti, mill-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti sal-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika u l-Bank tal-Idroġenu - l-inizjattivi leġiżlattivi li għandhom impatt qawwi.

Fil-qalba tat-trasformazzjoni ekonomika tal-UE hemm in-**NextGenerationEU**, il-pjan storiku tagħna għall-irkupru u l-investment. Hekk kif qed infakkru t-tletin anniversarju tas-suq uniku, is-27 Stat Membru qegħdin flimkien jinvestu fl-infrastruttura bħall-interkonnnetturi tal-enerġija u l-gżejjer tal-enerġija, u fil-mobilità elettrika.

Qed inżidu l-industriji innovattivi bħall-batteriji, iċ-ċipep u l-idroġenu. Is-suq tax-xogħol tal-UE qatt ma kien daqshekk b'saħħtu għal għexieren ta' snin, iżda l-iskarsezza ta' ħiliet meħtieġa għat-tranżazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jistgħu jllimitaw il-kapaċità tagħna li niksbu l-għanijiet tagħna. Għalhekk ukoll semmejna l-2023 s-Sena Ewropea tal-Ħiliet, biex nipprioritizzaw mill-ġdid it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ tul il-ħajja.

Għal din il-Kummissjoni, l-UE hija fl-aħħar mill-aħħar dwar "in-nies li jjeqfu flimkien - għal-libertà tagħhom, għall-valuri tagħhom, sempliċiment għal futur aħjar". Hekk kif qed noqorbu lejn **l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024**, irridu nagħmlu dak kollu li nistgħu biex nagħtu s-setgħa liċ-ċittadini u niżguraw li jħaddmu d-dritt demokratiku tagħhom li jivvutaw. Se nipproteġu l-ispazju demokratiku mill-interferenza u t-theddid, inkluż il-korruzzjoni, id-diżinformazzjoni, l-attakki fuq il-ġurnalisti u t-tentattivi minn setgħat barranin biex jifirduna. **It-tradizzjonijiet demokratiċi, l-aspirazzjonijiet u l-għaqda tagħna huma s-saħħa tagħna.**

Mill-fundaturi tal-proġett Ewropew għall-paċi, li kellhom il-kuraġġ jimmaġinaw Ewropa magħquda wara t-Tieni Gwerra Dinjija, sa dawk li waqqgħu l-Purtiera tal-Ħadid fl-1989 li kienet tifred il-kontinent tagħna, u issa l-eroj fl-Ukrajna li qed jiġġieldu għal-libertà u futur Ewropew għal uliedhom - **hija l-ġlieda għal dak li huwa ġust li tgħaqqadna.** Illum, l-Ewropa għal darb'oħra tirrappreżenta futur ta' min jiġġieled għalih, u dan il-futur huwa għalina li nibnuh.



Illum, l-Ewropa għal darb'oħra tirrappreżenta futur ta' min jiġġieled għalih, u **dan il-futur huwa għalina li nibnuh.**

1 Niddefendu l-wegħda tal-Ewropa

Għall-ewwel darba fl-istorja tagħna, pajjiż ġar jinsab attakkat minħabba x-xewqa tiegħu li jsir parti mill-familja Ewropea. Ir-Russja qed tagħmel gwerra kontra d-deċiżjoni sovrana tal-Ukrajna – u r-rieda espressa b'mod ċar tal-poplu tagħha – li tersaq eqreb lejn l-Unjoni tagħna. Ir-rispons tagħna kien ċar, u jrid ikun wieħed dejjiemi. Irridu u se nkomplu naħdmu għal paċi ġusta. Dan ifisser li ngħinu lill-Ukrajna tiddefendi lilha nnifisha, terġa' tikseb is-sovranità sħiħa u tavvanza b'pass aktar mgħaġġel lejn is-sħubija fl-UE.

Biex nilħqu dawn l-għanijiet, qed nipprovdu għajjnuna umanitarja, assistenza ekonomika u appoġġ militari lill-Ukrajna; qed nimpenjaw fondi sinifikanti għall-ħtiġijiet immedjati, l-irkupru u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż; qed inżommu għaddejnin is-servizzi pubbliċi essenzjali, bħall-isptarijiet u l-iskejjel; qed nirrestawraw l-infrastruttura kritika meqruda mir-Russja, bħas-sistemi tal-enerġija, is-sistemi tal-ilma, in-networks tat-trasport, it-toroq u l-pontijiet; kif ukoll ngħinu biex niprovdu l-kapaċitajiet ta' difiża li hemm bżonn. Tajna wkoll drittijiet ta' protezzjoni temporanja lill-Ukreni li jgħixu fl-UE, u qed noffru protezzjoni u servizzi ta' riabilitazzjoni speċjalizzati lil tfal b'ansjetà u mhux akkumpanjati kemm fl-Ukrajna kif ukoll fl-UE u qed nappoġġaw ir-riforma komprensiva tal-indukrar tat-tfal tal-Ukrajna.

Barra minn hekk, qed nappoġġaw lill-Ukrajna biex iżżomm lir-Russja responsabbli għad-delitt ta' aggressjoni u d-delitti tal-gwerra tagħha, u qed niffaċilitaw ir-ritorn sikur

tat-tfal Ukreni deportati lejn ir-Russja. Biex iddghajjed il-kapaċità tal-gwerra tar-Russja, **l-Unjoni Ewropea imponiet 11-il pakkett ta' sanzjonijiet radikali** li jaffettwaw setturi ewlenin tal-ekonomija Russa, li jiffriżaw assi sostanzjali u li jeskludu banek Russi ewlenin mis-sistema SWIFT. Fil-qasam tad-difiża, l-UE saħħet il-kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (North Atlantic Treaty Organization - NATO), filwaqt li tat spinta lill-kapaċitajiet konġunti ta' difiża tagħha stess permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża.

Nieqfu spalla ma' spalla mal-Ukrajna għal kemm hemm bżonn

Mill-mument li l-gwerra ta' aggressjoni Russa tefgħet id-dell skur tagħha fuq l-Ukrajna, id-dmir ewlieni li l-Unjoni Ewropea ħadet fuqha nfisha kien li tissalvagwardja lill-popolazzjoni ċivili Ukrena. F'azzjoni storika bla preċedent fl-20 sena mill-adozzjoni ta' dan l-istrument 'l hawn, fl-4 ta' Marzu 2022, ftit jiem biss wara l-bidu tal-invażjoni Russa, b'deċiżjoni unanima l-UE daħħlet fis-seħħ **id-direttiva dwar il-protezzjoni temporanja**. Dan iggarantixxa li mill-bidu nett, iċ-ċittadini Ukreni li kienu qed jaħarbu mill-gwerra ngħataw drittijiet fl-UE, inklużi permessi ta' residenza, akkomodazzjoni, aċċess għas-suq tax-xogħol, kura medika u, fuq kollox, skola u edukazzjoni għat-tfal.

L-Istati Membri tal-UE fetħu djarhom u qlubhom lil miljuni ta' Ukreni, u offrew protezzjoni temporanja lil madwar 4 miljun individwu, li kważi nofshom huma nisa. **L-UE saret rifuġju sikur għal kważi wieħed minn kull ħamsa tat-tfal tal-Ukrajna.** Dan ir-rispons komprensiv tas-soċjetà għall-akbar spostament ta' nies fl-Ewropa mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn dewa man-nisġa proprja tas-soċjetajiet tagħna.

.....

Iċ-ċittadini Ukreni li qed jaħarbu mill-gwerra salvaw skola primarja rurali fl-Irlanda

li kienet f'riskju li tingħalaq. L-Iskola Nazzjonali ta' Lismoil f'Roscommon ħadet 14-il tifel u tifla Ukreni, li jiffurmaw aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-istudenti tal-iskola.

.....



Bħalissa, huwa stmat li madwar 5 miljun individwu huma spostati internament fl-Ukrajna. Id-dell skur tal-gwerra u l-attakki intenzjonati mir-Russja fuq persuni ċivili jfissru li madwar 17,6-il miljun individwu jeħtieġu assistenza umanitarja fl-2023.

Sa mill-bidu tal-invażjoni, il-Kummissjoni impenjat EUR 733 miljun għal programmi ta' għajnuna umanitarja. Ġie mobilizzat total ta' EUR 685 miljun għall-assistenza umanitarja fl-Ukrajna u ġew ipprovduti EUR 48 miljun għall-Ukreni li ħarbu mill-gwerra u lill-komunitajiet ospitanti fil-pajjiż ġar tal-Moldova. Bejn Jannar u Ġunju 2023, **7,9 miljun Ukren**, inkluż fiż-żoni l-aktar milqutin, **irċewew appoġġ umanitarju mill-UE** u minn kontributori ġenerużi oħra.

Minn Jannar 2023:

- aktar minn 4 miljun persuna ngħataw assistenza alimentari;
- l-interventi jew il-provvisti tas-saħħa bbenefikaw minnhom 5,6 miljun persuna;
- l-assistenza fi flus kontanti waslet għand 2,9 miljun persuna;

Protezzjoni temporanja lil madwar **4 miljun individwu**



Il-Kummissjoni impenjat **EUR 733 miljun** għal programmi ta' għajjnuna umanitarja



- is-servizzi ta' protezzjoni kritika ġew estiżi għal 1,1 miljun persuna; kif ukoll
- kważi 3,3 miljun persuna reġgħu kisbu aċċess għal ilma nadif u servizzi essenzjali ta' iġjene u sanità.

Barra minn hekk, fl-2022 l-**inizjattivi CARE** (l-azzjoni ta' koeżjoni għar-refuġjati fl-Ewropa u l-assistenza flessibbli għat-territorji) introduċew flessibbiltà estensiva fil-politika ta' koeżjoni, u ppermettew ir-riprogrammazzjoni ta' massimu ta' EUR 17-il biljun tal-fondi tal-2014-2020, b'xi flessibbiltà mmirata għall-2021-2027 biex jiġu appoġġati r-refuġjati li qed jaħarbu mill-invażjoni Russa.



Il-biċċa l-kbira tal-poplu Ukren fi protezzjoni temporanja fl-UE huma integrati sew.

Dan huwa partikolarment minnu fl-Estonja, fejn kważi nofs l-Ukreni fl-età tax-xogħol diġà għandhom impjeg attiv.



Permezz tal-attivazzjoni tal-**Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**, l-UE għaddiet b'mod effiċjenti għajjnuna lill-Ukrajna mis-27 Stat Membru kollha, flimkien mal-Iżlanda, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, is-Serbja u t-Turkija. Aktar minn 94 000 tunnellata ta' assistenza in natura, stmati għal aktar minn EUR 760 miljun, twasslu lill-Ukrajna. Dan jinkludi l-mobilizzazzjoni tal-ħażniet ta' emerġenza tagħna stess tar-rescEU, u jipprovdu EUR 121 miljun f'kenn, enerġija, għajjnuna medika u tagħmir speċjalizzat biex jittaffew ir-riskji għas-saħħa pubblika, bħal theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari. **Din hija s-solidarjetà tal-UE fl-aħjar tagħha.**

Billi r-Russja qed tkompli tpoġġi l-installazzjonijiet nukleari ċivili f'riskju, l-UE pprovdiet lill-Ukrajna aktar minn EUR 54,8 miljun f'assistenza materjali **relatata mas-sikurezza nukleari** mir-riżerva strateġika rescEU. Bl-użu ta' fondi mill-Istrument Ewropew għall-Kooperazzjoni Internazzjonali dwar is-Sikurezza Nukleari, beda r-restawr ta' laboratorji u tagħmir li saritlu ħsara mill-okkupanti Russi fiż-żona ta' esklużjoni ta' Chernobyl, u ġiet stabbilita sistema moderna awtomatizzata ta' monitoraġġ tar-radjazzjoni.

Barra minn hekk, l-UE qed tmexxi l-**evakwazzjonijiet mediċi għal pazjenti Ukreni** fi bżonn urġenti ta' trattament mediku. Permezz tal-**Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili**, aktar minn 2 500 evakwazzjoni medika ta' pazjenti Ukreni ġew eżegwiti b'suċċess. Biex tkompli tgħin lil dawn il-pazjenti, f'Settembru 2022 l-UE fetħet ċentru medevac f'Rzeszów, il-Polonja. Titjiriet ta' evakwazzjoni medika ta' kull ġimgħa qed jitħaddmu bl-użu ta' ajruplan mediku speċjalizzat

iprovdu min-Norveġja u ffinanzjat mill-UE. Barra minn hekk, il-programm ta' finanzjament EU4Health ilu jappoġġa proġetti ffukati fuq **is-saħħa mentali u l-appoġġ psikoloġiku** għaċ-ċittadini fl-Ukrajna kif ukoll għal dawk li jaslu fl-UE mill-Ukrajna.

B'reazzjoni għall-attakki sfaċċati tar-Russja fuq l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ukrajna, ittiegħdu malajr miżuri ta' emerġenza. Flimkien mas-sħab umanitarji, l-UE forniet lill-Ukrajna b'madwar **5 760 ġeneratur tal-enerġija**. Dawn il-ġeneraturi jvarjaw fid-daqs u fil-kapaċità, minn unitajiet li kapaċi jħaddmu unitajiet domestiċi individwali għal mudelli akbar suffiċjenti għas-sostenn tal-isptarijiet. F'kollaborazzjoni mal-kumpanija Enel, il-Kummissjoni tat ukoll **5 700 pannell solari** lill-Ukrajna. Dawn jiġu prodotti f'Catania, l-Italja, bl-appoġġ tal-Fond għall-Innovazzjoni. Dawn se jiprovdu l-elettriku lill-iskejjel, lill-isptarijiet u lid-dipartimenti tat-tifi tan-nar.

Kmieni fil-gwerra, l-UE ħadet pass deċiżiv biex **tistabbilizza s-sistemi tal-elettriku tal-Ukrajna u tal-Moldova**, u ssinkronizzat il-grilji tal-elettriku tagħhom mal-grilja kontinentali Ewropea. Minn meta bdiet tiffunzjona l-linja elettrika l-ġdida bejn il-Polonja u l-Ukrajna fis-7 ta' Mejju 2022, l-Ukrajna u l-Moldova kellhom il-kapaċità li jimportaw sa 1 050 megawatt mill-Ewropa kontinentali.

F'nofs it-taqlib tal-gwerra, huwa ta' importanza kbira li l-Ukreni jkunu jistgħu jibqgħu f'kuntatt mal-maħbubin tagħhom. Konsegwentement, il-Kummissjoni appellat lill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-UE u tal-Ukrajna, u ħeġġithom jippermettu lill-Ukreni fl-UE jużaw it-telefowns ċellulari tagħhom b'tariffi tar-

5 700

Pannella solari mogħtijin mill-Kummissjoni Ewropea lill-Ukrajna



roaming minimi jew mingħajr tariffi tar-roaming għal perjodu ta' tliet xhur. Dan il-ftehim, li ġie ffirmat minn 38 tali kumpanija, irnexxielu **jiffaċilita r-roaming transfruntier**. Minbarra li rendiet ir-roaming affordabbli, l-UE qasmet 2,5 miljun SIM cards lill-Ukreni li qed ifittxu rifuġju u stabbiliet hotspots tal-Wi-Fi fil-punti tal-fruntiera u fir-refuġji. Fl-24 ta' April 2023, l-UE inkorporat ir-regoli dwar ir-roaming fil-ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna.

Nagħmlu użu sħiħ mis-saħħa ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni Ewropea

Mill-mument li bdiet l-invażjoni, l-UE u l-Istati Membri tagħha wrew solidarjetà mal-Ukrajna li qatt ma kien hemm bħalha qabel, u **mmobilizzaw EUR 59 biljun f'assistenza finanzjarja, umanitarja, f'baġit ta' emerġenza u militari**. Total ta' EUR 38,8 biljun - EUR 31 biljun mobilizzati mill-baġit tal-UE u EUR 7,8 biljun mill-Istati Membri - ġew allokat biex isaħħu r-reżiljenza ekonomika, soċjali u finanzjarja ġenerali tal-Ukrajna. Biex tgħin lill-forzi armati Ukreni fid-difiża tagħhom tan-nazzjon, l-assistenza militari tal-UE tammonta għal EUR 20 biljun, li EUR 5,6 biljun minnhom ġew mobilizzati taħt l-awspiċi tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati membri tagħha mmobilizzaw mill-inqas EUR 17-il biljun biex jappoġġaw liċ-ċittadini li jaħarbu mill-Ukrajna. **Dan iwassal it-total tal-appoġġ lill-Ukrajna u l-poplu tagħha għal EUR 76 biljun.**

Fl-2022, l-UE għaddiet **EUR 7,2 biljun f'assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna**, biex tiżgura l-operat kontinwu tal-gvern tal-pajjiż u l-forniment ta' servizzi pubbliċi. Minn din l-operazzjoni ta' appoġġ baġitarju, EUR 500 miljun ġew imwiegħda fl-ambitu tal-inizjattiva globali ta' ġbir ta' fondi "Stand up for Ukraine" u l-Konferenza Internazzjonali ta' Livell Għoli tad-Donaturi għall-Ukrajna f'Mejju 2022, bil-għan li

jiġu indirizzati l-bżonnijiet urġenti fil-pajjiż relatati mal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-agrikoltura.

Fl-2023, l-UE qed tipprovdi pakkett ta' appoġġ bla preċedent għall-Ukrajna sa **EUR 18-il biljun**, fil-forma ta' self aġevolat ħafna, **li EUR 12-il biljun minnhom diġà ġew żborżati**. Bis-saħħa ta' dan, l-Ukrajna tista' tibqa' tħallas il-pagi u l-pensjonijiet u żżomm servizzi pubbliċi essenzjali, bħal spartarjet, skejjel, u akkomodazzjoni għall-persuni rilokati. Dan se jgħin ukoll biex tiġi żgurata l-istabbiltà makroekonomika u tiġi restawrata l-infrastruttura kritika li nqerdet.

L-UE qed tipprovdi pakkett ta' appoġġ għall-Ukrajna sa **EUR 18-il biljun**



© Adobe Stock/Adobe Stock

F'Ġunju 2023, bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li toħloq **Faċilità ġdida għall-Ukrajna fil-baġit tal-Unjoni Ewropea**. Se tiżgura appoġġ finanzjarju koerenti, prevedibbli kif ukoll flessibbli lill-Ukrajna mill-2024 sal-2027. Il-Faċilità għall-Ukrajna tippredvi sa EUR 50 biljun kemm f'għotjiet mill-baġit tal-UE kif ukoll f'self iġġenerat fis-swieq kapitali. Barra minn hekk, il-Gvern tal-Ukrajna se jħejji Pjan għall-investimenti u r-riformi f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni.

49 miljun tunnellata ta' prodotti agrikoli Ukreni



© Adobe Stock

EUR 99 biljun

il-valur stmat ta' dawn il-prodotti

Il-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna evolwew bħala element essenzjali għall-ekonomija tal-Ukrajna, u ffaċilitaw l-esportazzjoni ta' mhux anqas minn 49 miljun tunnellata ta' prodotti agrikoli Ukreni. Dawn il-kuriduri vitali jiżguraw mhux biss l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli iżda wkoll l-importazzjoni ta' prodotti bażiċi neċessarji. Il-valur kummerċjali totali realizat permezz ta' dan il-kuritur huwa stmat għal madwar EUR 99 biljun. Is-somma sostanzjali ta' EUR 1 biljun – miksuba minn kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni, mill-Bank Ewropew tal-Investment, mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u mill-Grupp tal-Bank Dinji – qed tiġi mobilizzata biex iżżid il-kapaċità u żżid l-effiċjenza ta' dawn il-korsiji ta' solidarjetà.

Fi Frar 2023, ġie stabbilit patt storiku bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna, li jassoċja **l-Ukrajna mal-programm tas-suq uniku**, sforz imfassal biex jiffaċilita l-aċċess għas-suq, irawwem ambjent favorevoli għan-negożju u jstimula tkabbir sostenibbli fit-tul. Il-miżuri kummerċjali awtonomi tal-UE, li jipprovdu liberalizzazzjoni sħiħa tat-tariffi għall-importazzjonijiet tal-UE tal-prodotti kollha tal-Ukrajna, jaħdmu flimkien mal-korsiji ta' solidarjetà biex jiġi żgurat fluss bla xkiel ta' prodotti agrikoli ewlenin mill-Ukrajna lejn u mill-UE. Fil-5 ta' Ġunju 2023, il-miżuri ġew imġedda għal sena oħra.

L-assoċjazzjoni tal-Ukrajna ma' Orizzont Ewropa u l-programm ta' riċerka u taħriġ ta' Euratom hija inizjattiva ewlenija mmirata lejn il-preservazzjoni u t-trawwim **tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha**.

Barra minn hekk, fil-bidu ta' Ġunju 2023, l-UE u l-Ukrajna ffirmaw ftehim li se jippermetti lill-promoturi ta' proġetti Ukreni japplikaw għal finanzjament mill-UE għal proġetti ta' interess komuni fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija u fil-qasam diġitali, u b'hekk komplew itejbu l-konnettività tal-pajjiż mal-ġirien tiegħu fl-UE. Il-ftehim se jsostni l-integrazzjoni tal-Ukrajna fis-Suq Uniku tal-UE, kif ukoll jipromwovi t-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività.

Ngħinu lill-Ukrajna tiddefendi lilha nnifsha

Is-suldati kuraġġużi tal-Ukrajna qed jiproteġu lil arthom, lill-poplu tagħhom u lill-valuri demokratiċi tagħhom, iżda jeħtieġu aktar minn kuraġġ biex jagħmlu dan. Għandhom bżonn ir-riżorsi biex jiddefendu n-nazzjon tagħhom. Huwa hawn fejn tidħol l-UE - li tislef is-saħħa u r-riżorsi tagħha fi strateġija tripla: tagħmir, taħriġ u produzzjoni industrijali.

L-appoġġ sod tal-UE qed jagħmel differenza deċiżiva fil-kamp tal-battalja. Il-**Faċilità Ewropea għall-Paċi**, bil-finanzjament tagħha ta' EUR 5,6 biljun, ippermettiet il-konsenja ta' tankijiet, ħelikopters, sistemi ta' difiża tal-ajru, missili u munizzjon. Din il-kontribuzzjoni, imsaħħa minn assistenza militari bilaterali mill-Istati Membri, tisser li l-Ukrajna ngħatat total ta' **EUR 20 biljun f'appoġġ militari**.

L-UE hija impenjata li tkompli tappoġġa lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn u jinsabu għaddejjin diskussjonijiet dwar approċċ sostanzjali fit-tul għall-appoġġ militari permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

L-isforzi tagħna mhumiex limitati għall-forniment ta' tagħmir biss. Il-**Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE**, b'baġit ta' EUR 168 miljun ġestit mill-Kunsill, għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità militari tal-Forzi Armati tal-Ukrajna u diġà ħarrġet 25 000 suldat Ukren. Ninsabu fi triq stabbli lejn il-mira tagħna li sal-aħħar tas-sena **nħarrġu kompletament 30 000 suldat Ukren**.

Fl-20 ta' Marzu 2023, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea laħaq qbil dwar proposta sinifikanti: il-forniment ta' munizzjon tant meħtieġ lill-Ukrajna. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tħaffef il-kunsinna u l-akkwist konġunt biex tkun tista' tipprowdi lill-Ukrajna miljun munizzjon tal-artillerija fi żmien 12-il xahar. Hija bbażata fuq l-istrateġija bi tliet binarji li ġejja:

- l-ewwel nett, l-għajjnuna lill-Istati Membri fit-trasferiment immedjat ta' munizzjon tal-artillerija ta' 155 mm mill-ħażniet nazzjonali;
- it-tieni, il-konsolidazzjoni tad-domanda Ewropea billi jingħata bidu għal xiri konġunt ta' munizzjon ta' 155 mm mill-Istati Membri, bl-irwol ewlieni tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;
- fl-aħħar nett, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE biex tipproduċi munizzjon biex b'hekk tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber tal-Ukrajna.

Fit-3 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni pproponiet l-**Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP - Act in Support of Ammunition Production)**, inizjattiva ta' EUR 500 miljun. Dan jinkludi miżuri speċifiċi u mmirati biex tingħata spinta lill-produzzjoni u tiġi ggarantita provvista sigura ta' munizzjon fl-UE. Ir-Regolament ASAP ġie adottat fl-20 ta' Lulju u daħal fis-seħħ aktar tard dak ix-xahar.

Il-Kummissjoni qed tagħmel minn kollox biex timplimenta l-ASAP malajr sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jformu lill-Ukrajna u jkomplu jgħinuha safejn hemm bżonn.

Il-kamp tal-battalja fiżiku mhuwiex l-uniku post fejn l-Ukrajna qed tiffaċċja l-aggressjoni, għaliex ir-Russja tirrikorri għal gwerra ibrida kontra l-Ukrajna u l-UE. B'reazzjoni għal dan, l-UE saħħet **ir-reżiljenza ċibernetika tal-Ukrajna** b'investiment ta' EUR 10 miljun f'tagħmir, software u forom oħra relatati ta' appoġġ. Barra minn hekk EUR 15-il miljun oħra minn pakkett ta' EUR 330 miljun ġew iddedikati għat-trawwim ta' trasformazzjoni diġitali reżiljenti, li tgħin lill-Ukrajna tiġġieled l-attakki ibridi tar-Russja.

.....

Fi Frar 2023, kampanja ta' finanzjament kollettiv miċ-ċittadini fil-Litwanja, imsejħa **Radarom!** Ġabret fondi għal 16-il radar ta' difiża biex jiproteġu l-ispazju tal-ajru tal-Ukrajna kontra l-missili Russi, u dawn qabżu sew il-mira inizjali ta' ħames radars.

.....



Inżommu lir-Russja responsabbli

Fil-konfront tal-invażjoni brutali tal-Ukrajna mir-Russja, għadd innumerabbli ta' ħajjiet intilfu b'mod traġiku u għadd enormi ta' individwi sofrew tbatija mill-agħar. Bucha, li darba kien subborg trankwill fil-periferija ta' Kiev, issa huwa tfakkira ħarxa tat-tortura orribbli, l-istupri u l-qtil ta' persuni ċivili innoċenti li seħew f'Marzu 2022, u li qed ikomplu jiżvolġu fit-territorju kollu okkupat tal-Ukrajna. **L-UE tonora l-memorja tal-vittmi kollha u ssaħħa id-dedikazzjoni soda tagħha biex tiżgura li l-ġustizzja tipprevali** u li dawn ir-reati ma jibqgħux mingħajr il-kastig li jixirqilhom.

Bħalissa, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna qed jinvestiga aktar minn 100 000 każ ta' suspettati delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, li huma meqjusa bħala l-aktar ksur gravi tad-dritt internazzjonali. Fid-dawl tal-ammont dejjem jiżdied ta' evidenza, id-dedikazzjoni tal-UE biex tappoġġa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati qed issir aktar b'saħħitha ma' kull jum li jgħaddi.



Voluntier Konstantin Gudauskas, iben missier Litwan u omm Kazakh, uża l-passaport Kazakh tiegħu biex jivvjaġġa minn territorji okkupati mir-Russja fl-Ukrajna, u għen biex isalva aktar minn 200 persuna fir-reġjun ta' Kiev, b'mod partikolari f'Bucha. L-Ukreni qed isejjulu **'l-Anġlu ta' Bucha'**.



It-tfal huma fost l-aktar vittmi vulnerabbli tal-atroċitajiet imwettqa mir-Russja. Huwa stmat li 5,7 miljun tifel u tifla fl-età tal-iskola fl-Ukrajna ġew affettwati mill-aggressjoni mhux ġustifikata tar-Russja, u aktar minn 2 800 skola u faċilità saritilhom ħsara jew inqerdu. Skont l-Ukrajna, kważi **20 000 tifel u tifla Ukreni ġew ittrasferiti illegalment u bil-forza lejn ir-Russja.**

ill-bidu tal-gwerra illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE imponiet sanzjonijiet kontra kważi **40 individwu** responsabbli għad-deportazzjoni u t-trasferiment illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u t-tmexxija ta' programmi ta' riedukazzjoni, u nkomplu nidentifikaw l-allegati awturi. Fis-17 ta' Marzu 2023, il-Qorti Kriminali Internazzjonali ħarġet mandati ta' arrest lill-President Russu Vladimir Putin u Maria Alekseyevna Lvova-Belova, Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fl-Uffiċċju tal-President tar-Russja. Dawn il-miżuri jenfasizzaw b'mod inekwivoku li l-ebda individwu ma huwa oġġha mil-liġi, u li kulħadd irid iwieġeb quddiem il-qrati jekk iwettaq reati internazzjonali serji.

L-UE qablet li tiddedika EUR 7,5 miljun biex tassisti l-investigazzjonijiet tal-Qorti Kriminali Internazzjonali dwar id-delitti tal-gwerra mwettqa mir-Russja.

Barra minn hekk, l-UE:


- ipprovdiet lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna aktar minn EUR 6 miljun għat-titjib tal-IT u għal tagħmir kruċjali;
- abilitat lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (l-Eurojust) biex tippreserva, taħżen u tanalizza b'mod sigur l-evidenza f'Bażi tad-Data mwaqqaf ġdid dwar l-Evidenza ta' Reati Internazzjonali Ewlenin;
- saħħet kemm lill-Eurojust kif ukoll lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (l-Europol) fir-rwoli tagħhom bħala

koordinaturi nazzjonali tal-investigazzjoni għall-Istati Membri tal-UE; kif ukoll

- ikkollaborat mas-sħab globali biex tiggarrantixxi l-obbligu ta' rendikont u rispons internazzjonali.

Filwaqt li nappoġġaw l-isforzi tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, komplejna wkoll id-diskussjonijiet mal-Istati Membri tagħna u mas-sħab internazzjonali dwar l-istabbiliment ta' tribunal speċjali ddedikat biex jistħarreġ legalment ir-responsabbiltà tat-tmexxija Russa rigward id-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala l-ewwel pass prattiku, fit-2 ta' Frar 2023, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen ħabbret il-ħolqien ta' **Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna** b'appoġġ għall-Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta eżistenti fl-Eurojust, ospitata f' The Hague.

Dan iċ-ċentru, li beda jopera f'Lulju 2023, jappoġġa l-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet nazzjonali dwar id-delitt ta' aggressjoni u l-ġbir ta' evidenza. Dan se jkun kruċjali biex jiżdedu l-kapaċitajiet biex jinbnew kawżi ta' kriminalità ta' aggressjoni u biex tiġi ppreservata l-evidenza rilevanti għall-prosekuzzjoni u l-proċessi futuri. Se jipprovdri struttura li timplimenta strateġija investigattiva u ta' prosekuzzjoni komuni u se jikkontribwixxi għall-iskambju u l-analiżi tal-evidenza li nġabret minn mindu bdiel l-aggressjoni Russa. Se jiżgura wkoll li jkun hemm koordinazzjoni mill-qrib mal-investigaturi tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-UE qed tipparteċipa f'diskussjonijiet dwar l-istabbiliment ta' tribunal speċjali fil-qafas ta' Grupp Prinċipali flimkien ma' sħab internazzjonali.



EUR 7,5 miljun

iddedikati mill-UE biex jassistu fl-investigazzjonijiet tal-Qorti Kriminali Internazzjonali

Ir-Russja se jkollha ġġarrab il-konsegwenzi legali tal-atti internazzjonalment illegali tagħha, inkluż li tagħmel riparazzjonijiet. Il-Kummissjoni qed tappoġġa d-diskussjonijiet dwar l-iżtabbiliment ta' **mekkaniżmu ta' kumpens għad-dannu** kkawżat mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala l-ewwel pass favur ir-reparazzjonijiet, fit-12 ta' Mejju 2023, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta Riżoluzzjoni li tistabbilixxi **Reġistru Internazzjonali tad-Danni** f'The Hague permezz ta' Ftehim Parzjali Estiż, li huwa miftuħ għal pajjiżi terzi. L-UE saret Membru Fundatur Assoċjat ta' dan il-ftehim fil-11 ta' Mejju 2023. Ir-Reġistru se jservi bħala rekord ta' evidenza u informazzjoni dwar talbiet għal danni, telf jew qerda għall-individwi u l-entitajiet ġuridiċi interessati kollha, kif ukoll għall-Istat tal-Ukrajna, ikkawżati mill-atti internazzjonalment illegali tar-Russja fl-Ukrajna jew kontra tagħha.

.....

'Tagħtix leĥnek lill-propaganda tal-Kremlin' hija kampanja rebbieħa ta' premju li għamlet ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni fi Bratislava li fiha Darine Chmúrová, li meta kienet tifla kienet in-narratriċi ta' ħrafa Russa, twissi liċ-ċittadini sħabha biex illum ma jemmnu "il-ħrejjef" sponsorjati mill-Istat Russu.

.....



Is-sanzjonijiet u d-dgħajfien tal-magna tal-gwerra tar-Russja

Fid-dawl tal-aggressjoni militari illegali u mhux ġustifikabbli persistenti tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE mhijiex qed trendi l-impenn tagħha għas-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment.

Sa issa l-UE ppromulgat **11-il pakkett ta' sanzjonijiet qawwjin kontra r-Russja**.

Dawn is-sanzjonijiet jolqtu lill-ekonomija Russa fil-qalba tagħha, u jcaħħduha minn teknoloġiji u swieq ewlenin. Maħsuba biex **ifxklu serjament il-kapaċità tal-Kremlin li jffinanzja u jmexxi l-gwerra**, dawn is-sanzjonijiet jimponu spejjeż ekonomiċi u politiċi ċari fuq il-membri tal-elit fil-gvern tar-Russja li huma responsabbli għall-invażjoni. Dawn il-miżuri jibnu fuq is-sanzjonijiet eżistenti imposti fuq ir-Russja mill-2014 'l hawn, wara


l-annessjoni illegali tagħha tal-peniżola tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna tal-Lvant.

L-individwi fuq il-lista tas-sanzjonijiet huma pprojbiti milli jidħlu jew jgħaddu mit-territorju tal-UE, u l-kontijiet bankarji kollha li għandhom fl-UE huma ffriżati. Fl-UE, **ġew irrapportati ffriżati EUR 24 biljun f'assi li huma proprjetà ta' individwi Russi**, minbarra l-immobilizzazzjoni ta' aktar minn EUR 200 biljun ta' assi tal-Bank Ċentrali Russu.

Immedjatament wara l-invażjoni, l-UE qablet li teskludi banek Russi ewlenin mis-sistema SWIFT, is-sistema ewlenija ta' messaġġi finanzjarji fid-dinja. Din l-azzjoni waqqfet lil dawn il-banek milli jeżegwixxu t-tranżazzjonijiet finanzjarji tagħhom globalment b'mod rapidu u effiċjenti. Madwar **70 % tal-assi tas-sistema bankarja Russa issa huma taħt sanzjonijiet stretti**.

Minkejja d-dħul sinifikanti li kellha r-Russja miż-żejt u l-gass li serva bħala paraventu matul l-ewwel sena tal-invażjoni, is-sanzjonijiet **taw daqqa qawwija lill-ekonomija Russa** u d-dħul mill-bejgħ tal-gass naqas ħafna bis-

L-UE qablet li **teskludi banek Russi ewlenin** mis-sistema SWIFT



© Adobe Stock

saħħa tal-limitu massimu tal-prezz li daħħlu fis-seħħ l-UE, il-G7 u l-Awstralja. Il-prodott domestiku gross (PDG) Russu naqas b'aktar minn 2 % fl-2022, u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi tistenna tnaqqis ulterjuri ta' 2,5 % sa tmiem l-2023. Is-surplus baġitarju għoli tal-ewwel nofs tal-2022 - l-aktar minħabba l-prezzijiet għoljin taż-żejt u l-gass - ġie fix-xejn fix-xhur sussegwenti, u l-baġit federali ntemm b'defiċit ta' 2,3 % għal dik is-sena.

Minħabba t-tnaqqis kontinwu fl-attività ekonomika u t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, is-sitwazzjoni fiskali mhijiex mistennija li titjeb fit-terminu qasir. L-effetti tas-sanzjonijiet se jkomplu jiggravaw maż-żmien minħabba l-impatt ta' dan id-deterjorament fit-tul fuq il-baġit, is-swieq finanzjarji, l-investment barrani u l-bażijiet industrijali u teknoloġiċi tar-Russja.

Bħal fil-każ tas-sanzjonijiet kollha tal-UE, daww ippromulgati b'reazzjoni għall-invażjoni illegali tal-Ukrajna mir-Russja jinkludu dispożizzjonijiet speċjali għal skopijiet umanitarji u mediċi.

Barra minn hekk, l-UE ħadet miżuri biex tiggarrantixxi li s-sanzjonijiet tagħha ma jkollhomx impatt fuq il-kummerċ f'setturi kritiċi lejn pajjiżi terzi madwar id-dinja, bħas-**sigurtà tal-ikel u tal-enerġija**.

Lil hinn mill-azzjoni ekonomika li ħadet, l-UE imponiet sanzjonijiet immirati kontra daww l-individwi responsabbli għall-appoġġ, il-finanzjament jew l-implimentazzjoni ta' miżuri li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. B'kollox, inklużi sanzjonijiet individwali preċedenti imposti wara l-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fl-2014, **l-UE ssanzjonat kważi 1 800 individwu u entità**.

Filwaqt li l-maġġoranza tas-sanzjonijiet tal-UE huma mmirati lejn ir-Russja, xi wħud ġew adottati wkoll kontra **l-Belarus** b'reazzjoni għall-involviment tagħha fl-invażjoni tal-Ukrajna u biex ma jkun hemm ċirkomvenzjoni

tas-sanzjonijiet kontra r-Russja. **L-Iran** ġie ssanzjonat ukoll fir-rigward tal-manifattura u l-forniment ta' drones użati biex jattakkaw lill-Ukrajna.

L-UE ppromulgat ukoll "**klawżola kontra ċ-ċirkomvenzjoni**" stretta li tipprojbixxi liċ-ċittadini jew lin-negożji tal-UE milli konxjament u intenzjonalment jevitaw is-sanzjonijiet. Barra minn hekk, l-UE ddeċidiet li żżid il-ksur ta' miżuri restrittivi mal-lista ta' reati tal-UE inklużi fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jimmarka **avvanz sinifikanti fl-infurzar tas-sanzjonijiet**. Il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva li fiha regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u pieni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-UE se tkompli ssaħħaħ dawn l-isforzi.

Barra minn hekk, il-ħatra ta' **Mibgħut Speċjali tal-UE għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE** sservi biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni ma' pajjiżi sħab u biex jiġi żgurat li l-esportazzjonijiet li ġew ipprobiti mill-UE ma jaslux fir-Russja permezz ta' pajjiżi terzi.

Ir-rikostruzzjoni u r-riforma fil-perkors tal-Ukrajna lejn l-integrazzjoni fl-Ewropa

Il-gwerra kontra l-Ukrajna hija mument kruċjali għall-proġett Ewropew. L-aggressjoni ta' Putin hija mmirata l-ewwel lejn l-Ukrajna. Dan huwa attakk inaċċettabbli fuq il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali, u jimmira wkoll lejn il-valuri u l-Unjoni tagħna. **Għall-ewwel darba fl-istorja tagħna, pajjiż ġar jinsab attakkat minħabba x-xewqa tiegħu li jsir parti mill-familja Ewropea**. Ir-Russja qed tagħmel gwerra kontra d-deċiżjoni sovrana tal-Ukrajna – u r-rieda espressa b'mod ċar tal-poplu tagħha – li tersaq eqreb lejn l-UE. Ir-rispons tagħna kien ċar, kien b'saħħtu, u jrid ikun dejjemi. Se nkomplu

niprovdu l-mezzi biex l-Ukrajna tiddefendi lilha nnifisha, u ngħinu lill-Ukrajna timbotta lill-invażur Russu barra mit-territorju tagħha u terġa' tikseb is-sovranità sħiħa.

L-appoġġ għar-riformi, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna diġà beda. Il-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE, kif ikkonfermat matul avvenimenti sinifikanti bħall-**ewwel laqgħa li qatt saret bejn il-Kulleġġ tal-Kummissarji u l-gvern Ukren** fit-2 u t-3 ta' Frar 2023. B'seħħ minn Ġunju 2022, l-Ukrajna ġiet rikonoxxuta bħala pajjiż kandidat tal-UE, bil-kundizzjoni li twettaq riformi ewlenin biex tallinja mal-istandards u n-normi tal-UE. Minkejja li qed tikkumbatti kontra gwerra eżistenzjali, l-Ukrajna wriet progress rapidu fil-passi ta' riforma meħtieġa, deskritti fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija fl-UE.

L-isforzi internazzjonali biex tingħata assistenza lill-Ukrajna kienu multidimensjonali. F'Ottubru 2022, il-Kummissjoni u l-Ġermanja, bħala l-president tal-G7 ta' dak iż-żmien, ospitaw b'mod konġunt f'Berlin il-Konferenza Internazzjonali tal-Esperti dwar l-irkupru tal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-**Pjattaforma ta' Koordinazzjoni tad-Donaturi** b'diversi aġenziji nbdiet fis-26 ta' Jannar 2023 biex jiġi sinkronizzat l-appoġġ globali. Il-pjattaforma hija l-ewwel waħda fl-istorja tal-għajnuna internazzjonali. Qatt qabel ma kien hemm punt fokali uniku għad-donaturi internazzjonali ewlenin, biex jiġi ggarantit li l-appoġġ imur eżattament fejn l-Ukrajna teħtieġ l-aktar. L-appoġġ għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna jeħtieġ sforz internazzjonali enormi.



F'Marzu 2023, il-Kummissjoni, f'assoċjazzjoni mal-organizzazzjonijiet Ukreni, nediet programm ta' bini tal-kapaċità tal-**Bauhaus Ewropea l-Ġdida** għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.



Parti sinifikanti minn dan l-isforz hija l-**Faċilità għall-Ukrajna proposta, b'valur sa EUR 50 biljun** fil-baġit tal-UE, ippjanata għall-2024-2027. Minħabba l-kumplessità tal-isfidi għar-rikostruzzjoni u r-riformi, l-Ukrajna teħtieġ appoġġ sostnut mill-UE. Il-Faċilità għandha l-għan li tindirizza kemm il-ħtiġijiet immedjati ta' rkupru kif ukoll l-isforzi ta' modernizzazzjoni fuq terminu medju. L-investimenti huma akkoppjati bi ħsieb ma riformi trasformattivi biex jiggwidaw lill-Ukrajna fil-vjaġġ Ewropew tagħha.



Ingħatat attenzjoni speċjali lit-tfal tal-Ukrajna, li huma l-futur tal-pajjiż. L-aggressjoni tar-Russja affettwat 5,7 miljun tifel u tifla ta' età skolastika u aktar minn 2 800 faċilità edukattiva saritilhom ħsara jew inqerdu. Il-Kummissjoni ddedikat EUR 100 miljun għar-**riabilitazzjoni tal-iskejjel Ukreni u EUR 14-il miljun oħra għad-donazzjoni ta' xarabanks tal-iskola**, b'apport addizzjonali permezz tal-kampanja "School buses for Ukraine" fi 11-il Stat Membru tal-UE, li tat 300 xarabank u tiżgura trasport sikur għat-tfal Ukreni.

Biex tappoġġa t-tneħħija tal-għadd kbir ta' mini u ordinanza mhux sploduta fit-territorju Ukren, il-Kummissjoni pprovdiet **EUR 3,5 miljun f'finanzjament umanitarju għall-azzjoni kontra l-mini** permezz ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi internazzjonali. Barra minn hekk, **l-Istrument tal-Politika Barranija** appoġġa l-azzjoni umanitarja kontra l-mini bi EUR 18-il miljun filwaqt li miżura ta' assistenza tal-**Faċilità Ewropea għall-Paċi** ta' EUR 4 miljun tappoġġa l-kapaċitajiet tat-tneħħija tal-mini tal-Forzi Armati Ukreni.

Barra minn hekk, azzjonijiet ta' rispons rapidu b'baġit totali sa EUR 25 miljun jinsabu fi stadji avvanzati ta' tneħħija, li jinkludu l-forniment ta' aktar tagħmir għat-tneħħija tal-mini dwar it-titjib tal-effiċjenza tal-governanza tal-azzjoni kontra l-mini.

•••••

It-tekniċi tat-tneħħija tal-mini mill-Kroazja diġà qed jaqsmu l-ħiliet tagħhom ma' esperti mill-Ukrajna. Fdal tal-gwerra tas-snin 90, il-Kroazja hija l-uniku Stat Membru tal-UE li għadu jneħħi l-mini minn artu, b'EUR 120 miljun f'apport mill-UE sal-2027.

L-esperjenza iebesha tal-gwerra tat lill-Kroazja ħiliet imprezzabbli biex tgħin lill-Ukrajna tirkupra u tibni mill-ġdid.

•••••



L-UE qed tieġu wkoll passi biex **tiżgura li r-Russja u l-oligarki tagħha jikkompensaw lill-Ukrajna għall-qerda li kkawżaw.**

F'Novembru 2022 ġew ippreżentati alternattivi biex jintużaw aktar minn EUR 24 biljun ta' assi Russi ffriżati, flimkien ma' dħul minn aktar minn EUR 200 biljun ta' assi immobilizzati tal-Bank Ċentrali Russu fl-UE għall-irkupru tal-Ukrajna. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà qed jaħdmu fuq proposta li tikkompensa lill-Ukrajna għat-telf tagħha. F'dan ir-rigward, kwalunkwe miżura magħżula se jkollha tirrispetta l-prinċipji tad-dritt internazzjonali u dak Ewropew kif ukoll il-valuri tal-UE, speċjalment il-prinċipju tal-proporzjonalità, u tqis ukoll il-mitigazzjoni ta' kull konsegwenza finanzjarja potenzjali kif ukoll kwalunkwe kontromiżura min-naħa Russa.

Il-qofol tal-kooperazzjoni tagħna mal-Ukrajna huwa li nfittxu paċi ġusta. Il-pożizzjoni tagħna la tippremja lill-aggressur u lanqas tikkomprometti d-drittijiet tal-poplu Ukren li jikkontrolla d-destin tiegħu. Fuq kollox, il-prinċipju gwida jibqa' li jrid ikun hemm **“xejn dwar l-Ukrajna mingħajr l-Ukrajna”**.

Niftħu fażi ġdida fl-unifikazzjoni tal-kontinent tagħna

Aħna l-Ewropej issa nifhmu li hemm forzi barra l-Unjoni tagħna li qed jippruvaw jiddistruggu l-kontinent tagħna. Iridu jifirdu l-popli tal-Ewropa. Iridu jtemmu l-ħolma ta' familja Ewropea magħquda u minflok jaqsmu lill-Ewropa fi sferi ta' influwenza. Illum hemm għarfien ġdid fl-UE. **Iridu nieħdu r-responsabbiltà li nġibu lill-membri aspiranti tal-Unjoni tagħna ħafna eqreb lejna.**

Ix-xokkijiet li baġtet il-gwerra ta' aggressjoni ta' Putin laħqu immedjatament is-sitt sħab tagħna tal-**Balkani tal-Punent** iżda dan ma għamel xejn ħlief qarribna lejn xulxin. Estendejna lill-Balkani tal-Punent l-istess miżuri ta' solidarjetà li ħadna fl-Unjoni tagħna. Appoġġajna lill-familji vulnerabbli kontra l-ispejjeż għoljin tal-enerġija, u qed nibnu infrastruttura ġdida biex innaqqsu d-dipendenza tar-reġjun fuq il-fjuwils fossili Russi permezz tal-Pakkett ta' Appoġġ għall-Enerġija għall-ammont ta' EUR 1 biljun. Din il-kooperazzjoni Prattika mxiet b'mod parallel mal-progress fil-perkors tar-reġjun lejn l-UE.

F'Diċembru 2022, rajna Summit storiku bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Tirana, fejn il-laqqgħa saret fir-reġjun għall-ewwel darba. F'Ġunju 2023, il-President von der Leyen żvelat **pjan ġdid ta' tkabbir għall-Balkani tal-Punent**, mibni fuq erba' pilastri: it-tqarrib tal-Balkani tal-Punent lejn is-suq uniku tal-UE, l-approfondiment tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali, l-aċċellerazzjoni tar-riformi fundamentali u żieda fil-fondi ta' qabel l-adeżjoni. Mhux biss qed nitolbu lis-sħab tagħna biex jieħdu passi ġodda lejna; qed nieħdu wkoll pass kbir lejhom. Ninsabu lesti li nipproponu aktar finanzjament biex nappoġġaw konverġenza soċjoekonomika aktar rapida mal-

UE għall-benefiċċju tal-poplu tal-Balkani tal-Punent.

F'Ġunju, waqt it-tieni laqgħa tal-Komunità Politika Ewropea, il-President von der Leyen ħabbret pakkett ġdid ta' appoġġ ta' EUR 300 miljun biex jgħin lill-**Moldova** tiffaċċa l-isfida ta' gwerra fuq l-għatba tagħha u biex tħaffef l-integrazzjoni tagħha fl-UE.

Insaħħu d-difiża Ewropea

Fid-dawl tal-aggressjoni tar-Russja lejn l-Ukrajna, l-UE u n-NATO ngħaqdu fi sfida determinata. In-NATO hija l-alleanza ta' difiża l-aktar b'saħħitha fid-dinja u sservi bħala l-pedament li fuq hija mibnija l-arkitettura tas-sigurtà tal-Ewropa. Minħabba t-theddida kontinwa u evidenti mir-Russja, **is-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO laħqet livelli ġodda ta' kooperazzjoni** wara l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO f'Jannar 2023. Il-kooperazzjoni ġiet estiża f'oqsma ġodda bħat-teknoloġiji emerġenti u fixkiela, il-klima u d-difiża, u l-ispazju.

L-UE u n-NATO nedew ukoll Task Force UE-NATO dwar ir-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika biex tissaħħaħ is-sigurtà komuni tagħna. Dan l-aħħar, żewġ Stati Membri ddeċidew li jissieħbu mal-alleanza. Wara l-konklużjoni tad-diskussjonijiet tal-adeżjoni, fil-5 ta' Lulju 2022, il-Finlandja u l-Iżvezja ffirmaw il-protokoll tal-adeżjoni tan-NATO. Fl-4 ta' April 2023, **il-Finlandja ssieħbet uffiċjalment bħala l-wieħed u tletin Stat Membru tan-NATO**. Bħala tali, 22 mis-27 Stat Membru issa għandhom sħubija fin-NATO.

Mhux biss issieħbu aktar Stati Membri tal-UE man-NATO, iżda kien hemm ukoll spinta fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża tal-UE. F'referendum li sar fl-1 ta' Ġunju 2022, il-votanti Daniżi appoġġaw is-sħubija tad-Danimarka mal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE, **li temmet it-30 sena ta' nonparteciġazzjoni tad-Danimarka fil-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tad-difiża**. B'riżultat ta' dan, fl-1 ta' Lulju 2022 id-Danimarka ssieħbet mal-kooperazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża, u bdiet tikkontribwixxi għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-UE f'dak il-qasam. F'Mejju 2023, id-Danimarka saret is-sitta u għoxrin membru tal-PESCO (Il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti), il-qalba tal-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tad-difiża.

Mill-2021, il-Kummissjoni nediet u implimentat b'suċċess il-**Fond Ewropew għad-Difiża**. Sa issa, il-proġetti rċevew aktar minn EUR 3 biljun f'investiment. Fl-2023, il-fond se jinjetta EUR 1,2 biljun oħra fi proġetti f'oqsma kruċjali tad-difiża, bħall-għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju, il-ġlieda kontra l-missili ipersoniċi u l-iżvilupp prototip ta' korvetta ta' pattulja Ewropea.

Minn mindu reġgħet feġġet il-gwerra fl-Ewropa, din bidlet sinifikament il-kuntest tas-suq li fih tiffunzjona l-industrija tad-difiża tal-UE. Fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-koleġiżlaturi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, għamlu ftehim politiku f'Ġunju 2023 **dwar strument għat-tisħiħ tal-industrija Ewropea permezz tal-akkwist komuni**, b'baġit ta' EUR 300 miljun. Dan ir-regolament se jinċentivizza lill-Istati Membri tal-UE biex jakkwistaw l-armi b'mod konġunt, u b'hekk jiġu żgurati l-interoperabbiltà, l-ekonomiji ta' skala u industrija tad-difiża Ewropea



b'saħħitha. Dan minbarra l-**Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon** (Act in Support of Ammunition Production, ASAP) li huwa maħsub biex jappoġġa ż-żieda fil-kapaċitajiet tal-manifattura għall-produzzjoni ta' munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija, flimkien mal-missili.



Il-proġett **Rail Baltica** mhuwiex biss ritorn simboliku tal-Istati Baltiċi lejn l-Ewropa, iżda għandu wkoll importanza ekonomika u ġeostrateġika sinifikanti. Permezz tal-konnessjoni mill-ġdid tal-Istati Baltiċi man-network ferrovjarju Ewropew, il-benefiċċji soċjoekonomiċi huma stmati għal EUR 16,2-il biljun. Huwa jsaħħaħ ukoll is-sigurtà reġjonali billi jippermetti t-trasport rapidu u effiċjenti ta' truppi u tagħmir mir-reġjun.





2 Ninvestu fil-prosperità tal-Ewropa

Fis-sena li għaddiet, l-UE wriet kemm nistgħu negħlbu sfidi kbar meta b'mod ambizzjuż niġbdu ħabel wieħed flimkien. Permezz tar-REPowerEU, il-Kummissjoni rnexxielha tiġġieled il-gwerra tal-enerġija tar-Russja kontra l-ekonomija tal-UE, filwaqt li ggarantiet is-sigurtà tal-enerġija tagħna permezz ta' provvisti diversifikati minn sħab affidabbli, riżervi tal-gass mimlija sew, iffrankar tal-enerġija, u żieda u aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli. Permezz tal-att dwar l-industrija b'emissjonijiet żero netti u l-att dwar il-materja prima kritika għall-implimentazzjoni tal-**Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku**, qed insaħħu l-pożizzjoni tal-UE biex tibqa' fl-ewwel post fit-tellieqa lejn emissjonijiet żero netti. Qed nagħtu prijorità lill-ħiliet u l-impjiegi, naġġornaw l-ekonomija soċjali tas-suq tagħna u nfaslu trasformazzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem fl-Ewropa. F'dan il-kuntest, nedejna s-**Sena Ewropea tal-Ħiliet** biex nagħtu impetu ġdid lill-apprendiment tul il-ħajja, filwaqt li nappoġġaw lin-nies u lill-kumpaniji biex ngħinuhom jikkontribwixxu bis-sħiħ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Introduċejna miżuri biex nagħtu spinta lill-innovazzjoni u l-kompetittività, appoġġati mill-finanzjament ta' EUR 800 biljun ta' **NextGenerationEU** għall-investment u r-riformi. Il-Kummissjoni adottat ukoll il-programm ta' ħidma ta' **Orizzont Ewropa** għall-2023–2024 – l-ikbar programm ta' finanzjament fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni. B'baġit ta' madwar EUR 13,5-il biljun, dan il-programm ta' ħidma se jippermetti lir-riċerkaturi u lill-innovaturi jfittxu soluzzjonijiet għall-isfidi ambjentali, tal-enerġija, diġitali u ġeopolitiċi sinifikanti li l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna qed jiffaċċjaw illum. Il-**fondi tal-politika ta' koeżjoni** tal-UE, li jammontaw għal EUR 392 biljun għall-2021–2027, ikomplu jgħinu fit-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni Ewropea, inkluż billi jikkoreġu l-iżbilanċi bejn il-pajjiżi u r-reġjuni. B'mod globali, qed nippromwovu l-valuri u l-interessi Ewropej permezz tal-investment tal-**Global Gateway**, filwaqt li nagħtu prijorità lis-sħubijiet strateġiċi ma' demokraziji fdati.

Il-**baġit tal-UE** huwa ċentrali għat-twettiq tal-prijoritajiet tal-Unjoni. Sa mill-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali, tfaċċaw diversi prijoritajiet ġodda filwaqt li l-flessibbiltajiet fil-QFP qegħdin jiġu eżawriti. Għalhekk, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni mmirata tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jikseb riżultati sa tmiem il-perjodu ta' seba' snin.

L-elementi ewlenin tar-reviżjoni huma l-appoġġ għall-Ukrajna, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, it-tisħiħ tas-sħubijiet ma' pajjiżi terzi ewlenin u l-indirizzar tal-emerġenzi, Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (Strategic Technologies for Europe Platform, STEP) għall-promozzjoni tal-kompetittività fit-tul tal-UE dwar it-teknoloġiji kritiċi, kif ukoll mezzi effettivi biex tiġi koperta ż-żieda fil-kostijiet tat-teħid b'self tan-NextGenerationEU u biex jiġu ssodisfatti l-obbligi legali tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet riżorsi proprji ġodda biex tiproteġi n-nefqa tal-baġit tal-UE.



REPowerEU

Enerġija affordabbli, sigura u sostenibbli għall-Ewropa

NIFFRANKAW L-ENERĠIJA

Billi nikkoordinaw it-tnaqqis fid-domanda għall-gass tagħna

17,7 %

Tnaqqis fid-domanda bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023

52,8 bcm(*)

ta' gass iffrankat

90 %

tal-kapaċità tal-ħżin tal-gass kienet mimlija sa Awwissu 2023




PJATTAFORMA TAL-UE GĦAX-XIRI TAL-ENERĠIJA

Sa Lulju 2023, l-ewwel żewġ offeriti tal-UE għax-xiri konġunt tal-gass attiraw **40** fornitur internazzjonali li setgħu jipprovdu volum kombinat ta' aktar minn **33,9 bcm** ta' gass. Dan jaqbeż id-domanda aggregata kkombinata tal-UE (**27,5 bcm**) b'aktar minn 23 %.

NIDDIERSIFIKAW IL-PROVVISTI TAGĦNA


Permezz ta' xiri komuni tal-gass u fornituri affidabbli ġodda

PERĊENTWAL TAL-IMPORTAZZJONIJIET TAL-GASS MILL-PIPELINES RUSSI MIT-TOTAL TAL-GASS FL-UE

Il-fornitur ewlieni attwali għall-UE: **In-Norveġja**

LNG

Importazzjonijiet tal-LNG minn fornituri mhux Russi

Il-fornitur ewlieni attwali tal-LNG għall-UE: **L-Istati Uniti**

NINVESTU F'SORSI TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI

Naċċelleraw it-tranżizzjoni lejn enerġija aktar sostenibbli u orħos

L-UŻU TA' SORSI TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI (2022)

ELETTRIKU ĠĠENERAT (2022)

Enerġija solari
żieda ta'
41 GW

**39 %**ta' elettriku ġġenerat minn **sorsi ta' enerġija rinnovabbli**

(*) bcm = biljun metru kubu

REPowerEU u niksbu mill-ġdid l-indipendenza enerġetika tagħna


Bl-użu tal-provvisti tal-enerġija bħala arma, ir-Russja mhux biss iddikjarat gwerra kontra l-Ukrajna iżda wkoll kontra l-ekonomija tal-Ewropa. Permezz tar-REPowerEU, għandna l-għan li ntemmu d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili Russi malajr kemm jista' jkun. **Fl-ewwel tmien xhur tal-gwerra ssostitwejna aktar minn 70 bcm tal-gass bil-pipelines Russi.** Fl-2023, inqas minn 10 % tal-importazzjonijiet totali tal-gass tagħna se jiġu minn pipelines Russi. Imlejnja r-riżervi tal-gass Ewropej għal livelli rekord, li laħqu 'l fuq minn 95 %, u li qabżu l-mira tagħna ta' 80 % sal-1 ta' Novembru 2022. Ħriġna mill-istaġun tat-tiġhin bil-kapaċità tal-ħżin 55 % mimlija, u sa Awwissu 2023, il-kapaċità tal-ħżin tal-gass tagħna kienet 90 % mimlija. Bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, iffrankajna l-enerġija u naqqasna l-konsum tal-gass tagħna bi 18 %, li jaqbeż il-mira volontarja ta' tnaqqis ta' 15 %.

Permezz tar-reġim ta' sanzjonijiet tagħna, waqqafna l-importazzjonijiet tal-faħam Russu u naqqasna b'mod drastiku l-importazzjonijiet taż-żejt Russu.

Il-prinċipju tas-**solidarjetà** kien ċentrali għar-rispons tagħna għall-kriżi enerġetika, u jibqa' fattur kruċjali. Stabbilejna arranġamenti ta' solidarjetà prestabbiliti għall-provvista tal-gass bejn l-Istati Membri u introduċejna qafas legali li jippermettilhom jadattaw il-profitti mhux mistennija tal-kumpaniji li jipproduċu l-enerġija għal skop differenti biex il-konsumaturi jkunu protetti minn prezzijiet għoljin tal-enerġija.

Fl-istess spirtu ta' solidarjetà u kooperazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll il-**Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE** biex torganizza l-ewwel xiri konġunt tal-gass li qatt sar għall-Istati Membri, flimkien mal-Georgia, il-Moldova, l-Ukrajna u l-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent. Dan ix-xiri konġunt ippermettielna, għall-ewwel darba, nużaw il-piż politiku u tas-suq kollettiv tagħna biex namplifikaw l-influenza tan-negozjar tagħna u niżguraw il-provvista tal-gass u tal-LNG billi ngħaqqdu d-domanda u nattiraw il-provvisti.

L-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-gass u l-elettriku



Sors: © Il-Kummissjoni Ewropea (Ibbażat fuq S&P Global Commodity Insights)

Nota: Il-prezzijiet tal-gass huma l-medja ta' kull ġimgħa tat-TTF ta' ġurnata bil-quddiem, il-prezzijiet tal-elettriku huma medja ponderata ta' kull ġimgħa tal-akbar swieq tal-UE

Il-mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda u xiri konġunt jevita li l-kumpaniji tal-UE jissuperaw lil xulxin fis-suq globali. Dawn jikkontribwixxu wkoll għall-mili mill-ġdid tar-riżervi tal-gass b'minimu ta' 15 % tal-kapaċità ta' ħżin tal-Istati Membri soġġetta għall-aggregazzjoni tad-domanda (madwar 13,5-il biljun metru kubu ta' gass). L-ewwel żewġ ċikli ta' offerti fl-2023 irriżultaw f'volum kombinat ta' 22,9 biljun metru kubu ta' gass abbinat mad-domandi tal-klijenti. Bi tkompli għal dan is-suċċess, se jiġu organizzati żewġ offerti oħra fl-2023.

.....

WindFloat Atlantic, li jinsab lil hinn mill-kosta ta' Viana do Castelo, il-Portugall, huwa **l-ewwel park eoliku galleġġanti fl-Ewropa kontinentali**. B'kapaċità installata ta' 25 MW u bi produzzjoni tal-elettriku ta' 78 GWh, qed tforni enerġija nadifa lil aktar minn 25 000 unità domestika.

.....



Il-ħidma ma' sħab internazzjonali affidabbli ppermettitilna nissostitwixxu ħafna mill-gass li konna nimportaw mir-Russja. **In-Norveġja** issa hija l-fornitur ewlieni tal-gass tagħna, u **l-Istati Uniti** saru l-fornituri ewlenin tal-gass naturali likwifikat, wara li s-sena l-oħra ġiet stabbilita t-Taskforce tas-Sigurtà tal-Enerġija Konġunta. Ikkonkludejna memoranda ta' qbil ma' sħab sodi fil-qasam tal-enerġija inklużi l-Eġittu, l-Iżrael u l-Ażerbajġan, fost l-oħrajn, biex insaħħu s-sigurtà tal-enerġija tagħna u nimxu lejn kooperazzjoni dwar l-enerġija nadifa.

Fl-istess ħin, tejjibna l-infrastruttura tal-enerġija tagħna billi saħħaħna l-interkonnessjonijiet u l-faċilitajiet tal-importazzjoni u billi ottimizzajna l-użu tagħhom. Din is-sena bdew jaħdmu erba' **interkonnetturi** tal-gass ewlenin: il-Pipe Baltiku, l-interkonnettur Polonja-Litwanja, l-interkonnettur bejn il-Bulgarija u l-Greċja u l-interkonnettur bejn il-Polonja u s-Slovakkja.

Filwaqt li naqqasna b'mod drastiku d-dipendenza tagħna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija Russi, saħħaħna l-wegħda li nħallu Ewropa aħjar għall-ġenerazzjoni li jmiss. L-enerġija rinnovabbli rat progress sinifikanti matul il-kriżi tal-fjuwils fossili. Fl-2022, **irduppajna l-użu addizzjonali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli madwar l-UE**. Ġie installat rekord ta' 41 gigawatt ta' kapaċità tal-enerġija solari ġdida u l-kapaċità eolika żdiedet bi 15-il gigawatt, li jissostitwixxu madwar 12-il biljun metru kubu ta' gass Russu. Għall-ewwel darba fl-istorja, **fl-2022 ġie ġġenerat aktar elettriku mir-riħ u x-xemx milli mill-gass**. Permezz ta' dan, mhux biss irnexxielna nwaqqfu ż-żieda fl-emissjonijiet ta' CO₂ iżda rnexxielna nnaqsuhom bi 2,5 %. Anki fi żminijiet ta' kriżi, l-UE żammet soda mal-miri klimatiċi tagħha. Kważi 9 minn kull 10 Ewropej jappoġġaw l-isforzi tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni.

.....

L-akbar sistema ta' tisħin ġeotermali tal-UE g'iet

inawgurata aktar kmieni din is-sena fi Szeged, l-Ungerija, li tipprovdi enerġija affordabbli lil aktar minn 28 000 unità domestika u aktar minn 400 binja pubblika. Il-proġett, kofinanzjat mill-UE, mhux biss jipprovdi enerġija nadifa u affordabbli, iżda jgħin ukoll lill-Ungerija titbiegħed mill-gass Russu. Aktar minn 25 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'żoni b'riżorsi ġeotermali suffiċjenti biex tirreplika l-“mudell Szeged”.

.....



L-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari tagħna hija ppreparata biex tħaffef saħansitra aktar l-użu tal-enerġija fotovoltajka. Bħala komponent kritiku tal-inizjattiva REPowerEU, din l-istrateġija hija mfassla biex tibda tħaddem aktar minn 320 gigawatt ta' installazzjonijiet fotovoltajċi solari ġodda sal-2025 – aktar mid-doppju tal-livell attwali – u kważi 600 gigawatt sal-2030. **Ħaffifna wkoll b'mod strutturali l-għoti ta' permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.** Għadd kbir ta' proġetti tal-enerġija madwar l-UE tant ġew implimentati malajr li l-permessi ma setgħux ilaħħqu mar-ritmu. Konsegwentement, ipproponejna miżuri biex inħaffu l-proċess b'mod sinifikanti.

.....

Tliet żoni ta' estrazzjoni tal-faħam fiċ-Ċekja qed jinbidlu f'“widien tal-idroġenu”.

Moravskoslezský, Ústecký, u Karlovarský, bl-għajnuna tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, qed jibnu katina tal-valur minn tarf sa tarf għall-produzzjoni, ħżin u użu tal-idroġenu rinnovabbli, b'mod speċjali fis-settur tat-trasport.

.....



B'ħarsa fil-fond lejn il-futur, l-idroġenu jirriżulta bħala strument ewlieni għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u tal-industrija tagħna. L-UE qiegħda fuq quddiem fl-iżvilupp ta' **ekonomija globali tal-idroġenu**. Il-koleġiżlaturi għadhom qed jaħdmu fuq il-pakkett tad-dekarbonizzazzjoni tal-idroġenu u tal-gass, li jstabbilixxi qafas għall-ekonomija tal-idroġenu emerġenti, iżda issa l-UE għandha regoli li jiddefinixxu l-idroġenu rinnovabbli. Barra minn hekk, fl-1 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni, l-industrija tal-idroġenu, il-komunità xjentifika u r-reġjuni tal-UE ffirmaw dikjarazzjoni konġunta b'impenn li jżidu u jħaffu l-azzjoni konġunta dwar ir-riċerka u l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni u l-użu tal-widien tal-idroġenu.

REPowerEU huwa biss il-bidu. Qed **inħaffu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa permezz tal-implimentazzjoni ta' NextGenerationEU**, bi kważi EUR 270 biljun disponibbli għall-Istati Membri biex jimplimentaw l-investiment u r-riformi ppjanati tagħhom. Dan jinkludi l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-introduzzjoni ta' vetturi u trasport pubbliku aktar ekoloġiċi u li l-bini u l-ispazji pubbliċi tagħna jsiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħolqot miżuri eċċezzjonali ġodda, l-Appoġġ għall-Enerġija Affordabbli (Supporting Affordable Energy, SAFE) skont il-politika ta' koeżjoni u fil-qafas tar-REPowerEU, biex **tgħin liċ-ċittadini vulnerabbli u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jindirizzaw kontijiet għoljin tal-enerġija** billi tadatta sa EUR 40 biljun għal skop ġdid f'fondi mhux allokat.

•••••

Il-programm ta' investiment għall-enerġija sostenibbli

(investment programme for sustainable energy, ISDE), iffinanzjat mill-pjan Netherlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza, jipprovdi sussidji sa 30 % għall-installazzjoni ta' pompi tas-sħana fuq skala żgħira, bojlers solari, miżuri ta' iżolazzjoni, u konnessjonijiet tan-network tas-sħana. L-iskema wriet li hija popolari ħafna maċ-ċittadini u l-kumpaniji ż-żgħar, minħabba kontijiet tal-enerġija aktar baxxi u l-benefiċċji ambjentali tagħha.

•••••



Inħaffu l-pass tal-Patt Ekoloġiku Ewropew

Il-Kummissjoni von der Leyen ippreżentat il-Patt Ekoloġiku Ewropew fl-2019, u minn dak iż-żmien baqgħet soda fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-tisfih tal-effiċjenza fir-riżorsi, it-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità u t-tnaqqis tat-tniġġis, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Issa, aktar minn tliet snin fil-vjaġġ tagħna, u minkejja żewġ kriżijiet globali mingħajr preċedent, **għew proposti l-maġġoranza tal-inizjattivi u l-koleġiżlaturi bidlu f'liġi jew qed jagħmlu progress** dwar ftehimiet f'ħafna minn dawn l-oqsma, b'inizjattivi ewlenin li diġà qed jissawru. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll għarfien espert lill-Istati Membri biex ifasslu u jimplementaw riformi li jgħinu biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. F'dawn l-aħħar tliet snin, ingħata appoġġ għal madwar 150 riforma ta' tranżizzjoni ekoloġika fl-Istati Membri kollha.

Il-klima u l-enerġija

Sa mill-bidu nett, il-Patt Ekoloġiku Ewropew enfasizza li t-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva, li tpoġġi lin-nies l-ewwel u **li tittrasforma lill-UE f'soċjetà ġusta u prospera**. Qed tingħata attenzjoni partikolari lil dawk ir-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjonijiet klimatiċi u tal-enerġija. Bdiet ukoll l-implimentazzjoni tal-istrument ta' dekarbonizzazzjoni bbażat fuq it-territorju u ddedikat tal-politika ta' koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għar-reġjuni li jeliminaw gradwalment il-fjuwils fossili. Id-EUR 19-il biljun tiegħu f'għotjiet se jappoġġaw l-investiment f'reġjuni dipendenti fuq il-fjuwils fossili u b'intensità qawwija ta' karbonju madwar l-Istati Membri kollha. Flimkien maż-żewġ strumenti l-oħra tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, investiment b'valur ta' aktar minn EUR 55 biljun se jgħin lil dawn ir-reġjuni jiffokaw mill-ġdid u jiddiversifikaw

l-ekonomiji tagħhom, u se jgħin lill-ħaddiema jiksbu ħiliet li se jagħtuhom aċċess għall-impjiegi l-ġodda li se jinħolqu.

.....

F'Ġunju 2023, **ingħata bidu għall-ewwel proġett tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta f'Narva, l-Estonja**. Dan jikkonsisti f'impjant għar-raffinar ta' kalamiti ta' materjali tal-art rari għall-vetturi elettriċi – l-ewwel faċilità bħal din barra mill-Asja. Hija wkoll konnessa ma' minjiera ġdida fi Greenland, li jagħmilha l-ewwel katina ta' provvista Ewropea mill-minjiera għar-raffinerija.

.....



Kmieni fil-mandat tagħha, permezz tal-**Liġi Ewropea dwar il-Klima**, il-Kummissjoni wittiet it-triq biex l-UE ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima qabel l-2050, b'mod li jkun soċjalment ekwu u ekonomikament kompetittiv. Ippreżentajna l-pakkett **“Lesti għall-mira ta' 55 %”**, pakkett ambizzjuż u estensiv ta' proposti leġiżlattivi mfassla biex jallinjaw il-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni mal-obiettivi li jtnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti b'mill-inqas 55 % sal-2030.

“Lesti għall-mira ta' 55 %” jinkludi **sistema riveduta tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet**, li hija pedament tal-politiki tal-UE dwar il-klima. Id-dħul mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, għajr dak issuġġerit li jsir riżorsa proprja ġdida għall-baġit tal-UE, jiġi investit mill-ġdid fit-tranżizzjoni tal-enerġija. Biex tinkiseb tranżizzjoni ġusta, il-**Fond Soċjali għall-Klima** se jipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju liċ-ċittadini u lin-negozji vulnerabbli. B'baġit sa EUR 86,7 biljun (inkluża kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 65 biljun), il-fond se jappoġġa unitajiet domestiċi vulnerabbli, negozji żgħar u utenti tat-trasport fl-Istati Membri tal-UE bejn l-2026 u l-2032. Dan il-pakkett komprensiv ta' leġiżlazzjoni maqbula jinkludi wkoll regolament rivedut dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi u r-regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, u leġiżlazzjoni riveduta b'miri miżjuda dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Dan jinkludi wkoll miri għall-introduzzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero kif ukoll l-infrastruttura tal-iċċarġjar meħtieġa, u regoli ġodda dwar l-użu ta' fjuwils sostenibbli għall-vapuri u l-ajruplani. Il-qafas tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet issa huwa allinjat mal-mira tal-2030 fil-**Liġi Ewropea dwar il-Klima**.

.....

Id-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni tal-azzar hija essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika. F'April 2023, l-akbar emittent ta' emissjonijiet ta' CO₂ fl-Awstrija, il-produttur tal-azzar Voestalpine, iddeċieda li jinvesti EUR 1,5 biljun biex jaqleb mill-forn tal-blast li jniġġes ħafna għall-forn b'ark elettriku, bl-appoġġ tal-UE. Bil-bidu ta' produzzjoni sħiħa fl-2027, din se tgħin biex jiġu ffrankati 4 miljun tunnellata ta' emissjonijiet ta' CO₂ fis-sena, li jirrappreżentaw 5 % tal-emissjonijiet annwali tal-Awstrija.

.....



Fl-istess ħin, il-**Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri** tal-UE se jiżgura l-ipprezzar ġust tal-emissjonijiet tal-karbonju assoċjati mal-produzzjoni ta' oġġetti b'intensità qawwija ta' karbonju importati fl-UE, filwaqt li jinċentiva produzzjoni industrijali aktar nadifa f'pajjiżi mhux tal-UE. Għall-ewwel, il-mekkaniżmu se japplika għal prodotti speċifiċi f'xi wħud mis-setturi b'intensità qawwija ta' karbonju: ħadid u azzar, siment, fertilizzanti, aluminju, elettriku u idroġenu. Se jidħol fis-seħħ, billi jibda b'fażi tranżitorja, fl-1 ta' Ottubru 2023, bis-sistema permanenti tapplika mill-2026.

L-adozzjoni tal-**istandards** riveduti tas-**CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet, ir-regolament dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi** u r-**regolamenti tal-FuelEU Maritime u Refuel EU aviation**, jirrappreżentaw stadji importanti ewlenin fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-UE. L-istabbiliment ta' network kompletament interoperabbli u faċli għall-utent ta' punti tal-irriċarġjar u stazzjonijiet tar-riforniment madwar l-UE, flimkien ma' miri vinkolanti għal fjuwils sostenibbli għas-setturi tal-avjazzjoni u dak marittimu, se jnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra u jstimulaw l-użu ta' vetturi, bastimenti u inġenji tal-ajru b'emissjonijiet żero. Issa huwa essenzjali li jintlaħaq ukoll ftehim malajr dwar l-istandards tas-CO₂ għall-vetturi heavy-duty.

.....

L-għada tad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, il-President von der Leyen se tkun f'Copenhagen biex issir il-parrina tal-**ewwel bastiment tal-kontejners fid-dinja li jaħdem bil-methanol ekoloġiku**. Dan l-avveniment juri s-setgħa tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li jinċentiva lill-industrija għad-dekarbonizzazzjoni u l-innovazzjoni. Jenħtieġ li sal-2030, kwart tal-flotta ta' Maersk tkun qed taħdem bi fjuwils ekoloġiċi, li huwa sinifikanti minħabba li 90 % tal-kummerċ dinji jiġi ttrasportat bil-baħar.

.....



L-aċċellerar tat-tranżizzjoni tal-enerġija huwa ċentrali għall-politika tagħna dwar l-enerġija, bil-għan li nilħqu l-oġġettivi tagħna “Lesti għall-mira ta’ 55 %”. Il-ftehim dwar ir-reviżjoni tad-**direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli** jistabbilixxi mira ta’ 42,5 % għall-enerġija rinnovabbli madwar l-UE kollha, bl-aspirazzjoni li tilħaq il-45 %.

Jistabbilixxi wkoll miri settorjali biex jiġi żgurat li l-oqsma kollha tal-ekonomija jħaddnu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa billi jaqilbu għal sorsi ta’ enerġija rinnovabbli meta jkun fattibbli. Madankollu, l-aktar enerġija ekonomika hija dik l-enerġija li ma nużawx. Dan l-aħħar, l-UE laħqet kunsens dwar id-**direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija**, li tistabbilixxi mira li jinkiseb iffirankar ta’ 11,7 % sal-2030. Din il-mira se tgħin l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili, filwaqt li fl-istess ħin tnaqqas il-kontinġent tal-enerġija għall-konsumaturi.

B’rikonossiment li l-bini jirrappreżenta 40 % tal-konsum tal-enerġija tal-UE, issa għaddejnin negozjati dwar id-**direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija**. Il-proposta tal-Kummissjoni tiffoka fuq it-titjib tal-prestazzjoni tal-bini l-inqas effiċjenti.

•••••

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa aktar minn leġislazzjoni. Fil-**Biennale tal-Arkitettura ta’ Venezia ta’ din is-sena, bit-tema “Il-Laboratorju tal-Futur”**, l-UE poġġiet enfasi fuq il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, inizjattiva li tgħaqqad il-Patt Ekoloġiku Ewropew mal-ispazji tal-għajxien u l-esperjenzi tagħna.

•••••



B’mod ġenerali, se jkunu meħtieġa investimenti addizzjonali ta’ aktar minn EUR 620 biljun fis-sena biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku u tar-REPowerEU kif ukoll investimenti ta’ EUR 92 biljun sal-2030 biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-att dwar l-industrija b’emissjonijiet żero netti. Il-biċċa l-kbira ta’ dan l-investment se jkollu jiġi minn finanzjament privat. Huwa għalhekk li, f’Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ġdid ta’ miżuri biex tibni fuq u ssaħħaħ il-pedamenti tal-qafas ta’ finanzjament sostenibbli tal-UE. Il-Kummissjoni żiedet attivitajiet ġodda mat-**tassonomija tal-UE** u pproponiet regoli ġodda għall-**fornituri tal-klassifikazzjoni ambjentali, soċjali**

u tal-governanza, li se jżidu t-trasparenza fis-suq għall-investment sostenibbli. Il-pakkett għandu wkoll l-għan li jiżgura li l-qafas tal-finanzi sostenibbli jaqdi lill-kumpaniji li jridu jinvestu fit-tranżizzjoni tagħhom lejn is-sostenibbiltà. F'Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat **l-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà** li għandhom l-għan li jiżguraw standards ambjentali, soċjali u ta' governanza għoljin u trasparenza, filwaqt li jżommu l-piż tar-rapportar fuq il-kumpaniji maniġġabbli. L-istandards huma mfasla skont il-politiki tal-UE, filwaqt li jibnu fuq inizjattivi ta' standardizzazzjoni internazzjonali u jikkontribwixxu għalihom.

L-industrija u l-innovazzjoni

Biex jinżamm ir-ritmu fit-tellieqa lejn emissjonijiet żero netti, u biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-UE, fl-1 ta' Frar 2023 il-Kummissjoni żvelat il-**Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku**. Il-Pjan ifittex li joħloq ambjent li jwassal aktar għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-manifattura tal-UE tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi ambizzjużi tal-UE.

Fid-9 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat **qafas temporanju ta' kriżi u ta' tranżizzjoni ġdid** biex trawwem miżuri ta' appoġġ f'setturi li huma kruċjali fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Flimkien mal-emenda tar-regolament ġenerali ta' eżenzjoni ta' kategorija, dan il-qafas jippermetti lill-Istati Membri jużaw il-flessibbiltà prevista skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija fil-kuntest tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li jħaffu l-investment u l-finanzjament għall-produzzjoni tat-teknoloġija nadifa fl-UE. Sa issa l-Kummissjoni adottat aktar minn 320 deċizzjoni dwar l-appoġġ għall-ekonomija fil-kriżi ġeopolitika attwali, għal stima ta' ammont ta'

għajnuna totali approvata ta' aktar minn EUR 740 biljun.

Aktar tard f'Marzu, ġew introdotti t-**tliet proposti fundamentali** għall-ambjent regolatorju artikolati fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku: **l-att dwar il-materja prima kritika**, **l-att dwar l-industrija b'emissjonijiet żero netti** u r-riforma tal-mod kif jitfassal is-**suq tal-elettriku**, li se jiżguraw li l-industrija u l-konsumaturi jgawdu l-benefiċċji tal-kost aktar baxx tat-tranżizzjoni ekoloġika.

Matul iż-żjara tal-President von der Leyen ta' Marzu f'Washington, D.C., hi u l-President tal-Istati Uniti Joe Biden qablu li jsaħħu r-**rabtiet ekonomiċi bejn l-UE u l-Istati Uniti** biex jindirizzaw b'mod kollaborattiv il-kriżi klimatika, jagħtu spinta lis-settur tat-teknoloġija nadifa, u jistabbilixxu ktajjen tal-provvista tat-teknoloġija nadifa siguri, reżiljenti u diversifikati. It-tnejn qablu li kooperazzjoni trans-Atlantika msaħħa tista' tiġġenera impjegi li jħallsu tajjeb u trawwem ċikli ta' innovazzjoni li jnaqqsu l-kostijiet tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa globalment, u tgħin biex tiġi avvanzata tranżizzjoni tal-enerġija globali ġusta li ma tħalli lill-ebda komunità tibqa' lura.



L-**att dwar il-materja prima kritika** se jgħinna niżguraw l-aċċess għal materjali sostenibbli, inklużi l-materjali tal-art rari, li huma essenzjali għall-manifattura ta' teknoloġiji ewlenin. Il-materja prima kritika hija kruċjali għal firxa wiesgħa ta' setturi strateġiċi, inkluża l-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti bħall-batteriji, l-industrija diġitali u s-setturi ajruspazjali, tas-saħħa u tad-difiża. Minħabba li d-domanda għall-materja prima kritika hija mistennija li tiżdied drastikament, u li l-UE bħalissa hija dipendenti ħafna fuq ċerti pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari ċ-Ċina, jeħtieġ li l-UE timmitiga r-riskji għall-ktajjen tal-provvista

sabiex itejjeb ir-reżiljenza ekonomika u ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa. L-UE se tistabbilixxi prijoritajiet ċari, tiffaċilita l-għoti ta' permessi effiċjenti għall-proġetti, tiżgura ktajjen tal-provvista reżiljenti, ittaffi r-riskji, taħdem ma' sħab u tinvesti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fil-ħiliet. Lil hinn minn dan, l-UE wriet l-impenn serju tagħha għas-settur tal-batteriji, billi kabbritu minn kważi l-ebda produzzjoni tal-batteriji fl-2017, għal settur industrijali b'saħħtu bi 30 gigafactories imħabbra u b'kapaċità installata ta' madwar 70 GWh fl-2022.

.....

Dan is-sajf Franza fetħet l-ewwel fabrika tal-batteriji tal-karozzi elettriċi f'Billy-Berclau, fir-reġjun tat-Tramuntana ta' Hauts-de-France, bis-saħħa ta' EUR 850 miljun f'investiment pubbliku. Bħala parti minn proġett importanti ta' interess Ewropew komuni għall-produzzjoni tal-batteriji, dan se jsaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħna billi jipproduċi 2,5 miljun batterija fis-sena u joħloq aktar minn 2 000 impjeg dirett ġdid sal-2030.

.....



L-att dwar l-industrija b'emissjonijiet zero netti għandu l-għan li jespandi l-manifattura domestika tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, isaħħaħ il-kompetittività tal-bażi industrijali b'teknoloġija b'emissjonijiet zero netti u jtejjeb ir-reżiljenza enerġetika tal-UE.

Aħna determinati li jkollna rwol ewlieni fit-tranżizzjoni lejn teknoloġija nadifa u li nwaslu tkabbir ekoloġiku u impjegi liċ-ċittadini tagħna. L-att jiddeskrivi l-oġettivi għall-kapaċità industrijali b'emissjonijiet zero netti u jipprovdi qafas regolatorju xieraq għall-użu rapidu tagħha, filwaqt li jiżgura għoti ta' permessi simplifikati u rapidi filwaqt li jippromwovi varjetà ta' għodod, bħal punti uniċi ta' servizz; proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti; kundizzjonijiet ta' appoġġ pubbliku li jiffavorixxu d-diversifikazzjoni u standards ambjentali għoljin; akkademji għall-ħiliet b'emissjonijiet zero netti; u ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji għal teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet zero netti.

Id-disinn tas-suq tal-elettriku, li qeda tajjeb lill-konsumaturi Ewropej għal snin sħaħ, ma għadux adattat għall-iskop tiegħu. Il-kriżi tal-fjuwils fossili wrietna l-influenza eċċessiva tal-gass fuq il-prezzijiet tal-elettriku. B'talba tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE, il-Kummissjoni adottat **riforma fit-tul tad-disinn tas-suq tal-elettriku** biex tagħti spinta lis-sorsi rinnovabbli, tipproteġi aħjar lill-konsumaturi u ssaħħaħ il-kompetittività industrijali. Din ir-riforma se jkollha l-għan li l-kontijiet tal-konsumatur jsiru aktar indipendenti mill-volatilità tas-swieq fuq perjodu qasir ta' żmien, tippromwovi l-investiment fl-enerġija rinnovabbli, ittejjeb id-drittijiet tal-konsumatur u tipproteġi aħjar is-swieq kontra manipulazzjoni potenzjali.

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi **Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa** fil-kuntest tar-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali biex tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul tal-UE dwar it-teknoloġiji kritiċi, fl-oqasma tat-

teknoloġija diġitali u profonda, tat-teknoloġija nadifa u tal-bijoteknoloġija. Għal varar rapidu u effettiv fil-prattika, din il-pjattaforma tibni fuq u żżid mal-istrumenti eżistenti, inkluż InvestEU, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Fond Ewropew għad-Difiża, filwaqt li tintroduċi wkoll flessibilità u inċentivi ġodda għall-finanzjament ta' koeżjoni f'reġjuni inqas żviluppati u fi tranżizzjoni, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Tintroduċi wkoll is-siġill tas-Sovranità – it-tikketta tal-kwalità tal-UE għall-proġetti ta' sovranità.

In-natura u l-ambjent

In-nirien fis-selvaġġ, l-għargħar u l-maltempati fl-Ewropa matul dawn l-aħħar xhur juru l-importanza li tiġi restawrata n-natura madwar l-Unjoni Ewropea u li l-ambjent naturali tagħna jkun jista' jgħin fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. In-negożjati biex tiġi ffinalizzata l-**Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura** jinsabu għaddejjin wara li l-Kunsill u l-Parlament adottaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom f'Ġunju u f'Lulju 2023. Din tirrappreżenta pass ewlieni fil-prevenzjoni u l-indirizzar tal-agħar impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, bħan-nixfiet u l-għargħar, u hija konformi mal-ftehim storiku li ntlaħaq f'Diċembru 2022 dwar il-**Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal**.

Dawn il-miżuri huma kkomplementati mill-pakkett tal-5 ta' Lulju 2023 dwar l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż b'mod partikolari l-proposta dwar il-**monitoraġġ tal-ħamrija, il-proposti dwar tekniki ġenomiċi ġodda, il-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti** u dwar **it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel**, li għandhom potenzjal enormi li jikkontribwixxu għal sistemi agroalimentari sostenibbli.

•••••

F'wieħed mill-akbar proġetti ambjentali tal-Ewropa, l-**Irlanda qed tirrestawra 33 000 ettaru ta' art b'torbieri mistagħdra.**

It-torbieri mistagħdra huma rikki fil-bijodiversità u jistgħu jaħżnu b'mod naturali d-doppju tal-karbonju daqs il-foresti.

•••••



Bl-introduzzjoni tal-**Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero**, il-Kummissjoni stabbiliet viżjoni ambizzjuża għall-2050: li jitnaqqas it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija għal livelli li ma jibqgħux ta' ħsara għas-saħħa u għall-ambjent. Dan ġie segwit minn proposti ewlenin bħar-Regolament dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi, ir-Reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, l-introduzzjoni ta' limiti tal-emissjonijiet aktar stretti għall-vetturi bil-mutur (Euro 7), ir-Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art u d-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, u r-Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali.



Fionn Ferreira, ta' 22-il sena minn Cork, l-Irlanda, rebaħ Premju għall-Inventuri Żgħażaġħ mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, għall-**metodu innovativ tiegħu għat-tneħħija tal-mikroplastiċi mill-ilma.**



L-UE kkonkludiet b'suċċess id-diskussjonijiet dwar il-politika agrikola komuni (PAK) 2023-2027, u sa Diċembru 2022 il-Kummissjoni approvat it-28 pjan strateġiku tal-PAK kollha. Il-leġiżlazzjoni li għadha kif ġiet ippromulgata, effettiva mill-1 ta' Jannar 2023, tikkontribwixxi għall-obiettivi tal-**istrateġiji mill-għalqa sal-platt u għall-bijodiversità** billi tappoġġa lill-bdiewa fl-UE biex ikomplu jipproduċu ikel sikur u ta' kwalità filwaqt li tagħmel progress fit-tranżizzjoni lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u reżiljenti. Il-PAK il-ġdida tinfed ukoll il-**viżjoni fit-tul** tal-UE **għaż-żoni rurali** billi tgħin biex jiġu ppreservati l-vitalità u d-diversità tal-komunitajiet rurali. B'mod ġenerali, 32 %

tal-finanzjament totali tal-PAK huwa ddedikat għat-twassil ta' benefiċċji relatati mal-klima, ir-riżorsi naturali, il-bijodiversità u t-trattament xieraq tal-animali, filwaqt li ssir enfasi akbar fuq il-ġustizzja għall-azjendi agrikoli żgħar tal-familja, il-bdiewa żgħażaġħ u l-ħaddiema tal-azjendi agrikoli.



L-azjenda agrikola ta' João Coimbra fiċ-ċentru tal-Portugall, Quinta da Cholda, twaqqfet fil-bidut tas-Seklu 20, u llum **tuża tekniki ta' preċiżjoni tal-agrikoltura u tal-bijodiversità biex tipproduċi aktar b'inqas.** Fis-sena 2022, ikkaratterizzata minn nixfiet severi, kien kapaċi jsaqqi l-art skont il-ħtiġijiet eżatti tal-ħamrija mingħajr ma jnaqqas ir-rendimenti tal-għelejjel. Fir-rigward tal-enerġija, l-azjenda agrikola hija awtosuffiċjenti.



L-ekonomija ċirkolari

Il-Kummissjoni adottat diversi proposti biex tissodisfa l-impenji tal-pjan ta' azzjoni għal ekonomija ċirkolari, inklużi proposti għal **regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart** u **regolament dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli**, li jiżguraw li l-prodotti kollha li jiġu fis-suq tal-UE jkunu sostenibbli – li jistgħu jerġgħu jintużaw, jissewew u riċiklabbli. Perċentwali notevoli ta' 94 % tan-nies li jgħixu fl-UE jsostnu li l-protezzjoni ambjentali hija ta' importanza personali għalihom, filwaqt li 68 % jirrikonoxxu li l-mudell ta' konsum tagħhom għandu impatt negattiv fuq l-ambjent, kemm fl-Ewropa kif ukoll madwar id-dinja.

Sabiex jitnaqqas l-impatt negattiv tad-domanda tal-UE għal prodotti bħas-sojja, iż-żejt tal-palm, il-kafè, il-kawkaw, injam ippreparat u l-gomma, il-koleġiżlaturi qablu dwar **liġi ġdida tal-UE dwar id-deforestazzjoni**, li daħlet fis-seħħ f'Ġunju 2023. Dħalna fi djalogu mill-qrib mal-pajjiżi sħab dwar l-implimentazzjoni tagħha, kif juri l-ħolqien, f'Ġunju, tat-Task Force Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea, l-Indoneżja u l-Malażja biex jiġi implimentat ir-regolament tal-UE dwar id-deforestazzjoni.

F'Marzu 2023, il-Kummissjoni pproponiet kriterji unifikati biex tiġġieled il-greenwashing fis-suq tal-UE. Dawn se **jiżguraw li l-prodotti kkummerċjalizzati bħala "ekoloġiċi" jkunu ġenwinament ekoloġiċi**, filwaqt li jfornu lill-konsumaturi b'informazzjoni ta' kwalità aħjar u jippermettu li n-negozji bi prodotti verament sostenibbli jiġu identifikati u ppremjati faċilment. Il-proposta tiffoka fuq dikjarazzjonijiet espliċiti, bħal "T-shirt magħmul minn fliexken tal-plastik irriċiklati", "kunsinna kkumpensata għas-CO₂", "imballaġġ magħmul minn plastik 30 % riċiklat" jew "protezzjoni kontra x-xemx li ma tagħmilx ħsara lill-baħar".

Il-Kummissjoni adottat ukoll proposta ġdida li tippromwovi t-**tiswija ta' oġġetti**. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tissimplifika

u tippromwovi t-tiswija ta' oġġetti (bħal vacuum cleaners, tablets u smartphones), li ssaħħaħ is-settur tat-tiswija u tteġġeg lill-produtturi u lill-bejjiegħa jiżviluppaw mudelli kkummerċjali aktar sostenibbli.

Diplomazija ekoloġika

Fis-**Sebġha u Għoxrin Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP27)**, il-Kummissjoni wriet ambizzjoni u flessibbiltà biex żżomm il-mira li tillimita t-tiżhin globali għal 1.5 °C. Kien sforz Ewropew b'saħħtu u magħqud li għen biex jiżgura patt miksub b'tant diffikultà biex il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi jinżammu ħajjin. Il-medjazzjoni tal-UE għenet ukoll biex tavvanza d-diskussjonijiet dwar arranġamenti ġodda bbilanċjati għal finanzjament, biex tgħin lill-komunitajiet vulnerabbli jiffaċċjaw telf u ħsara kkawżati mit-tibdil fil-klima.

F'Diċembru 2022, fil-Konferenza tan-NU dwar il-Bijodiversità (COP15) f'Montreal, il-Kanada, l-UE ssieħbet ma' 195 pajjiż fil-**Qafas Globali tal-Bijodiversità storiku ta' Kunming-Montreal**. Dan il-qafas fih għanijiet u miri globali li għandhom l-għan li jiproteġu u jirrestawraw in-natura għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, li jiżguraw l-użu sostenibbli tagħha u jixprunaw l-investment għal ekonomija globali ekoloġika. Flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima, dan iwitti t-triq lejn dinja newtrali għall-klima, pożittiva għan-natura u reżiljenti sal-2050. L-unità u t-tmexxija tal-UE kienu essenzjali matul in-negozjati ta' erba' snin biex jintlaħaq dan il-ftehim internazzjonali. Il-President von der Leyen kienet diġà ħabbret, bħala parti mill-Global Gateway, li l-Kummissjoni qed **tirdoppja l-finanzjament għall-bijodiversità globali** biex tilħaq total ta' EUR 7 biljun investiti fil-protezzjoni tal-bijodiversità madwar id-dinja.

F'konformità ma' dan il-ftehim storiku, f'Marzu 2023 il-komunità internazzjonali kkonkludiet ukoll negozjati dwar it-**Trattat storiku**

tal-Ibħra Internazzjonali għall-ħarsien tal-oċean, l-indirizzar tad-degradazzjoni ambjentali, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u l-prevenzjoni tat-telf tal-bijodiversità. It-Trattat dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali jippermetti li **jiġu stabbiliti żoni tal-baħar protetti fuq skala kbira fl-ibħra internazzjonali**. L-UE u l-Istati Membri li huma parti mill-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja relatata, imnedija mill-President von der Leyen, kellhom rwol ewlieni biex jintlaħaq il-ftehim.

Biex jintegraw aħjar ir-rabta bejn il-klima, il-paċi u s-sigurtà fil-politiki esterni tal-UE, f'Ġunju 2023 il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw **il-pjan tal-UE biex issir aktar reżiljenti u sigura hekk kif il-kriżi klimatika qiegħda tintensifika**.

Fis-Summit ta' Pariġi għal Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid, f'Ġunju 2023, il-**President von der Leyen ipproponiet li l-ipprezzar globali tal-karbonju jintuża biex jiġi ġġenerat il-finanzjament għall-finanzjament għall-klima** li huwa tant meħtieġ għad-dinja li qed tiżviluppa. L-ipprezzar tal-karbonju huwa wieħed mill-aktar għodod effettivi li jista' jintuża għat-tranqqis tal-emissjonijiet b'mod li jġiegħel lil min iniġġes iħallas għat-triġġis jew li jiggwida lill-parteċipanti lejn l-innovazzjoni. Mill-2005, meta l-UE bdiet tintroduċi l-ipprezzar tal-karbonju, id-dħul mill-ipprezzar tal-karbonju laħaq il-EUR 142 biljun, u l-emissjonijiet tas-CO₂ naqsu b'35 %. L-UE issa qed testendi s-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għas-settur tat-trasport bit-triq.

Minbarra s-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, is-sistemi nazzjonali jew sottonazzjonali diġà qed joperaw jew qed jiġu żviluppati fil-Kanada, fiċ-Ċina, fil-Ġappun, fi New Zealand, fil-Korea t'Isfel, fl-Iżvizzera u fl-Istati Uniti. L-UE qed tikkoopera ma' dawn is-sħab u tgħin lil oħrajn jimplementaw l-ipprezzar tal-karbonju.

F'Lulju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat ir-*rieżami Volontarju* inawgurati tagħha *dwar*

l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. Mill-adozzjoni tal-Aġenda 2030 fl-2015, l-UE għamlet progress moderat jew qawwi fil-maġġoranza tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. L-UE qed tippjana li tagħmel passi ulterjuri lejn l-għanijiet billi tħaffef l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u d-Deċennju Diġitali tal-Ewropa.

Nagħmlu d-Deċennju Diġitali tal-Ewropa realtà

L-innovazzjoni diġitali qiegħda ssawwar mill-ġdid l-ekonomija tagħna b'pass mgħaġġel ferm. Din is-sena rajna l-adozzjoni rapida ħafna tal-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva (IA), inklużi mudelli lingwistiċi kbar u ġenerazzjoni ta' stampi. Il-miġja tar-**rivoluzzjoni tal-IA ma għadhiex prospett futur, iżda realtà attwali**. Il-potenzjal ta' IA affidabbli huwa vast, li jinkludi kura tas-saħħa u żvilupp ta' mediċina superjuri, trasport aktar sikur u aktar ekoloġiku, industrij aktar effiċjenti, mudelli ta' tbsair tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet tal-enerġija aktar kosteffettivi u sostenibbli.

L-approċċ tal-Kummissjoni biex tiżgura ambjent regolatorju għall-IA li jiffavorixxi l-innovazzjoni iżda ċċentrat fuq il-bniedem kien urġenti. Saħansitra f'April 2021, il-Kummissjoni kienet diġà ppreżentat l-**Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali** mfassal biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-IA użati fl-UE jkunu sikuri, trasparenti, etiċi, imparzjali u fil-kontroll tal-bniedem. Sabiex tiġi żgurata strateġija komprensiva li tkun favorevoli għall-innovazzjoni, il-Kummissjoni pproponiet **approċċ ibbażat fuq ir-riskju**. It-trilogi rigward l-Att dwar l-IA bdew b'suċċess, u nittamaw li jiġu konklużi din is-sena. B'mod parallel, mal-**pjan ikkoordinat dwar l-IA**, l-UE għandha l-għan li żżid gradwalment l-investment pubbliku u privat fl-IA għal total ta' EUR 20 biljun fis-sena matul dan id-deċennju.



Il-Laboratorju għall-Imaging ta' Preċiżjoni xprunat mill-Apprendiment Awtomatiku li għadu kif infetaħ fi Vjenna, se jtejjeb il-mudelli ta' tbassir għall-kanċer tal-pulmun, fejn **bl-għajjnuna tal-intelliġenza artifiċjali, se jiġi żviluppata it-ttrattament personalizzat tal-kanċer tal-pulmun.**



F'Diċembru 2022, intlaħaq kunsens sinifikanti dwar **id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali**. Din id-dikjarazzjoni hija dawl ta' gwida għan-nies, għan-negozji u għal dawk li jfasslu l-politika f'nofs it-tranżizzjoni diġitali tal-UE, filwaqt li tqiegħed liċ-ċittadini tagħna fil-qalba tat-trasformazzjoni u tippromwovi l-innovazzjoni fis-setturi kummerċjali tagħna.

Diċembru 2022 ra wkoll l-adozzjoni tal-**programm ta' politika tad-Deċennju Diġitali**, inizjattiva mmirata biex tiggarrantixxi trasformazzjoni diġitali ċċentrata madwar iċ-ċittadin tal-UE, ibbażata fuq il-prinċipji tas-sovranità diġitali Ewropea u l-valuri kondiviżi tagħna. Il-programm stabbilixxa mekkaniżmu ta' monitoraġġ u kooperazzjoni biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri komuni tat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, kif stabbilit fil-Kumpass Diġitali tal-2030. Huwa permezz ta' dan l-approċċ kooperattiv li l-proġetti multinazzjonali – sforzi ta' skala li l-ebda Stat Membru ma jista' jwettaq waħdu – se jwasslu għall-evoluzzjoni diġitali tagħna.

Hija verità inkontestabbli li mingħajr semikondutturi, jew "ċipep", ma jista' jkun hemm l-ebda tranżizzjoni diġitali jew ekoloġika, u lanqas xi tmexxija teknoloġika tal-UE. Għalhekk, f'Marzu 2023, sar ftehim kruċjali bejn il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri dwar l-**att Ewropew dwar iċ-ċipep**, li ġie propost għall-ewwel darba mill-Kummissjoni s-sena ta' qabel. L-ammont globali ta' investiment immexxi mill-politika b'appoġġ għall-att huwa stmat għal aktar minn EUR 43 biljun. Dan l-investment se jsaħħaħ l-attivitajiet tal-manifattura li huma l-ewwel tat-tip tagħhom fl-UE, jstimula l-ekosistema Ewropea tad-disinn u jipprovdi appoġġ għal espansjoni u innovazzjoni tul il-katina tal-valur tas-semikondutturi kollha.

B'mod parallel, f'Ottubru 2022 u f'April 2023, skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat, il-Kummissjoni approvat għajjnuna Franċiża u Taljana biex tappoġġa investiment ta' aktar minn EUR 8 biljun f'faċilitajiet tal-produzzjoni tal-massa tas-semikondutturi li huma l-ewwel tat-tip tagħhom fl-UE.



Ir-reġjun tas-Sassonja, fil-Ġermanja tal-Lvant, kiseb suċċess fit-tranżizzjoni biex isir wieħed miċ-**ċentri tat-teknoloġija preeminenti fl-Ewropa**, b'enfasi speċjali fuq l-elettronika. Il-finanzjament tal-UE kellu rwol ewlieni u għen biex jattira investimenti addizzjonali. L-aktar proġett prominenti huwa investiment ta' EUR 5 biljun minn Infineon f'impjant ġdid għall-produzzjoni taċ-ċipep, li għandu toħloq madwar 1 000 impjeg ġdid bi kwalifiki għoljin. Infineon qed jistenna EUR 1 biljun f'finanzjament pubbliku, mogħti skont l-att tal-UE dwar iċ-ċipep.



Il-Kummissjoni għandha strumenti oħra fis-sett ta' għodod tagħha ta' għajnuna mill-Istat biex tappoġġa l-industrija tal-mikroelettronika, bħal **proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni**. F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni approvat it-tali proġett biex tappoġġa r-riċerka, l-innovazzjoni u l-ewwel użu industrijali tal-mikroelettronika u tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni tul il-katina tal-valur. It-EUR 8,1 biljun f'finanzjament pubbliku pprovduti mill-Istati Membri huma mistennija li jwasslu għar-rilaxx ta' EUR 13,7-il biljun addizzjonali f'investiment privat.

Id-*data*, li tixpruna l-ekonomija diġitali tal-Ewropa, għandha tkun f'idejn l-Ewropej. L-**istrateġija Ewropea għad-*data*** għandha l-għan li tpoġġi lill-UE fuq quddiem nett ta' soċjetà mmexxija mid-*data*. Il-ħolqien ta' suq uniku għad-*data* se jippermetti ċ-ċirkolazzjoni libera tagħha fl-UE u bejn l-industriji, għall-benefiċċju tan-negozji, ir-riċerkaturi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi.

F'Ġunju 2023, sar ftehim dwar l-**att dwar id-*data***, legjizzazzjoni ewlenija li għandha l-għan li tagħmel volum akbar ta' *data* aċċessibbli u li tistabbilixxi regoli dwar l-użu u l-aċċess tad-*data* fis-setturi ekonomiċi kollha fl-UE. Ir-regolamenti l-ġodda huma pproġettati li sal-2028, jikkontribwixxu EUR 270 biljun addizzjonali lill-PDG tal-Istati Membri tal-UE billi jindirizzaw l-isfidi legali, ekonomiċi u tekniċi li bħalissa jwasslu għal nuqqas ta' utilizzazzjoni tad-*data*. Permezz tal-att, il-konsumaturi u n-negozji li jipproduċu *data* bl-użu ta' prodotti u servizzi, se jibbenefikaw minn servizzi tas-suq ta' wara l-bejgħ aktar affordabbli, opportunitajiet ġodda biex jużaw servizzi li jiddependu fuq l-aċċess għad-*data*, u aċċess aħjar għad-*data* miġbura jew iġġenerata minn apparat.

L-**Att dwar is-Servizzi Diġitali**, fis-seħħ sa minn Novembru 2022, jistabbilixxi sett estensiv ġdid ta' obbligi għall-pjattaformi online kollha biex itaffu l-ħsara u jipproteġu d-drittijiet tal-utenti fil-qasam diġitali.

Fil-25 ta' April 2023, il-Kummissjoni identifikat 17-il pjattaforma online kbar ħafna u żewġ magni tat-tiftix online kbar ħafna. Wara d-deżinjazzjoni tagħhom, dawn is-servizzi, sa mill-aħħar ta' Awwissu 2023, huma obbligati jikkonformaw mas-sett sħiħ ta' obbligi ġodda mfasla biex jawtonomizzaw u jiproteġu lill-utenti online, inklużi l-minorenni. Dan jinkludi r-rekwiżit għas-servizzi deżinjati biex jevalwaw u jimmitigaw ir-riskji sistemiċi tagħhom u joffru għodod robusti ta' moderazzjoni tal-kontenut.

Biex tinforza l-att, il-Kummissjoni qed issaħħaħ ukoll l-għarfien espert tagħha b'għarfien multidixiplinari intern u estern. Iċ-**Ċentru Ewropew għat-Trasparenza Algoritmika**, ospitat miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni, tnedja fis-17 ta' April 2023.

L-Att dwar is-Swieq Diġitali, fis-seħħ ukoll minn Novembru 2022, huwa mfasal biex itejjeb il-korrettezza u l-kontestabbiltà fis-swieq diġitali, filwaqt li jistabbilixxi kriterji oġġettivi definiti b'mod ċar biex jiġu identifikati l-“gwardjani”. Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ħatret sitt “gwardjani”, li issa se jkollhom sitt xhur biex jiżguraw konformità sħiħa mal-obbligi tal-Att dwar is-Swieq Diġitali għal kull wieħed mis-servizzi ewlenin ddeżinjati ta' pjattaforma.

F'Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat strateġija ġdida dwar il-**Web 4.0 u d-dinjiet virtwali** biex tidderieġi t-tranżizzjoni teknoloġika li jmiss u tiżgura ambjent diġitali miftuħ, sikur, affidabbli, ġust u inklużiv għaċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE.


Illum, madwar 60 % biss tal-popolazzjoni tal-UE f'14-il Stat Membru għandhom il-kapaċità li jużaw l-ID elettronika nazzjonali tagħhom bejn il-fruntieri. L-**identità diġitali Ewropea**, miftiehma f'Ġunju 2023, se tkun disponibbli għaċ-ċittadini, ir-residenti u n-negozji tal-UE

li jixtiequ jidentifikaw lilhom infushom jew jivverifikaw ċerta informazzjoni personali. Iċ-ċittadin u r-residenti tal-UE se jkunu intitolati għal portafoll elettroniku personali, u dan huwa applikabbli kemm għas-servizzi pubbliċi u privati online kif ukoll għal dawk offline fl-UE kollha.

Dan huwa akkumpanjat minn investiment fl-infrastruttura u fil-ħiliet bil-għan li **jitnaqqas id-distakk diġitali** u li jiġi żgurat li ħadd fl-UE ma jitħalla jibqa' lura fit-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetajiet u tal-ekonomiji tagħna. Madwar 26 % tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa maħsub għal miżuri li jikkontribwixxu għall-oġettivi diġitali. Dan jżied b'EUR 36,6 biljun fil-politika ta' koeżjoni waqt il-perjodu 2021–2027, apparti s-EUR 16-il biljun investiti bejn l-2014 u l-2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-programm Ewropa Diġitali.

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni introduċiet proposta biex twitti t-triq għal **euro diġitali potenzjali biex jikkumplementa l-flus kontanti**. Biż-żieda fil-pagamenti elettroniċi u diġitali fl-UE, l-euro diġitali jista' joffri forma ta' flus pubbliċi li tkun aċċettata b'mod wiesa', ekonomiku, sigur u reżiljenti. B'mod parallel, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva bil-għan li tiżgura li l-flus kontanti tal-euro jibqgħu metodu ta' pagament aċċettat b'mod wiesa' u aċċessibbli fiż-Żona tal-Euro kollha.

Flimkien ma' dan, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti biex tiddiġitalizza l-pagamenti u s-settur finanzjarju aktar wiesa', filwaqt li tipprijorizza l-interessi, il-kompetizzjoni, is-sikurezza u l-fiduċja tal-konsumaturi. L-ewwel proposta tfittex li tirvedi d-direttiva dwar is-servizzi ta' pagament, filwaqt li ssaħħaħ il-prevenzjoni tal-frodi, id-drittijiet tal-konsumatur, u s-sistemi bankarji miftuħa.



It-tieni hija proposta leġiżlattiva għal qafas li jirregola l-aċċess ta' terzi persuni għad-*data* finanzjarja tal-klijenti f'diversi servizzi finanzjarji.

Dawn l-inizjattivi jsegwu proposta minn Ottubru 2022, bil-għan li l-pagamenti istantanji bl-euro jsiru disponibbli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha fl-UE u fiż-Żona Ekonomika Ewropea. L-għan huwa li jiġu pprovduti **trasferimenti tal-euro affordabbli u siguri fi kwalunkwe jum f'10 sekondi**, filwaqt li jissaħħu l-konvenjenza u l-effiċjenza fis-settur finanzjarju.

Fis-sena 2023 il-**Kroazja ssieħbet ukoll fiż-Żona tal-Euro**. Għoxrin Stat Membru tal-UE u 347 miljun ċittadin tal-UE issa jikkondividu l-munita komuni tal-UE.

Insaħħu s-suq uniku u soċjali tagħna

Din is-sena ċelebrajna t-**30 anniversarju tas-suq uniku** – is-sies tal-kompetittività dejjiema tal-UE.

Bħala l-akbar suq fid-dinja, li jinkludi 440 miljun ċittadin u 23 miljun negozju, u li jammonta għal 15 % tal-PDG globali, huwa stmat li żied il-PDG tal-UE b'9 % sa mill-ħolqien tiegħu tliet deċennji ilu. Bl-għajjnuna tas-suq uniku, l-Istati Membri jistgħu jsibu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi, bħal pereżempju l-gwerra fl-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija u l-kriżi tal-għoli tal-ħajja. Dan jagħti lill-konsumaturi aktar għażla, bi standards ogħla u prezzijiet aktar baxxi, u jagħti lill-intraprendituri l-opportunità li jsiru kompetittivi globalment.



Fis-16 ta' Marzu 2023, fl-anniversarju tas-suq uniku, il-Kummissjoni ddeskriviet l-approċċ tagħha għall-**kompetittività fit-tul**. Hija tirrikonoxxi l-potenzjal tas-suq uniku li jagħti spinta lill-produttività u tiddekrivi kif l-UE tista' tibni fuq il-punti b'saħħithom tagħha u twettaq aktar milli sempliċiment tnaqqas id-distakk bejn it-tkabbir u l-innovazzjoni. Qafas tal-UE li jħares 'il quddiem, definit sew u kkoordinat se jrawwem negozji b'saħħithom, kapaċi jikkompetu fis-suq globali, b'impjiegi attraenti u li jistabbilixxi standards globali.

L-ekonomija tal-UE tkompli turi reżiljenza notevoli waqt ix-xokkijiet ekonomiċi suċċessivi ta' dawn l-aħħar snin. Fl-2022, **l-irkupru tat-tkabbir impressjona bi 3,4 %**.

L-espansjoni kienet appoġġata minn suq tax-xogħol robust, **bir-rati tal-qgħad jilħqu livelli baxxi rekord u bl-impjiegi jżiedu**.

Dan ir-riżultat huwa dovut ħafna għall-azzjoni deċiżiva meħuda mill-UE u l-Istati Membri tagħha.

Madankollu, il-prestazzjoni b'saħħitha ttardjat ukoll it-tnaqqis fir-ritmu tal-inflazzjoni.

L-inflazzjoni għolja, u r-rispons konsegwenti tal-politika monetarja taż-żidiet fir-rati tal-imgħax, ikkontribwew għat-tnaqqis sinifikanti fir-ritmu tat-tkabbir li għaddej bħalissa.

Madankollu, it-tkabbir ekonomiku modest ħafna rreġistrat fl-ewwel nofs tal-2023 neħħa l-biżgħat preċedenti ta' reċessjoni fix-xitwa. Għall-ġejjieni, filwaqt li nkomplu nittrattaw ma' grad kbir ta' inċertezza, speċjalment fir-rigward tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna li għaddejja bħalissa, xorta mistenni li t-tkabbir ikompli. Fl-istess ħin, l-inflazzjoni hija mistennija li tħoll il-ħakma tagħha fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi, u s-suq tax-xogħol huwa mistenni li jibqa' robust.

Ir-reżiljenza ekonomika u l-kompetittività tal-UE huma minħabba l-mudell ekonomiku uniku tagħha. Għal tliet deċennji, fassalna suq uniku b'saħħtu, b'dimensjoni soċjali b'saħħitha. Din hija wkoll ir-raġuni l-għaliex, fl-2020, stabbilixxjuna l-istrument SURE (Support to Mitigate Unemployment Risks in an Emergency (Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza)) biex niproteġu l-impjegji u l-introjtu mhedda mill-pandemija tal-COVID-19. Ir-**rapport finali dwar l-implimentazzjoni u l-impatt ta' SURE** wera li, matul dik is-sena, l-istrument appoġġa aktar minn 2,5 miljun negozju u għen lil madwar 31,5 miljun persuna jżommu l-impjegji tagħhom. Sal-2022, kien hemm l-eliminazzjoni gradwali ċara tal-miżuri ta' appoġġ nazzjonali, b'appoġġ kontinwu permezz ta' SURE lil 40 000 ditta u 350 000 persuna.

B'mod ġenerali, bejn l-2020 u l-2022, **SURE kien kruċjali biex jiffaċilita l-irkupru ekonomiku rapidu mill-pandemija**, bi EUR 98,4 biljun żborżati f'19-il Stat Membru. Kważi nofs in-nefqa totali ġiet allokata għal skemi ta' xogħol b'terminu medju, u kważi terz għal miżuri simili għal dawk li jaħdmu għal rashom. L-iskemi ta' sussidju tal-pagi u miżuri simili oħra ammontaw għal 12 %, filwaqt li l-5 % li jifdal intefqu fuq miżuri relatati mas-saħħa, li kienu jinkludu miżuri preventivi kontra l-COVID-19, kostijiet lavorattivi addizzjonali għar-reklutaġġ u l-appoġġ tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, u x-xiri ta' tagħmir tal-kura tas-saħħa u medikazzjoni, inklużi l-vaċċini.

Minkejja x-xokkijiet bla preċedent tal-pandemija u tal-gwerra, il-Kummissjoni kompliet tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq uniku. Ir-**Regolament dwar is-Sussidji Barranin**, fis-seħħ minn Jannar 2023, għandu l-għan li jindirizza d-distorsjonijiet

fis-suq uniku kkawżati minn sussidji barranin. Dawn ir-regoli l-ġodda se jippermettu lill-UE tibqa' miftuħa għall-kummerċ u l-investment, filwaqt li jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti għall-kumpaniji kollha li joperaw fl-UE. Ir-Regolament beda japplika fit-12 ta' Lulju. Mit-12 ta' Ottubru, il-kumpaniji se jkollhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-konċentrazzjonijiet u l-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinvolvu kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija minn pajjiżi mhux tal-UE lil kumpaniji involuti f'attività ekonomika fl-UE u li jilħqu l-limiti rilevanti ta' notifika.

Ir-riforma tal-unjoni doganali tal-UE, li pproponejna f'Mejju 2023, se tissostitwixxi d-dikjarazzjonijiet doganali tradizzjonali b'approċċ intelliġenti u msejjes fuq id-*data* għas-superviżjoni tal-importazzjonijiet.

Din il-proposta tirrappreżenta **l-aktar riforma komprensiva u ambizzjuża tal-unjoni doganali sa mit-twaqqif tagħha fl-1968**. Fid-

dawl ta' żidiet qawwija fil-volumi tal-kummerċ, iż-żieda fl-e-Kummerċ u ż-żieda rapida fl-għadd ta' standards tal-UE

li l-kontrolli doganali jridu jirrispettaw, is-sistema l-ġdida, megħjuna minn awtorità doganali ġdida tal-UE, se tnaqqas il-proċeduri doganali kkumplikati attwali u tagħmel is-suq uniku aktar kompetittiv, aktar sikur u aktar adattat għall-futur.

Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppropriet sensiela ta' miżuri biex **timmodernizza s-sistema tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tal-UE u tagħmilha aktar effikaċi għan-negozji** u aktar reżiljenti għall-frodi billi tadotta u tipromwovi d-diġitalizzazzjoni. Il-miżuri ewlenin proposti se jgħinu lill-Istati Membri jiġbru sa EUR 18-il biljun aktar fi dħul mit-taxxa fuq il-valur miżjud kull sena, filwaqt li jgħinu



lin-negozji - inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju – jikbru. Fl-istess xahar, il-Kummissjoni adottat proposta rigward **regoli ġodda dwar it-trasparenza tat-taxxa** li jirrikjedu li l-fornituri tal-kriptoassi bbażati fl-UE jirrapportaw it-tranżazzjonijiet kollha tal-klijenti li jgħixu fl-Unjoni. Dan se jtejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri li jidentifikaw u jiġġieldu l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, billi ħafna drabi kien hemm nuqqas ta' trasparenza f'dan il-qasam. Il-ministri tal-finanzi tal-UE laħqu ftehim politiku dwar din il-proposta f'Mejju 2023.

In-negozji Ewropej jibbenefikaw mhux biss minn suq integrat, forza tax-xogħol b'ħiliet għolja u tnaqqis fil-burokrazija, iżda wkoll minn qafas rikk ta' innovazzjoni. L-industriji intensivi fil-proprjetà intellettuali jammontaw għal kważi nofs il-PDG kollu u aktar minn 90 % tal-esportazzjonijiet kollha tal-UE. B'dan il-ħsieb, il-Kummissjoni pproponiet **regoli ġodda dwar il-privattivi** fis-27 ta' April 2023. Ir-regolamenti proposti dwar il-privattivi standard essenzjali, il-liċenzjar obbligatorju tal-privattivi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, u r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari se joħolqu qafas tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali aktar trasparenti, effettivi u li jiflaħ għall-pressjonijiet li għad iġib miegħu l-futur. Dawn għandhom l-għan li jagħmlu s-sistema tal-privattivi aktar effettiva billi jeliminaw aktar il-frammentazzjoni tas-suq uniku, inaqqsu l-burokrazija, u jtejbu l-effiċjenza. Dan se jagħti s-setgħa lill-operaturi ekonomiċi u lill-awtoritajiet kompetenti biex jiproteġu aħjar l-innovazzjoni filwaqt li jiżguraw aċċess ġust, inkluż matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Barra minn hekk, is-suq uniku huwa megħjun minn settur bankarju reżiljenti, imsaħħaħ minn qafas robust għall-ġestjoni tal-kriżijiet. Fit-18 ta' April 2023, il-Kummissjoni adottat proposta biex taġġusta u tkompli **ssaħħaħ il-qafas eżistenti tal-UE dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni**

ta' depożitu, b'enfasi fuq il-banek ta' daqs medju u dawk iżgħar. Il-proposta hija bbażata fuq it-tagħlimiet miksuba mill-ewwel snin ta' applikazzjoni tal-qafas, filwaqt li tagħti lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għodod aktar effettivi biex jiżguraw li, meta sseħħ kriżi u meta l-istabbiltà finanzjarja tkun f'riskju, id-depożitanti – bħal pereżempju individwi, negozji u entitajiet pubbliċi – ikunu jistgħu jkomplu jaċċessaw il-kontijiet tal-bank tagħhom. B'mod partikolari għandha l-għan li tiffaċilita l-użu ta' fondi ta' riżoluzzjoni u ta' garanzija tad-depożiti ffinanzjati mill-industrija bankarja biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jiproteġu aħjar lid-depożitanti waqt il-kriżijiet bankarji, pereżempju permezz ta' trasferimenti minn bank f'diffikultà għal wieħed b'saħħtu.


Barra minn hekk, l-UE qed tagħti spinta lir-reżiljenza tal-banek li joperaw ġewwa l-fruntieri tagħha u qed issaħħaħ is-superviżjoni u l-ġestjoni tar-riskju tagħhom billi **tiffinalizza l-implimentazzjoni tar-riformi regolatorji miftiehma globalment magħrufin bħala Basel III**. Ir-regoli bankarji l-ġodda se jiżguraw li l-banek tal-UE jsiru aktar reżiljenti għal xokkijiet ekonomiċi futuri potenzjali, filwaqt li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

Naħsdu l-opportunitajiet tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna: enfasi fuq id-djalogu soċjali u l-ħiliet

L-ekonomija soċjali tas-suq uniku tagħna tagħti prijorità kemm lill-opportunitajiet kummerċjali kif ukoll lill-benesseri tas-soċjetà, u tqiegħed lin-nies u l-benesseri tagħhom fil-qalba tal-Ewropa Soċjali tagħna. F'kuntest ta' inflazzjoni akbar u żieda fl-għoli tal-ħajja fis-sena li għaddiet, il-politiki fil-livelli kollha huma kruċjali biex jittaffa t-telf fil-kapaċità tal-akkwist, kif enfasizzat fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2023.

Il-ħiliet iwasslu għal opportunitajiet

Il-mira tal-UE ta' 60 % tal-adulti li jieħdu taħriġ ta' kull sena



Għal dan il-għan, qed inkomplu nimplimentaw **il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**. L-Istati Membri approvaw il-miri soċjali għall-2030 tal-UE biex ikunu impjegati mill-inqas 78 % tal-persuni bejn l-20 u l-64 sena, filwaqt li jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' mill-inqas 60 % tal-adulti kollha f'taħriġ annwali u tnaqqis fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun ruħ (apparagun tal-2019).

Irridu niżguraw li n-nies kollha li jaħdmu fl-UE jkunu jistgħu jgħixu ħajja dinjituża. Il-Ftehim storiku dwar id-Direttiva dwar **paga minima adegwata** se jiġi traspost fil-liġi nazzjonali sa Novembru 2024. Bil-ħolqien ta' proċedura għal pagi minimi statutorji adegwati u biex l-Istati Membri jippromwovu n-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi, id-Direttiva se tgħin liċ-ċittadini fl-UE kollha li jaħdmu joħorġu mill-faqar.

L-ekonomija soċjali tas-suq tal-Ewropa tistagħna bid-djalogu bejn it-trade unions, min iħaddem u l-gvernijiet, fejn in-negozjar kollettiv huwa karatteristika ewlenija. Aħna

fermament nemmnu fis-setgħa tad-djalogu soċjali bħala għodda biex niżviluppaw soluzzjonijiet konġunti għall-isfidi li qed niffaċċjaw fid-dinja tax-xogħol tal-lum li dejjem qed tevolvi. Wara l-Komunikazzjoni tagħna ta' Jannar 2023, l-Istat Membri adottaw **rakkomandazzjoni tal-Kunsill b'miżuri konkreti biex ikunu involuti aktar is-šhab soċjali fil-livelli nazzjonali u tal-UE**. Dan ifisser li dawn jiġu kkonsultati meta jitfasslu u jiġu implimentati l-politiki ekonomiċi, tal-impjegi u soċjali; jiġi promoss in-negozjar kollettiv; u tkun iffaċilitata żieda fil-kapaċitajiet tagħhom.

F'Settembru 2022 il-Kummissjoni adottat linji gwida biex ttiprovdi ċertezza legali lil persuni li jaħdmu għal rashom waħidhom, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fl-ekonomija diġitali u permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali billi tiċċara sitwazzjonijiet li fihom il-liġi tal-kompetizzjoni ma tostakolax l-isforzi tagħhom biex jinnegozjaw b'mod kollettiv għal ftehim aħjar.

Sadanittant, il-koleġiżlaturi daħlu f'negozjati finali dwar id-**direttiva proposta mill-Kummissjoni rigward it-titjib tal-**

kundizzjonijiet tax-xogħol fil-ħidma ta' fuq il-pjattaformi. Il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali jingħataw l-istatus ta' impjeg legali li jikkorrispondi għall-arranġamenti tax-xogħol reali tagħhom u jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tax-xogħol u l-benefiċċji soċjali li huma intitolati għalihom. Bl-enfasi tagħha fuq il-pjattaformi tax-xogħol diġitali, hija tindirizza wkoll il-kwistjoni kumplessa tal-ġestjoni algoritmika fuq il-pjattaformi biex tiżgura li jkun hemm sorveljanza mill-bniedem kif ukoll trasparenza.

.....

Il-pjan Awstrijak għall-Irkupru u r-Reżiljenza jgħin **fil-bini tar-reżiljenza soċjali billi jħallas il-kuntratti ta' 275 infermier tal-komunità.** Il-programm investa wkoll fi flotta ta' 94 karozza elettrika u 37 rota elettrika, b'tali mod li l-infermiera jkunu jistgħu jipprovdu kura ta' kwalità għall-biċċa l-kbira tal-anzjani fil-bżonn f'żoni remoti wkoll.

.....



Biex it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u demografiċi jkunu suċċess, jeħtieġ li l-UE tinvesti ħafna fit-tagħlim tul il-ħajja, biex tadatta l-ħiliet tan-nies għas-suq tax-xogħol li dejjem qed jinbidel. L-objettiv tagħna tul din is-**Sena Ewropea tal-ħiliet** huwa li kulħadd — il-gvernijiet, il-kumpaniji u l-individwi — jagħrfu kemm huwa importanti t-taħriġ, u biex isiru attivi. Bħala parti mill-baġit għall-2021-2027, **madwar EUR 65 biljun f'fondi tal-UE** huma disponibbli għall-Istati Membri biex jinvestuhom fi programmi tal-ħiliet, l-aktar permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fond Soċjali Ewropew Plus. F'April 2023, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti ġodda għal rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-**ħiliet diġitali u l-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali.**

Għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Istati Membri u lis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-għoti ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' kwalità għolja, inklużivi u aċċessibbli biex jiġu żviluppanti l-ħiliet diġitali tal-persuni li jgħixu fl-UE.

Fl-2023, il-Kummissjoni żiedet il-baġit ta' **Erasmus+** għal total ġdid ta' EUR 4,43 biljun, l-ogħla pakkett finanzjarju annwali li qatt intlaħaq, li jipprovdi kontribuzzjoni siewja għas-Sena Ewropea tal-ħiliet. Fost ħafna proġetti oħra, Erasmus+ issa jappoġġa 50 alleanza tal-Universitajiet Ewropej li jinvolvu aktar minn 430 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha, inkluż fl-Ukrajna.

Minbarra l-inizjattivi usa' tagħha biex tteġġeg l-iżvilupp tal-ħiliet b'mod ġenerali, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll inizjattivi settorjali speċifiċi biex tqis ir-realtajiet tal-ekosistemi industrijali differenti. Pereżempju, il-**Patt għall-ħiliet** ilaqqqa' flimkien organizzazzjonijiet pubbliċi u privati biex jidentifikaw liema diskrepanzi fil-ħiliet jeżistu f'kull settur, jantiċipaw liema ħiliet se jkunu meħtieġa fil-futur u jieħdu impenji biex jipprovdu opportunitajiet ta' taħriġ għat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-persuni fl-età tax-xogħol.

Sal-lum, 1 500 organizzazzjoni fl-Istati Membri kollha ngħaqdu fil-Patt għall-Ħiliet bħala membri mit-tneċċija tiegħu fl-2020 'l hawn, individwalment jew bħala parti minn sħubijiet dwar il-Ħiliet, f'14-il settur industrijali u fl-Istati Membri kollha tal-UE u fil-pajjiżi kandidati. Il-membri jinkludu kull tip ta' organizzazzjoni tas-settur pubbliku u privat, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali; kumpaniji; sħab soċjali; organizzazzjonijiet transindustrijali u settorjali; kmamar tal-kummerċ; fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ; u s-servizzi tal-impjieg. Sa issa **2 miljun persuna bbenefikaw minn attivitajiet ta' tiġdid u ta' titjib tal-Ħiliet** skont il-patt. Madwar 15 500 programm ta' taħriġ ġew aġġornati jew żviluppatti, u l-membri tal-patt investew EUR 160 miljun f'inizjattivi tal-Ħiliet.

Bħala parti mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet, f'Lulju l-Kummissjoni nediet ukoll il-konsultazzjoni tal-ewwel stadju tas-sħab soċjali Ewropej dwar it-tisħiħ tal-**Qafas ta' Kwalità tal-UE għat-Traineeships**. Il-qafas għandu l-għan li jgħin liż-żgħażaġh jagħmlu t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u l-qgħad mill-edukazzjoni u l-qgħad għall-impjieg permezz ta' traineeships ta' kwalità. Skont stħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru, 76 % taż-żgħażaġh Ewropej tgħallmu affarijiet li huma utli professjonalment waqt it-traineeship tagħhom, u 68 % sabu impjieg wara li lestew it-traineeship.

Din l-inizjattiva se tkompli tmexxi 'l quddiem l-azzjonijiet tal-UE biex tiġġieled il-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE. Il-pakkett ta' Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażaġħ ta' Lulju 2020 diġà rriżulta f'Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, qafas Ewropew modernizzat għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u impetu mġedded għall-apprendistati.

Ir-rapport tagħna tal-2023 “L-impatt tat-tibdil demografiku – f'ambjent li qed jinbidel” jirrevedi x-xejriet demografiċi li qed isawru l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna. Filwaqt li tirrikonoxxi l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika, il-Kummissjoni kompliet **tinkorpora kunsiderazzjonijiet demografiċi fl-iżvilupp ta' politiki rilevanti tal-UE**. Biex nassistu lir-reġjuni tal-UE affettwati mit-tnaqqis aċċellerat tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tagħhom, f'Jannar 2023 nedejna l-Mekkaniżmu għall-Ispinta tat-Talent bħala parti mill-istrateġija komprensiva tagħna għall-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa. Aħna nedejna sejħa għal proġetti pilota f'Mejju 2023 u stabbilixxena proġett emblematiku bl-inizjattiva ta' appoġġ tekniku biex jingħelbu l-ostakli għall-iżvilupp reġjonali.



.....

Fl-2022, **Nazaret Mateos Álvarez, imprenditriċi rurali żagħżugħa**, minn Paredes de Nava, Palencia, Spanja, rebħet it-titlu tal-añjar bidwi femminili għall-produzzjoni organika waqt il-premijiet tal-UE għall-produzzjoni organika. Ħolqot mod rivoluzzjonarju għall-kultivazzjoni tal-faqqiegħ b'fertilizzanti naturali u b'inqas ilma, għaldaqstant, qed ittejjeb l-ekonomija lokali tagħha.

.....



In-NextGenerationEU u spinta lill-investment Ewropew

NextGenerationEU jirrappreżenta aktar minn sempliċiment rispons għall-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19; din hija **opportunità storika biex tinbena ekonomija li taħdem għal kull ċittadin tal-UE**. Aħna impenjati b'mod riżolut li nittrasformaw il-viżjoni tagħna ta' Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar soċjalment ġusta f'realtà. Fl-2022 u fl-2023, l-investment Ewropew komuni tagħna ta' EUR 800 biljun f'NextGenerationEU beda, bi proġetti tanġibbli fil-post, biex tinbena Ewropa li tkun sostenibbli, reżiljenti u kompetittiva, biex tiggarrantixxi l-prosperità għal kulħadd fl-UE.

Fil-qalba ta' NextGenerationEU hemm il-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**, li tagħmel riżorsi finanzjarji bla preċedent disponibbli għall-Istati Membri kollha. Huma qed jużaw dawn il-fondi biex jimplimentaw riformi trasformattivi u investimenti li se jbiddu l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Il-Faċilità għandha valur ta' EUR 723 biljun. B'enfasi ddedikata fuq is-sostenibbiltà, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjieg, malajr qed issir il-pedament tal-politika ekonomika tagħna. L-implimentazzjoni tal-faċilità qed tkompli b'ħeffa. B'kollox, **diġà ġie żborżat it-total ta' EUR 153,4 biljun**, inklużi EUR 56,6 biljun fi prefinanzjament. L-Istati Membri qed ikompli jwettqu l-impenji tagħhom ta' riforma u investment. Il-Kummissjoni tistma li l-investment iffinanzjat minn NextGenerationEU waħdu jista' jagħti spinta lill-PDG tal-UE b'madwar 1,5 % fl-2024.

Il-pilastri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza



Il-tranżizzjoni ekoloġika



Il-trasformazzjoni diġitali



Il-koeżjoni ekonomika, il-produttività u l-kompetittività



Il-koeżjoni soċjali u territorjali



Is-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali



Politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss

Il-Faċilità qed turi li hija strument estremament aġli, li jitratta kriżijiet differenti b'mod effettiv hekk kif jitfaċċaw. Hekk kif ir-Russja bdiet twettaq il-gwerra ta' aggressjoni brutali tagħha kontra l-Ukrajna, ippreżentajna REPowerEU biex intemmu d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili Russi billi aċċellerajna t-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa u ngħaqadna flimkien biex ikollna sistema tal-enerġija aktar reżiljenti u unjoni tal-enerġija reali. L-Istati Membri għandhom aċċess għal kważi EUR 270 biljun minn fondi ta' REPowerEU, b'EUR 225 biljun f'self għall-irkupru u r-reżiljenza, b'EUR 20 biljun f'għotjiet addizzjonali u l-potenzjal li jirċievu sa EUR 23 biljun fi trasferimenti ta' għotjiet minn fondi oħra tal-UE.

Analiżi tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri turi li:

- EUR 203 biljun mill-allokazzjoni totali ġew assenjati għal miżuri mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030;

- EUR 131 biljun huma ddedikati għal inizjattivi li se jixprunaw it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej.

Ir-riformi u l-investimenti proposti mill-Istati Membri qabżu l-objettiv li jiddedikaw mill-inqas 37 % tan-nefqa għal miżuri li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi u mill-inqas 20 % tan-nefqa għall-objettivi diġitali. Għall-Faċilità kollha kemm hi, in-nefqa stmata fuq il-klima tammonta għal madwar 40 % u n-nefqa diġitali għal 26 %.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza skattat l-implimentazzjoni ta' riformi kbar f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. **Aktar minn terz tal-miżuri kollha fis-27 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma riformi** (madwar 2 187 riforma meta mqabbla mat-3 780 inizjattiva għall-investment). Dawn ir-riformi mhux biss jagħmlu lill-Istati Membri aktar reżiljenti fit-tul, iżda jtejbu wkoll il-kundizzjonijiet għat-tweqqif b'suċċess tal-investment relatat permezz tal-faċilità, flimkien mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni.

Dan isir pereżempju, billi jiġu modernizzati l-oqfsa regolatorji ta' setturi ewlenin (dak diġitali, tas-sorsi rinnovabbli, tat-trasport); jittejbu l-proċeduri tal-permessi u tal-akkwist pubbliku; u jissaħħu l-istat tad-dritt u s-salvagwardji kontra l-korruzzjoni. Uħud mir-**riformi emblematiċi** li diġà ġew adottati jinkludu:

- ir-riformi biex tiġi żgurata ċ-ċibersigurtà (ir-Rumanija) u tiġi diġitalizzata l-amministrazzjoni pubblika (is-Slovakkja);
- ir-riformi tas-sistemi tal-ġustizzja, biex isiru aktar effiċjenti billi jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti u billi tittejjeb l-organizzazzjoni tal-qrati (Spanja, l-Italja);
- il-modernizzazzjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u tal-ħiliet (il-Ġermanja, Spanja);
- ir-riformi li jtejbu l-prevedibbiltà u l-istabbiltà tal-finanzjament pubbliku għar-riċerka (il-Portugall) u li jrawmu l-eċċellenza xjentifika u jtejbu l-prestazzjoni tal-universitajiet u tal-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka (is-Slovakkja);
- ir-riformi li jiġġieldu l-korruzzjoni u jiżguraw il-protezzjoni tal-whistle-blowers (Ċipru);
- ir-riformi ta' simplifikazzjoni tal-liċenzjar biex tingħata spinta lill-investimenti fl-enerġija rinnovabbli offshore jew ir-riformi biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni tal-idroġenu

rinnovabbli (il-Greċja, Spanja, il-Portugall);

- ir-riformi biex it-tnejja tal-enerġija rinnovabbli u t-trasport sostenibbli tingħata appoġġ (il-Kroazja, ir-Rumanija);
- ir-riformi li jtejbu l-kwalità tal-proċess leġiżlattiv (il-Bulgarija);
- ir-riformi li jtejbu l-akkomodazzjoni affordabbli (il-Latvja, in-Netherlands).

L-inizjattivi ewlenin ta' investment

li għalihom diġà tlestew il-passi ewlenin jinkludu:

- l-investment li jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni u li jżid l-effiċjenza enerġetika tal-industrija (Franza, EUR 1,4 biljun; il-Kroazja, EUR 91 miljun);
- ix-xiri ta' 600 000 laptop ġdid biex l-għalliema u lill-istudenti jisselfulhom, u l-għażla ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali biex il-kumpaniji jkunu appoġġati fl-isforzi ta' diġitalizzazzjoni tagħhom (il-Portugall, EUR 600 miljun);
- fondi biex tizzied il-kompetittività ta' ditti li joperaw fis-settur tat-turiżmu, inklużi 4 000 intrapriża żgħira u ta' daqs medju (l-Italja, EUR 1,9 biljun);
- id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika sabiex ikun hemm servizzi pubbliċi diġitali, sempliċi, inklużivi u siguri għaċ-ċittadini u n-negozji (il-Portugall, EUR 170 miljun);
- l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-broadband (il-Latvja, EUR 4 miljun).



Wieħed mill-akbar riċevituri mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza Finlandiż huwa Solar Foods, **neozju ġdid li jiproduċi l-proteina permezz ta' bijoproċess li juża l-idroġenu ekoloġiku**. Is-“Solein”, li hemm privattiva għalih, jista' jintuża biex jiġi prodott kwalunkwe ikel, litteralment mill-arja. Din mhijiex finzjoni xjentifika – in-neozju l-ġdid qed jirċievi EUR 33,6 miljun għal fabrika ta' dimostrazzjoni f'Vantaa, il-Finlandja. Il-proġett huwa wkoll parti mill-katina tal-valur tal-idroġenu tal-Kummissjoni ta' IPCEI.



Il-Kummissjoni, **li sservi bħala l-emittent ta' bonds tal-UE f'isem l-Unjoni Ewropea**, laqget b'suċċess il-mira ta' finanzjament tagħha għall-ewwel nofs tas-sena ta' EUR 80 biljun u qed timmira li timmobilizza EUR 40 biljun addizzjonali sa tmiem is-sena.

Minn dawn l-ammonti, aktar minn EUR 100 biljun se jiġu diretti lejn il-programm ta' rkupru ta' NextGenerationEU, filwaqt li madwar EUR 18-il biljun se jappoġġaw il-programm ta' Assistenza Makrofinanzjarja+ għall-Ukrajna. Permezz ta' dan, il-Kummissjoni qed tagħmel progress importanti fl-appoġġ tagħha għall-irkupru ekonomiku fl-Istati Membri u fit-turija ta' solidarjetà mal-Ukrajna, filwaqt li ssaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni bħala emittent fis-swieq finanzjarji.

Fir-rigward tal-**bonds ekoloġiċi**, il-Kummissjoni tibqa' minn ta' quddiem nett fid-dinja, wara li sa issa ħarġet EUR 7,7 biljun f'bonds fl-2023 u EUR 44,2 biljun b'mod ġenerali, u qiegħda taħdem biex tilħaq il-mira tagħha ta' EUR 250 biljun.

**NEXT
GEN
EU** 

EUR 806,9 biljun*
permezz tan-NextGenerationEU

* Din iċ-ċifra hija fi prezzijiet attwali. Din tammonta għal EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018.

Biex tadatta r-regoli fiskali tal-UE għall-futur, il-Kummissjoni pproponiet regoli ġodda fis-26 ta' April 2023 biex tistabbilixxi **l-aktar riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-UE sa minn wara l-kriżi finanzjarja tal-2008**. L-objettiv ċentrali ta' dawn il-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investiment. Ir-riforma se tissimplifika l-governanza ekonomika, se ssaħħaħ is-sjieda nazzjonali, se tagħmel aktar enfasi fuq terminu ta' żmien medju u se ssaħħaħ l-infurzar, f'qafas trasparenti u komuni tal-UE.

It-tiġid tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali

huwa wkoll mezz essenzjali biex il-finanzjament privat jiġi dirett fl-ekonomija tagħna u biex it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jiġu ffinanzjati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ppreżentat diversi inizjattivi fl-2022 u l-2023 u wettqet l-impenji spjegati fil-pjan ta' azzjoni tal-2020 dwar l-unjoni tas-swieq kapitali:

- li **s-servizzi tal-ikklerjar tal-UE** jsiru aktar attraenti u reżiljenti, billi jingħata appoġġ lill-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE u tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja;
- li ċerti **regoli korporattivi dwar l-insolvenza** jsiru aktar effiċjenti fl-UE bil-għan li jiġi promoss l-investiment transfruntier;

- li permezz ta' att dwar l-elenkar ġdid, jittaffa l-piż amministrattiv għall-kumpaniji ta' kull daqs, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju, sabiex huma jkunu jistgħu jaċċessaw aħjar il-finanzjament pubbliku billi jiġu elenkati fil-boroż;
- li jissaħħu l-fiduċja u l-kunfidenza tal-investituri fil-livell tal-konsumatur biex ikunu jistgħu jinvestu b'mod sikur fil-futur tagħhom u jingħataw is-setgħa li jieħdu deċizzjonijiet ta' investiment li jkunu allinjati mal-ħtiġijiet u l-preferenzi tagħhom;
- li l-proċeduri tat-taxxa minn ras l-għajn fl-UE jsiru aktar effiċjenti u siguri għall-investituri, l-intermedjarji finanzjarji u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri, biex l-investiment u l-ġlieda kontra l-abbuż tat-taxxa jingħataw spinta 'l quddiem.

L-investimenti jkomplu jiġu appoġġati wkoll permezz tal-**fondi ta' koeżjoni tal-UE** li jiżguraw tkabbir ibbilanċjat, konverġenza ekonomika, opportunitajiet soċjali u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern kollu. Fil-perjodu 2021-2027, 379 programm adottati mill-Kummissjoni fl-2022, li jimmobilizzaw EUR 378 biljun ta' appoġġ mill-UE, huma mistennija li jirriżultaw f'investiment ta' EUR 545 biljun. Mas-70 % ta' dan l-investiment se jkun ikkonċentrat fir-reġjuni l-anqas żviluppatti. Madankollu, il-pajjiżi u r-reġjuni kollha għandhom jibbenefikaw mill-effetti konsegwenzjali tal-finanzjament ta' koeżjoni: il-PDG tal-UE se jiżdied b'mill-inqas 0,5 % sa tmiem dan il-perjodu u se jinħolqu 1,3 miljun impjieg oħra bis-saħħa tal-politika ta' koeżjoni.



.....

Il-Pont ta' Brăila ġie inawgurat din is-sena bis-saħħa ta' aktar minn EUR 363 miljun mill-Fondi ta' Koeżjoni tal-UE. B'tul ta' kważi 2 km, huwa l-akbar pont fuq id-Danubju, l-akbar wieħed fir-Rumanija, u t-tielet l-itwal pont sospiż fl-UE.

.....

Fl-aħħar nett, it-tisħiħ tal-investment Ewropew biex tinbena Unjoni aktar ekoloġika, aktar diġitali u soċjali jittlob amministrazzjonijiet pubbliċi li jiffunzjonaw tajjeb. L-investment pubbliku u r-riformi kollha jgħaddu minn taħt l-impjegati taċ-ċivil. Il-Kummissjoni għalhekk żiedet l-isforzi tagħha biex **tgħin lill-Istati Membri jaġġornaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom** u jlaħħqu mal-isfidi attwali u futuri. Fl-2022 nedejna l-ewwel skambju ta' kooperazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, li se jippermetti lil 300 impjegat taċ-ċivil minn 19-il Stat Membru jqattgħu ħin f'amministrazzjoni ekwivalenti fi Stat Membru ieħor, biex jiskambjaw għarfien espert u prattiki tajbin.

Fl-2022 implimentajna b'mod sħiħ **l-approċċ "one in, one out" għat-tfassil tal-liġijiet tal-UE**. Sena wara aħna pproponejna inizjattivi li mistennija jħaffu l-piż amministrattiv ġenerali u jikkompensaw kemm jista' jkun spejjeż oħra. Fl-2023, impenjajna ruħna li nagħtu spinta ġdida biex nirrazzjonalizzaw ir-rekwiżiti ta' rapportar, u ppreżentajna l-ewwel proposti għal kull wieħed mill-oqsma ekoloġiċi, diġitali u ekonomiċi qabel il-ħarifa, bil-għan aħħari li dawn il-piżijiet jitnaqqsu b'25 %, mingħajr ma jiġu mminat l-oġġettivi ta' politika. Żidna wkoll verifika tal-kompetittività fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna.

Fi kliem ieħor, bis-saħħa tat-tfassil ta' politika aktar intelliġenti u bit-tnaqqis tal-burokrazija, il-Kummissjoni qed tagħmilha aktar faċli, rapida u irħas biex iċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet jimplimentaw il-liġi tal-UE u jaħsdu l-benefiċċji tagħha, u biex iwettqu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Ekonomija għas-servizz tan-nies

IS-SITWAZZJONI EKONOMIKA

L-ekonomija tal-UE tkompli turi **reżiljenza notevoli** fost ix-xokkijiet ekonomiċi suċċessivi ta' dawn l-aħħar snin.

Tkabbir


Fl-2022 it-tkabbir impressjona bi **3,4 %**, u waqt li għadna nħabbtu wiċċna ma' grad kbir ta' inċertezza, xorta waħda nistennew **li t-tkabbir ikompli**.

Espansjoni

L-espansjoni kienet appoġġata minn **suq tax-xogħol robust**, bir-rati tal-qgħad jilħqu livelli baxxi rekord u bl-impjegji jiżdiedu.

Qgħad

Rata tal-qgħad totali fl-UE, aġġustata staġunalment.



Sors: Eurostat.


NEXTGENERATIONEU

In-NextGenerationEU huwa aktar minn sempliċment rispons għall-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19: **din hija opportunità storika biex tinbena ekonomija li taħdem għal kull ċittadin tal-UE.**

Investiment

Investiment Ewropew komuni ta' **EUR 806,9 biljun(*)** biex l-Ewropa ssir aktar b'saħħitha, ekoloġika u diġitali.

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza



Żborż

B'kollox, diġà ġie żborżat it-total ta' **EUR 153,4 biljun**, inklużi **EUR 56,6 biljun** fi prefinanzjament.

PDG

L-investiment iffinanzjat minn NextGenerationEU waħdu jista' jagħti spinta lill-PDG tal-UE b'madwar **1,5 %** fl-2024.

(*)Din iċ-ċifra hija fi prezzijiet attwali. Din tammonta għal EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018.

SENA EWROPEA TAL-ĦILJET

L-UE qed tinvesti ħafna fit-**tagħlim tul il-ħajja**, biex tadatta l-ħiliet tan-nies għas-suq tax-xogħol li dejjem qed jinbidel.

Fondi

L-Istati Membri allokaw madwar

EUR 65 biljun f'fondi tal-UE biex jinvestu fi programmi tal-ħiliet, l-aktar permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fond Soċjali Ewropew Plus.

Impatt

Maż-żewġ miljun persuna bbenefikaw minn attivitajiet ta' tiġdid u titjib tal-ħiliet skont il-Patt għall-Ħiliet.

Taħriġ

Ġew aġġornati jew żviluppanti **15 500** programm ta' taħriġ.



SUQ UNIKU

Għal tliet deċennji sħaħ fassalna suq uniku b'saħħtu, **l-akbar suq tad-dinja**, b'dimensjoni soċjali b'saħħitha.

PDG

Dan jammonta għal



15 % tal-PDG globali


Huwa stmat li dan żied il-PDG tal-UE b'**9 %** addizzjonali mill-ħolqien tiegħu tliet deċennji ilu.

Daqs

Dan jinkludi:

440 miljun ċittadin

23 miljun negozju



Global Gateway u spinta lill-investment globali

L-Unjoni Ewropea qed tmexxi l-ispinta għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-multilateraliżmu fix-xena dinjija. F'dawn iż-żminijiet ta' sfidi globali mingħajr paragun – mit-tibdil fil-klima sal-kriżijiet tas-saħħa globali u taż-żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi – l-UE għandha rwol ċentrali fil-bini ta' ekonomija globali li tkun reżiljenti, sostenibbli u li tkun qed tikber għal kulħadd. Irridu li jkollna sħubija ugwali mal-pajjiżi sħab, biex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi reali li n-nazzjonijiet b'introjtu baxx u medju qed jiffaċċjaw illum.

Bil-Global Gateway, pjan ta' EUR 300 biljun għall-investment sostenibbli fid-dinja kollha, il-Kummissjoni qed tappoġġa

proġetti ta' infrastruttura tal-ogħla kwalità li joħolqu impjegi, jippromwovu tkabbir dejjiemi u joħolqu valur f'livell lokali. Din **is-sena qed inkomplu nnettqu 90 proġett kbir fid-dinja kollha**. Dawn huma mfasslin apposta għar-realtajiet lokali, iżda għandhom l-istess karatteristiċi.

- L-ewwel karatteristika hija s-**sostenibbiltà**. Mhux biss irridu niggarrantixxu standards soċjali u ambjentali għoljin; nistgħu ngħinu wkoll lis-sħab tagħna jistabbilixxu t-teknoloġija u l-ħiliet li se jkollhom bżonn għas-setturi tal-ekonomija globali li qed jikbru bl-aktar ħeffa.
- It-tieni karatteristika hija l-**benefiċċju reċiproku**. Il-Global Gateway tista' tkun dik l-ispinta li l-pajjiżi b'introjtu baxx u medju jeħtieġu biex jitilgħu fil-katina tal-valur tal-iżvilupp industrijali.

Il-prinċipji ta' gwida ewlenin għall-investimenti

 <p>Sostenibbiltà</p>	 <p>Benefiċċju reċiproku</p>	 <p>Sħubijiet</p>
<p>Mhux biss irridu niggarrantixxu standards soċjali u ambjentali għoljin; nistgħu ngħinu wkoll lis-sħab tagħna jistabbilixxu t-teknoloġija u l-ħiliet li se jkollhom bżonn għas-setturi tal-ekonomija globali li qed jikbru bl-aktar ħeffa.</p>	<p>Il-Global Gateway tista' tkun dik l-ispinta li l-pajjiżi b'introjtu baxx u medju jeħtieġu biex jitilgħu fil-katina tal-valur tal-iżvilupp industrijali.</p>	<p>Is-sħubija mal-investituri tas-settur privat tista' żżid l-investment minn biljuni ta' euro għal triljuni.</p>

- It-tielet karatteristika hija **s-šhubija ma' investituri mis-settur privat**. Dan jista' jżid l-investment minn biljuni ta' euro għal triljuni ta' euro.

Fin-**Namibja**, pereżempju, il-Global Gateway qed tipprovdi garanziji għall-investment privat fl-**idroġenu ekoloġiku**. L-għan hawnhekk huwa doppju: li tiġi ġġenerata enerġija nadifa u li jiġi pprovdut dħul ġdid għall-pajjiż sabiex ikun jista', pereżempju, jesporta l-idroġenu ekoloġiku lejn l-Unjoni Ewropea.

Fir-Rwanda, qed naħdmu ma' produttur tal-vaċċini biex inġibu **t-teknoloġija mRNA** fil-pajjiż sabiex ikun jista' jipproduċi vaċċini li jsalvaw il-ħajja għar-reġjun. **Fil-Filippini**, qed nikkollegaw is-satelliti tagħna ta' Copernicus biex nibnu l-ewwel sistema **ta' osservazzjoni tad-**

Dinja fix-Xlokk tal-Asja, u kumpanija Ewropea tat-telekomunikazzjoni qed tinvesti fl-infrastruttura tal-4G u tal-5G. Il-kooperazzjoni f'dawn l-oqsma se tappoġġa l-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali biex jiġi indirizzat l-impatt tat-tibdil fil-klima u titjeb il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri.

L-oġettiv intermedju inawgurati miksub taħt l-inizjattiva Global Gateway intlaħaq fil-**pakkett ta' investment Afrika-Ewropa**. Nofs l-investment inizjali tal-Global Gateway, li jammonta għal madwar EUR 150 biljun, huwa ddedikat għal proġetti mas-šhab Afrikani. Dawn il-proġetti jirrigwardaw l-iżvilupp ta' investment sostenibbli f'infrastruttura vitali, li tinkludi l-oqsma diġitali, tal-enerġija u tat-trasport, flimkien mas-saħħa, l-edukazzjoni, il-ħiliet, it-tibdil fil-klima u l-ambjent. Il-proġetti jinkludu:

- inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar il-manifattura u l-aċċess għall-vaċċini u t-teknoloġija tas-saħħa fl-Afrika, b'ħidma mal-Ghana, ir-Rwanda, is-Senegal u l-Afrika t'Isfel, u f'livell reġjonali;



- il-cable tal-fibra ottika taħt il-baħar Mediterran tas-sistema Medusa, li se jgħaqqad l-Afrika ta' Fuq mal-pajjiżi tal-UE biex jiżdedu l-veloċitajiet tal-internet;
- investment fl-infrastruttura diġitali fil-Kenja, il-Mauritania u t-Tuneżija;
- f'termini ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-bini ppjanat tal-impjant idroelettriku Ruzizi III għall-Burundi, għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u għar-Rwanda;
- impjanti u faċilitajiet tal-idroenerġija, tal-idroġenu, solari u ibridi li se jinbnew fil-Benin, fil-Kosta tal-Avorju, fil-Madagaskar, fil-Marokk, fin-Namibja, fin-Niġerja u fit-Tanzanija;
- il-forniment mill-UE u l-Istati Membri tagħha, permezz tas-Šhubija għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta, ta' aktar minn EUR 280 miljun f'għotjiet lill-Afrika t'Isfel biex jiġu appoġġati r-riformi ta' politika dwar l-irkupru ekoloġiku u jiġi sfruttat l-investment ekoloġiku.

Il-proġetti fil-**viċinat tal-UE u l-Balkani tal-Punent** huma implimentati skont il-pjanijiet ekonomiċi u ta' investment miftiehma mal-pajjiżi, pereżempju:

- il-Kuritur tal-Elettriku Trans-Balkan fil-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro u s-Serbja – interkonnessjoni ta' 400 kilovolt li tgħaqqad is-sistemi ta' trażmissjoni tal-elettriku tal-pajjiżi ma' dawk tal-Italja, il-Kroazja, l-Ungerija u r-Rumanija;
- il-cable diġitali ta' taħt il-baħar għall-Konnettività Diġitali tal-Baħar l-Iswed, li se jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali u jżid ir-reżiljenza diġitali tar-reġjun;

- il-cable tal-elettriku li se jsir taħt il-Baħar l-Iswed biex jgħin lil pajjiżi bħall-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja jiddiversifikaw it-taħlita tal-enerġija tagħhom u jisfruttaw il-potenzjal enormi tal-enerġija rinnovabbli — l-idroenerġija, l-enerġija mix-xemx u mir-riħ.

Fil-**Asja u l-Paċifiku** qed nimplimentaw il-Global Gateway permezz ta' inizjattivi reġjonali u bilaterali li se jkollhom riżultati b'impatt trasformattiv, pereżempju:

- l-inizjattiva reġjonali ta' Tim Ewropa dwar l-Alleanza Blu u Ekoloġika għall-Paċifiku, li tinkludi l-kostruzzjoni tal-impjant idroelettriku ta' Qaliwana f'Fiġi, flimkien ma' xogħol ta' manutenzjoni fuq ħames runways u l-kostruzzjoni u t-titjib ta' żewġ pontijiet tal-imbark f'Papua New Guinea;
- proġett fl-2023 għall-investiment fl-enerġija solari u mir-riħ biex tingħata spinta lit-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika fil-Bangladesh;
- is-sħubija mal-Vjetnam u l-Indoneżja għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta, biex jiġu introdotti sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
- il-ħidma mal-Każakistan dwar l-implimentazzjoni ta' sħubija għall-materja prima, il-batteriji u l-idroġenu rinnovabbli;
- fis-Summit UE-ASEAN fl-2022, l-UE u l-Istati Membri tagħha ħabbru li se jisfruttaw EUR 10 biljun f'investimenti biex iwettqu dawn il-proġetti ta' Global Gateway fir-reġjun u oħrajn.

Fis-Summit UE-CELAC ta' Lulju 2023 fi Brussell, il-President von der Leyen ħabbret li l-UE u l-Istati Membri tagħha se jinvestu aktar minn EUR 45 biljun fl-aġenda ta' investiment tal-Global Gateway għall-**Amerka Latina u l-Karibew** li tinkludi lista ta' aktar minn 130 proġett ta' investiment potenzjali:

- iffirmajna Alleanza Diġitali mal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fir-reġjun biex nikkollaboraw dwar l-istandardizzazzjoni tal-politiki diġitali tagħna, pereżempju dwar il-protezzjoni tad-*data*, il-kondiviżjoni u l-privatezza tagħha – l-alleanza tinkludi wkoll pjanijiet għal ċentru reġjonali ta' Copernicus għal servizzi spazjali, li se jkunu fundamentali għall-avjazzjoni, id-droni u s-sewqan awtonomu;
- fl-2023 se titnieda l-inizjattiva tat-Tim Ewropa dwar il-baċir tal-Amazunja għall-prevenzjoni tad-deforestazzjoni, flimkien mal-proġett "Il-Ħames Foresti l-Kbar ta' Mesoamerica", li se jiproteġi 10 miljun ettaru ta' foresti sal-2030;
- l-UE ffirmat (jew dalwaqt se tiffirma) sħubijiet mal-Arġentina, il-Brażil, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Costa Rica, il-Paragwaj u l-Urugwaj għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u l-materja prima;
- se ngħinu biex sal-2030 inniedu network tal-broadband fil-Ġamajka kollha;
- qed intejbu t-trasport marittimu intrareġjonali tal-Karibew b'lanċa multimodali li tgħaqqad il-Guyana u s-Surinam mal-Barbados, ma' Trinidad u Tobago, il-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati tal-Karibew tal-Lvant u t-territorji Franċiżi extra-Ewropej.

Il-Global Gateway tirrappreżenta nofs l-impenn totali **tas-Sħubija tal-G7 għall-Infrastruttura u l-Investiment Globali**. L-Istati tal-G7 qed jingħaqdu biex ikunu parti mis-soluzzjoni għad-diskrepanza fl-investiment għall-infrastruttura. Wara s-suċċess tas-Summit tal-G7 f'Hiroshima, se nkomplu naħdmu mill-qrib mal-presidenzi tal-G7 li jmiss: l-Italja fl-2024 u l-Kanada fl-2025.

It-tnedija mill-ġdid tal-aġenda kummerċjali tal-UE

Fi Frar 2021 il-Kummissjoni żvelat **rieżami komprensiv tal-istrateġija tal-politika kummerċjali tal-UE** li jirrifletti l-impenn sod tagħna għal politika kummerċjali li tippromwovi l-ftuħ, is-sostenibbiltà u l-assertività fix-xena globali. Huwa imperattiv li l-qafas kummerċjali tagħna jarmana bl-għodod meħtieġa għas-salvagwardja kontra l-prattiki kummerċjali inġusti. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Kummissjoni għamlet sforzi bla heda biex timplimenta u tavvanza din l-istrateġija, u b'hekk saħħet il-pożizzjoni ewlenija tal-UE fil-kummerċ internazzjonali.

Il-Kunsilli tal-Kummerċ u t-Teknoloġija

Fl-ispirtu ta' kollaborazzjoni internazzjonali, l-UE u d-demokraziji sħab stabbilixxew il-Kunsilli tal-Kummerċ u t-Teknoloġija biex irawmu sħubijiet produttivi u jindirizzaw sfidi komuni. Waqt it-tielet Laqgħa Ministerjali tal-**Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti** fil-5 ta' Diċembru 2022, u r-raba' waħda fit-30 u l-31 ta' Mejju 2023, l-UE u l-Istati Uniti qablu li jniedu l-Inizjattiva Transatlantika dwar il-Kummerċ Sostenibbli u d-Djalogu dwar l-Inċentivi tal-Enerġija Nadifa. Parti mill-Kunsill, **it-Task Force dwar it-Talent għat-Tkabbir bejn l-UE u l-Istati Uniti**, iltaqgħet għall-ewwel darba fis-17 ta' Mejju 2023. Il-mandat tagħha jinkludi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, il-promozzjoni



ta' approċċi innovattivi għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-programmi ta' taħriġ ta' ispirazzjoni għall-kumpaniji tal-UE u tal-Istati Uniti.

Fl-ewwel laqgħa tal-**Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja** fis-16 ta' Mejju 2023, iż-żewġ partijiet żiedu l-impenn tagħhom u qablu li jikkooperaw dwar it-teknoloġiji emerġenti u li jwettqu riċerka dwar it-teknoloġiji nodfa u ekoloġiċi, u li jindirizzaw kwistjonijiet kummerċjali. Dan il-Kunsill għandu l-għan li jsaħħaħ il-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Indja, li laħaq livelli rekord fl-2022 b'valur ta' EUR 120 biljun f'merkanzija nnegozjata.

Ir-Renju Unit

Fi Frar 2023, il-President von der Leyen u l-Prim Ministru tar-Renju Unit Rishi Sunak ħabbru l-**Qafas ta' Windsor**, sett komprensiv ta' soluzzjonijiet konġunti mmirati biex jindirizzaw, b'mod definittiv, l-isfidi prattiċi fl-operat tal-Protokol dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, biex b'hekk jipprovdut liċ-ċittadini u lin-negozji fl-Irlanda ta' Fuq **ċertezza u prevedibbiltà**


dejjema. Il-Qafas ippermetta lill-UE u lir-Renju Unit biex jaqilbu l-paġna għal relazzjoni aktar pożittiva u stabbli.

L-implimentazzjoni sħiħa, f'waqtha u leali tal-Qafas ta' Windsor u tal-Ftehim dwar il-Ħruġ b'mod aktar ġenerali, kif ukoll tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, issa hija l-ogħla prijorità fir-relazzjoni bilaterali bejn l-UE u r-Renju Unit. L-użu sħiħ tal-potenzjal ta' dawn il-ftehimiet jista' jwassal għal benefiċċji fuq iż-żewġ naħat tal-Kanal. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jkopri għadd ta' oqsma, bħall-kummerċ fil-merkanzija u fis-servizzi, l-enerġija, is-sigurtà u l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' ċerti programmi tal-UE. Fis-27 ta' Ġunju 2023, l-UE u r-Renju Unit iffirraw ukoll memorandum ta' qbil dwar il-kooperazzjoni regolatorja fis-servizzi finanzjarji.

Iċ-Ċina

Fit-30 ta' Marzu 2023, il-President von der Leyen għamlet diskors importanti dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina qabel iż-żjara tagħha f'Beijing. Matul dawn l-aħħar tliet snin, ir-rieda dejjem tonqos taċ-Ċina li timpenja ruħha b'mod sostantiv mal-UE u l-assertività u l-isfida dejjem akbar tagħha għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli għamlu r-relazzjonijiet bilaterali tagħna aktar distanti u diffiċli. Madankollu, ir-relazzjoni tagħna maċ-Ċina hija importanti wisq biex titqiegħed f'riskju billi nonqsu milli nistabbilixxu b'mod ċar it-termini ta' impenn b'saħħtu. Fid-diskors tagħha, il-President enfasizzat il-**ħtieġa li jitnaqqas ir-riskju u tiġi bbilanċjata mill-ġdid ir-relazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina**. Dan ifisser li jitkomplew jiġu żviluppjati relazzjonijiet ekonomiċi bilaterali u jkun hemm kooperazzjoni dwar l-isfidi globali, filwaqt li jiġu indirizzati wkoll id-distorsjonijiet li jirriżultaw mill-mudell ekonomiku u s-sussidjar immexxija mill-istat taċ-Ċina, li jitnaqqsu d-dipendenzi kritiċi tal-UE u li jiġu indirizzati r-riskji speċifiċi relatati mal-istrateġija tagħha dwar il-fużjoni ċivili-militari u l-użu tagħha ta' prattiki koerċittivi.

Fis-6 ta' April 2023, il-President von der Leyen żaret iċ-Ċina. Il-President enfażizzat il-ħtieġa li tiġi segwita l-paċi fuq il-bażi tal-formula ta' paċi ta' 10 punti tal-Ukrajna. Fir-rigward tat-Tajwan, hija tenniet il-ħtieġa għall-istabbiltà u t-tnaqqis tat-tensjoni, u li l-*istatus quo* ma jstax jinbidel unilateralment jew bil-forza. Il-President semmiet ukoll kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, b'referenza partikolari għal Xinjiang, u kwistjonijiet globali, bħat-tnaqqis tad-dejn, ir-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u t-tnejjija għall-pandemiji. Ix-xahar ta' wara, f'Hiroshima, il-Ġappun, l-istrateġija ta' tneħħija tar-riskji tal-President



von der Leyen irċeviet l-appoġġ tal-G7, li jinforma l-komunikat.

Kummerċ Miftuħ

Minkejja x-xokkijiet fil-ktajjen tal-provvista kkawżati mill-pandemija u mbagħad mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, aħna żammejna l-akbar blokk kummerċjali tad-dinja, li jammonta għal aktar minn 16 % tal-kummerċ dinji, u għamilna passi 'l quddiem fil-promozzjoni tal-kummerċ miftuħ permezz ta' kisbiet tanġibbli. B'mod partikolari, in-negożjati dwar ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġew konklużi b'suċċess maċ-**Ċili** u **New Zealand**, filwaqt li komplew in-negożjati mal-**Awstralja**, il-**Mercosur**, il-**Messiku**, l-**Indja** u l-**Indoneżja**.

Il-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet ukoll negożjati mal-**Angola** dwar Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli (FFIS) - l-ewwel ftehim tal-UE ta' dan it-tip. L-UE qed issegwi ftehimiet bħal dawn biex tippromwovi investimenti sostenibbli fl-involvement tagħha mas-sħab Afrikani. Il-FFIS bejn l-UE u l-Angola se jagħmilha aktar faċli biex jattira u jespandi l-investimenti filwaqt li jintegra l-impenji għal drittijiet ambjentali u tax-xogħol fir-relazzjoni bejn l-UE u l-Angola.

Sostenibbiltà

Sabiex tirrifletti l-importanza dejjem tikber tas-sostenibbiltà fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħna, fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni introduċiet approċċ pijunier li jobbliga li l-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE jinkorporaw **kapitoli komprensivi dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli**. Dawn il-kapitoli jinvolvu spettru wiesa' ta' impenji miftehma b'mod reċiproku, inkluż ir-rispett ta'

ftehimiet internazzjonali kruċjali bħall-Ftehim ta' Pariġi u l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-drittijiet tal-ħaddiema.

Fl-24 ta' April 2023, l-UE u n-Norveġja **ħolqu Alleanza Ekoloġika**, li tirrappreżenta l-quċċata tal-impenn bilaterali skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Din is-sħubija rivoluzzjonarja sservi bħala pjattaforma robusta biex jiġu intensifikati l-isforzi konġunti dwar l-azzjoni klimatika, il-protezzjoni ambjentali, kif ukoll il-kollaborazzjoni dwar l-enerġija nadifa u t-tranżizzjoni industrijali. Iż-żewġ partijiet tennew l-impenn sod tagħhom għall-miri rispettivi tagħhom għall-2030, bil-għan ta' tnaqqis minimu ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u l-kisba tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050.

Assertività

Biex tissaħħaħ l-assertività tal-UE fix-xena dinjija, f'Ġunju l-koleġiżlaturi qablu li jstabbilixxu **l-Istrument Kontra l-Koerċizzjoni (Anti-Coercion Instrument, ACI)**.

Din l-għodda ġdida se tippermetti lill-UE tirrispondi għall-koerċizzjoni ekonomika u għalhekk tiddefendi aħjar l-interessi tagħha u ta' dawk tal-Istati Membri tagħha fix-xena globali. L-ACI huwa l-ewwel u qabel kollox imfassal biex jaġixxi ta' deterrent kontra kull koerċizzjoni ekonomika potenzjali. Jekk madankollu, sseħħ il-koerċizzjoni ekonomika, l-ACI jipprovdi struttura biex il-pajjiż terz iwaqqaf il-miżuri koerċittivi permezz ta' djalogu u impenn.


Madankollu, jekk ifalli l-impenn, jaġhti wkoll aċċess lill-UE għal firxa wiesgħa ta' kontromiżuri possibbli kontra pajjiż koerċittiv. Dawn jinkludu l-impożizzjoni ta' tariffi, restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fis-servizzi, u restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-investiment dirett barrani jew l-akkwist pubbliku.

Sigurtà Ekonomika

Fl-20 ta' Ġunju, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw **Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika** ġdida. L-istrateġija tiffoka fuq il-minimizzazzjoni tar-riskji li jirriżultaw minn ċerti flussi ekonomiċi fil-kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi akbar u bidliet teknoloġiċi aċċellerati, filwaqt li jinżammu l-livelli massimi ta' ftuħ u dinamiżmu ekonomiku.

L-istrateġija tistabbilixxi qafas li għandu jiġi implimentat flimkien mal-Istati Membri tal-UE, biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà ekonomika tal-UE billi jiġi promoss it-tiħiħ tal-bażi ekonomika tal-UE b'mod partikolari

f'teknoloġiji u setturi abilitanti ewlenin, jiġu protetti n-negozji, iċ-ċittadini u l-gvernijiet tal-UE kontra riskji għas-sigurtà ekonomika bħall-koerċizzjoni u l-użu bħala arma tar-relazzjonijiet kummerċjali u s-sħubija mal-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' pajjiżi biex jiġu indirizzati t-tħassib u l-interessi kondiviżi.



Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-dinja

F'dawn iż-żminijiet ta' sfidi globali mingħajr paragun – mit-tibdil fil-klima sal-kriżijiet tas-saħħa globali u ż-żieda fit-tensjoni ġeopolitika – l-UE għandha rwol ċentrali fil-bini ta' ekonomija dinjija li tkun reżiljenti, sostenibbli u li qed tikber għal kulħadd. Din hija għażla tal-kisbiet tagħna fl-aħħar sena:

IL-KONTINENT AMERIKAN

L-Istati Uniti tal-Amerka

- Żewġ Laqgħat Ministerjali tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti
- Inizjattiva Transatlantika dwar il-Kummerċ Sostenibbli u Djalogu dwar l-Inċentivi għall-Enerġija Nadifa
- Task Force għas-Saħħa bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka
- Qafas tal-Privatezza tad-Data bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka

L-AMERKA LATINA

- Alleanza Diġitali bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka
- Aġenda Ġdida għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka
- EUR 45 biljun ta' investiment mit-Tim Ewropa fl-Amerka Latina u l-Karibew permezz tal-Global Gateway
- It-Tielet Summit bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew
- L-Inizjattiva Tim Ewropa tal-baċir ta' Amazon għall-prevenzjoni tad-deforestazzjoni
- Proġett ta' "ħames foresti kbar ta' Mesoamerica" għall-protezzjoni ta' 10 miljun ettaru ta' foresta sal-2030

Il-Brażil

- EUR 2 biljun b'appoġġ għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku mill-Brażil u għall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika
- Inizjattiva ta' Tim Ewropa "Il-Foresti Tropikali tal-Brażil"

lċ-Ċili

- Negożjati dwar il-Ftehim Qafas Avvanzat konkluż
- Inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar l-Idroġenu Ekoloġiku
- Memorandum ta' Qbil dwar il-ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima

L-Arġentina

- Memorandum ta' Qbil dwar il-ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima
- Memorandum ta' Qbil dwar il-kooperazzjoni tal-enerġija

Il-Venezwela

- Konferenza Internazzjonali b'Solidarjetà mar-Refuġjati u l-Migranti Venezwelani u l-Pajjiżi u l-Komunitajiet Ospitanti tagħhom

L-AFRIKA

EUR 150 biljun f'għotjiet u investiment appoġġati mill-baġit tal-UE bħala parti mill-Pakkett ta' Investiment tal-Global Gateway Afrika-Ewropa

- EUR 1 biljun għall-Inizjattiva tat-Tim Ewropa dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u r-Reżiljenza

L-AFRIKA TA' FUQ

- Żewġ Inizjattivi ta' Tim Ewropa ffukati fuq ir-rotot migratorji tal-Atlantiku / tal-Punent tal-Mediterran u tal-Mediterran Ċentrali
- Kejbil fibrottiku taħt il-baħar Medusa fil-Mediterran

It-Tuneżija

- Pakkett komprensiv ta' sħubija

Il-Marokk

- Programmi ġodda ta' kooperazzjoni dwar it-tranżizzjoni ekoloġika, il-migrazzjoni u r-riformi

L-Eġittu

- Sħubija strateġika dwar l-idroġenu rinnovabbli

L-AFRIKA SUB-SAHARJANA

- EUR 100 miljun għal Inizjattiva Reġjonali tal-Għalliema

Is-Sudan

- EUR 126,4 miljun f'finanzjament umanitarju fl-2023; kważi EUR 700 miljun mill-2013

L-EWROPA

Ir-Renju Unit

- Ftehim dwar il-Qafas ta' Windsor
- Memorandum ta' qbil dwar il-kooperazzjoni regolatorja fis-servizzi finanzjarji

In-Norveġja

- Alleanza Ekoloġika bejn l-UE u n-Norveġja

L-Ukrajna

- EUR 76 biljun ta' appoġġ totali lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha
- L-ewwel laqgħa bejn il-kulleġ tal-Kummissarji u l-Gvern li qatt saret fi Kiev
- Is-Summit bejn l-UE u l-Ukrajna

Il-Moldova

- Pakkett ġdid ta' appoġġ ta' EUR 300 miljun

It-Turkija u s-Sirja

- Konferenza internazzjonali tad-donaturi f'solidarjetà mal-vittmi tat-terremot fis-Sirja u t-Turkija
- Is-Seba' Konferenza ta' Brussell dwar il-ġejjieni tas-Sirja u r-reġjun

IL-PUNENT TAL-AFRIKA

U L-AFRIKA ĊENTRALI

EUR 181,5 miljun f'għajjnuna umanitarja

Is-Senegal

- Sħubija għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta

L-AFRIKA T'ISFEL

L-Afrika t'Isfel

- EUR 280 miljun ta' investiment tal-Global Gateway bħala parti mis-Sħubija Internazzjonali għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta

L-Angola

- Negożjati konklużi dwar Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli

IL-BALKANI TAL-PUNENT

- Pakkett ta' appoġġ għall-enerġija ta' EUR 1 biljun
- Pakkett ta' investiment addizzjonali ta' EUR 2,1 biljun taħt il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment
- Pjan ġdid ta' tkabbir għar-reġjun
- Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Tirana, l-Albanija

IR-REĠJUN TAL-KAWKASU

Kejbil Diġitali sottomarin tal-Konnettività Diġitali tal-Baħar l-Iswed

Il-Kazakistan

- Sħubija strateġika dwar il-materja prima, il-batteriji u l-idroġenu rinnovabbli

IL-QARN IL-KBIR

TAL-AFRIKA

EUR 331 miljun f'għajjnuna umanitarja

Il-Kenja

- Negożjati konklużi dwar Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ambizzjuż

In-Namibja

- Sħubija strateġika dwar il-materja prima sostenibbli u l-idroġenu rinnovabbli

Iż-Żambja

- EUR 110 miljun għall-avanz tal-edukazzjoni, is-saħħa u l-enerġija ekoloġika

L-ASJA

EUR 10 biljun bħala parti mill-Global Gateway għall-Asja tax-Xlokk

Il-Ġappun

- Id-Disgħa u Għoxrin Summit bejn l-UE u l-Ġappun
- Kooperazzjoni strateġika dwar id-diġitali, dwar il-ktajjen tal-provvista tal-materja prima kritika, u dwar l-iżvilupp ta' suq internazzjonali tal-idroġenu
- L-Ewwel Kunsill ta' Sħubija Diġitali bejn l-UE u l-Ġappun

Il-Korea t'Isfel

- Summit bejn l-UE u l-Korea t'Isfel
- Tnedija tas-sħubijiet ekoloġiċi u diġitali bejn l-UE u l-Korea t'Isfel

Iċ-Ċina

- F'diskors storiku qabel iż-żjara tagħha, il-President von der Leyen tiddekrivi politika ta' tneħħija tar-riskji, mhux diżakkoppjament miċ-Ċina

Il-Vjetnam

- Sħubija għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta biex jiġu introdotti sorsi ta' enerġija rinnovabbli

L-Indja

- L-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja

Singapore

- Sħubija Diġitali

L-Indoneżja

- Sħubija għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta

L-OĊEANJA

IR-REĠJUN TAL-PAĊIFIKU

Alleanza Ħadra u Blu għall-Paċifiku

In-New Zealand

- Ftehim ta' kummerċ ħieles iffirmat

L-Awstralja

- Jidħol fis-seħħ il-Ftehim Qafas

GLOBALI

- Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal
- Aġenda ġdida tal-UE dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani
- Is-Summit tal-G7 f'Hiroshima, il-Ġappun
- Summits tal-G20 f'Bali, l-Indoneżja u l-Indja
- Sħubijiet dwar il-Foresti u l-Klima tal-Indja mal-Kongo, il-Guyana, il-Mongolja, iż-Żambja, l-Uganda

3 Nibnu r-reżiljenza tas-soċjetà Ewropea

Id-demokrazija Ewropea hija soda u b'saħħitha, iżda teħtieġ ħidma kostanti biex tiġi protetta. Mir-rispett tal-istat tad-dritt għas-salvagwardja tal-indipendenza tas-sistemi ġudizzjarji, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-impenn ċiviku, il-Kummissjoni baqgħet leali għar-rwol tagħha bħala gwardjan tat-trattati fl-2022 u fl-2023. Ser inkomplu **niddefendu d-demokrazija** fit-tnejn għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. L-ugwaljanza tibqa' wkoll fil-qofol tal-politika tal-UE, b'inizjattivi leġiżlattivi importanti li għaddew bħal direttiva li jissaħħaħ il-prinċipju ta' **paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali**. Mill-kriżi tal-COVID-19, il-garanzija tas-sigurtà, is-sikurezza u s-saħħa ta' niex li jgħixu fl-UE kontra t-theddid transfruntier saret ukoll prijorità tal-Unjoni tagħna. Biex insaħħu l-Unjoni tas-saħħa tagħna, ġie żvelat ukoll **approċċ komprensiv dwar is-saħħa mentali**. Fir-rigward tal-migrazzjoni u l-ażil, il-Kummissjoni introduċiet riformi kruċjali u qed tappoġġa ftehim rapidu bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Barra minn hekk, matul is-sena li għaddiet, il-Kummissjoni kompliet tappoġġa l-isforzi umanitarji fl-UE u lil hinn minnha.

Ir-rispett tal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni

L-Unjoni Ewropea hija unika fl-istorja tagħha u fil-viżjoni tagħha għall-futur. Hija demokrazija kontinentali magħmula minn diversi nazzjonijiet magħqudin fl-għan tagħhom għal-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt. L-UE ħarġet mill-qerda tat-Tieni Gwerra Dinjija, bil-wegħda li l-gwerra bejn l-Istati Membri tkun impossibbli. Minn dak iż-żmien 'l hawn, aħna l-Ewropej kbirna magħqudin fid-diversità tagħna. L-għaqda tagħna tagħtina s-setgħa li niddefendu u nipproġettaw valuri u prinċipji demokratiċi f'pajjiżna u lil hinn mill-fruntieri tagħna. Il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fakkrina dwar il-ħtieġa li niddefendu d-demokrazija mirbuħa b'mod iebes u l-libertajiet li tiggarrantixxi. Fl-ispirtu tal-1989, u l-Ukreni li jiġġieldu għal-libertà llum, kull ġenerazzjoni ta' Ewropej trid tgħin **biex tinbena r-reżiljenza tad-demokrazija Ewropea** u ġġedded il-wegħda tal-proġett ta' paċi Ewropew.

L-istat tad-dritt u r-rispett għal-liġi tal-UE jiffurmaw il-pedament tal-Unjoni Ewropea tagħna – b'mod li jippromwov u l-libertà, il-ġustizzja u l-ugwaljanza. Il-Kummissjoni tkompli tippromwovi u tissalvagwardja bla heda l-liġi tal-UE. Fl-2022, ħadna azzjoni deċiżiva fuq

1 410 każijiet ta' proċeduri ta' ksur, li jiżguraw l-infurzar tad-dritt tal-UE. Ir-rapport annwali tagħna dwar l-istat tad-dritt, il-pedament taċ-**ċiklu tal-istat tad-dritt tal-UE** stabbilit fl-2020, iservi bħala l-bażi għal djalogu rikk u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, u jippermetti dibattiti fil-Parlament Ewropew u fil-parlamenti nazzjonali. Dan jidher ukoll mill-isforzi li saru mill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa għall-ewwel darba fir-rapport tal-2022. Kif nistgħu naraw mir-rapport tal-2023, 65 % tar-rakkomandazzjonijiet mill-2022 ġew indirizzati mill-Istati Membri, u dan jirrifletti xejra pożittiva filwaqt li jirrikonoxxi li xi riformi jeħtieġu aktar żmien biex jitlestew.

Ir-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità, introdott fl-2021, għandu l-għan li jiproteġi l-baġit tal-Unjoni minn ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Dan l-istrument jikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-istat tad-dritt, sa fejn jistgħu jiġu imposti miżuri baġitarji fuq l-Istati Membri fejn ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jaffettwa jew jirriskja serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Fl-2022, wara proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill adotta miżuri dwar Stat Membru. Il-miżuri adottati skont ir-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità jistgħu jitneħħew jekk l-Istat Membru kkonċernat jagħti prova li jkun irrimedja s-sitwazzjoni li kienet wasslet għall-adozzjoni tagħhom.



Politiki effettivi kontra l-korruzzjoni

huma parti essenzjali mill-ambjent abilitanti meħtieġ għall-istat tad-dritt, flimkien mar-rispett għall-indipendenza ġudizzjarja, media libera u pluralistika, amministrazzjoni pubblika trasparenti u ta' kwalità għolja, u soċjetà ċivili libera u attiva. F'Mejju 2023, il-Kummissjoni ħadet azzjoni deċiżiva u ppreżentat żewġ proposti mmirati kontra l-korruzzjoni fl-UE. Il-proposti jarmonizzaw ir-regoli tal-UE dwar id-definizzjonijiet u l-pieni għal reati ta' korruzzjoni sabiex jiġu żgurati standards għoljin kontra l-firxa sħiħa ta' reati ta' korruzzjoni, kif ukoll biex jittejjeb l-infurzar. Il-proposti jfittxu wkoll li jstabbilixxu strutturi fl-Istati Membri li l-ewwel nett jipprevjenu aħjar il-korruzzjoni. Il-Kummissjoni, flimkien mar-Rappreżentant Għoli, ipproponiet ukoll reġim ta' sanzjonijiet iddedikat biex jimmira lejn atti serji ta' korruzzjoni madwar id-dinja.

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi l-ewwel **Korp tal-Etika** interistituzzjonali, li se jkun inkarigat mill-iżvilupp ta' standards komuni li jkopru l-membri tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE. Bl-istabbiliment tal-Korp tal-Etika se jkun hemm, għall-ewwel darba, standards komuni għall-imġiba etika tal-membri u mekkaniżmu formali għall-koordinazzjoni u l-iskambju ta' fehmiet dwar ir-rekwiżiti etiċi fost l-istituzzjonijiet. Wara dawn il-bidliet, il-membri tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE se jkunu soġġetti għal standards komuni, ċari, trasparenti u li jinftiehem.

Il-promozzjoni ta' forom ġodda ta' impenn demokratiku

Fl-2023, il-Kummissjoni żammet il-wegħda tagħha li tagħti segwitu għall-eżiti tal-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**, eżerċizzju mingħajr preċedent fid-demokrazija parteċipattiva - l-akbar wieħed ta' dan it-tip li qatt sar. Il-Kummissjoni kompliet tagħxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza, b'35 mit-43 inizjattiva ġdida fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 li jsegu, direttament jew indirettament, fuq dawn il-proposti.

Bil-ħsieb li l-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini tiġi inkorporata fis-sett ta' għodod tagħna għat-tfassil tal-politika, il-Kummissjoni stabbiliet **ġenerazzjoni ġdida ta' panels taċ-ċittadini**, li kull wieħed ilaqqat flimkien madwar 150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet qabel ċerti proposti ewlenin tal-Kummissjoni. Fl-2023 saru tliet panels – li ddiskutew is-suġġetti tal-ħela ta' ikel, id-dinjiet virtwali u l-mobilità għat-tagħlim – b'hekk enfasizzaw l-importanza tal-involvement taċ-ċittadini fil-proċess demokratiku tagħna. Saret enfażi partikolari fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa, b'terz tal-membri tal-bord ikunu bejn l-etajiet ta' 16 u 25 sena, filwaqt li ġie rikonoxxut ir-rwol kruċjali tagħhom fit-tiswir tal-ġejjieni.

Il-Kummissjoni tkompli żżid it-trasparenza u ttejjeb il-kwalità tat-tfassil tal-politika tal-UE billi ġġedded ukoll il-pjattaforma “Semma' leħnek”, u tagħmilha ċentru online

għal dibattiti pan-Ewropej dwar kwistjonijiet Ewropej magħżula.

Fit-18 ta' April 2023 intlaħaq stadju importanti, meta ġiet irreġistrata **l-100 inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej**, intitolata “Nikkollegaw il-bliet kapitali u n-nies Ewropej kollha permezz ta' network ferrovjarju b'veloċità għolja”. Din l-inizjattiva hija parti minn għodda b'saħħitha ta' demokrazija parteċipattiva li għabt aktar minn 17-il miljun firma għal diversi inizjattivi sa mill-bidu tagħha fl-2012.

Qed niżviluppaw għodod biex nappoġġaw lill-Istati Membri li jixtiequ japprofondixxu l-involvement tagħhom maċ-ċittadini dwar kwistjonijiet Ewropej. Il-proġett pilota **“Nibnu l-Ewropa mal-kunsilliera lokali”**

qed jipproduċi riżultati promettenti, u fil-ġejjieni jista' jkun wieħed mill-għodod disponibbli biex tinbena reżiljenza demokratika akbar, mil-livell lokali 'il fuq.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi bis-sħiħ lit-tfal u ż-żgħażaġħ bħala ċittadini attivi u aġenti tal-bidla fid-demokrazija Ewropea tagħna. Għal din ir-raġuni, qed

nistabbilixxu **Pjattaforma permanenti tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal** online u offline biex it-tfal madwar l-UE jkunu jistgħu jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE b'mod sistematiku u sinifikanti. Din il-pjattaforma qed tinbena flimkien mat-tfal, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-Parlament Ewropew.



Nibnu Unjoni ta' ugwaljanza

Fl-UE, nibqgħu impenjati li nibnu soċjetà aktar perfetta fejn kulħadd igawdi minn opportunità ugwali biex jiffjorixxi. L-Unjoni tagħna tiddependi minna lkoll. Kulħadd għandu jkun liberu li jesprimi l-individwalità tiegħu, jgħid dak li għandu f'moħħu, jipprattika twemminu liberament u jħobb lil min irid. Is-salvagwardja ta' dawn il-**libertajiet fundamentali** mil-liġi tal-UE hija xhieda tal-impenn dejjiemi tagħna. Madankollu, nirrikonoxxu li l-ħidma tagħna qatt mhija lesta, u li għad iridu jingħelbu bosta ostakli biex jiġu żgurati l-libertà u s-sikurezza ugwali tal-individwi kollha fl-UE.

.....

Il-prodigija tal-futbol, **Haley Bugeja**, tassew temmen fl-ugwaljanza fl-isport u tippromwovi b'mod attiv il-futbol għall-bniet f'Malta u lil hinn minnha. Il-mara ta' 19-il sena, li reċentement ingħaqdet ma' Inter Milan wara staġun man-National Women Soccer League tal-Istati Uniti, tkompli tippromwovi l-ugwaljanza billi tinkoraġġixxi b'mod attiv lill-bniet biex jieħdu parti fl-isport u biex jeċċellaw fih.

.....



L-**Istrateġija tagħna dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025** tenfażizza l-importanza li titrawwem soċjetà u ekonomija b'saħħithom u ugwali bejn il-ġeneri. Novembru 2022 immarka mument storiku meta, 10 snin wara l-proposta tal-Kummissjoni dwar in-nisa fil-bordijiet, adottajna regoli importanti biex intejbu **il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet korporattivi**, filwaqt li tajna mandat li sal-2026 mill-inqas 40 % tal-pożizzjonijiet ta' diretturi mhux eżekuttivi f'kumpaniji elenkati jkunu okkupati mis-sess l-anqas irrappreżentat.

F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni pproponiet li tarmonizza, fil-livell tal-UE, ir-regoli relatati mar-rikonoxximent tal-paternità biex jissaħħu d-**drittijiet tal-familji f'sitwazzjonijiet transfruntiera**. Din il-proposta tiżgura li l-paternità stabbilita fi Stat Membru wieħed tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra kollha mingħajr il-ħtieġa ta' proċeduri speċjali.

F'Mejju 2023, għamilna qabża oħra 'l quddiem billi adottajna regoli ġodda li jsaħħu l-applikazzjoni tal-**prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali** bejn l-irġiel u n-nisa, biex fl-aħħar negħlbu d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fit-trab tal-istorja.

Fl-1 ta' Ġunju 2023, l-UE finalment aderixxiet mal-**Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika**, seba' snin wara li l-Kummissjoni ressqet il-proposta tagħha biex tagħmel dan. Barra minn hekk, ninsabu fil-proċess li ninnegozjaw il-proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, ippreżentata f'Marzu 2022, li għandha l-għan li tistabbilixxi standards minimi fid-dritt tal-UE biex jiġu kriminalizzati ċerti forom ta' vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru; intejbu l-aċċess għall-ġustizzja, il-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi; niżguraw il-koordinazzjoni bejn is-servizzi rilevanti; u nipprevjenu dawn it-tipi ta' reati.


L-UE hija impenjata wkoll li tkun minn ta' quddiem fl-isforzi biex tissalvagwardja d-drittijiet tal-persuni lezjbani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer (LGBTIQ). L-ewwel **strateġija** tal-Kummissjoni **dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ**, għall-2020-2025, iddeskriviet miżuri biex l-ugwaljanza tal-LGBTIQ tiġi integrata fl-oqsma kollha ta' politika u biex jiġu amplifikati l-ilħna tal-persuni LGBTIQ. Din l-istrateġija tfittex li tgħaqqad lill-Istati Membri f'missjoni komuni biex tindirizza d-diskriminazzjoni LGBTIQ b'mod aktar effettiv sal-2025. Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposta f'Diċembru 2022 **biex issaħħaħ il-korpi tal-ugwaljanza** fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, billi stabbiliet standards minimi fir-rigward tal-mandat, tal-indipendenza, tar-riżorsi, tal-kompiti u s-setgħat tagħhom.

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu għall-2020-2025 jintegra l-ġlieda kontra r-razziżmu fil-politiki kollha tal-UE. Fi Frar, ħtarna koordinatur ġdid biex jiġġieled il-mibegħda kontra l-Musulmani. Aħna ħeġġiġna lill-Istati Membri biex jadottaw **pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu** sa tmiem l-2022. F'Jannar 2023, evalwajna wkoll l-oqfsa nazzjonali strateġiċi għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, u se nkomplu nħeġġu lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex iwaqqfu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni razzjali fl-Unjoni diversa tagħna.

Bl-istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, aħna ħeġġiġna lill-Istati Membri jfasslu strateġiji nazzjonali f'dan il-qasam.

Il-persuni b'diżabilità, bħal kulħadd, huma intitolati li jipparteċipaw bis-sħiħ fl-aspetti kollha tal-ħajja. Bħalissa, nofs biss mit-42,8

miljun individwu fl-età tax-xogħol b'diżabilità fl-UE huma impjegati. Il-**pakkett tagħna dwar l-impiegi għall-persuni b'diżabilità**, ippreżentat f'Settembru 2022, jappoġġa lill-Istati Membri fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, fil-ġlieda kontra l-faqar u fit-tiħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-persuni b'diżabilità. Aħna pprevedejna l-introduzzjoni tal-**Karta tad-Diżabilità tal-UE**, li hija maħsuba biex tiżgura r-rikonnoxximent transfruntier tal-*istatus* ta' diżabilità, biex tiffaċilita soġġorni qosra fi Stati Membri oħra billi tagħti l-istess aċċess madwar l-UE għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.



Inżidu r-reżiljenza tagħna u niproteġu liċ-ċittadini tal-UE

Skont **l-Unjoni Ewropea tas-Sigurtà**, l-UE hija ddedikata għall-protezzjoni taċ-ċittadini u n-negozji kollha tagħha, kemm online kif ukoll offline. Minn mindu ġiet żvelata l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà f'Lulju 2020, saru passi sostanzjali, li saħħew l-erba' pilastru tal-istrateġija: l-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet, it-tiħiħ taċ-ċibersigurtà, it-trawwim tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, u l-appoġġ għar-reżiljenza kontra t-theddid ibridu. Barra minn hekk, issa hemm fis-seħħ regoli moderni li jiżguraw l-aspetti fiżiċi u diġitali tas-setturi tal-infrastruttura kritika, inklużi l-enerġija, it-trasport, is-saħħa, l-ispazju, it-telekomunikazzjoni u d-diġitali.

Id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi daħlet fis-seħħ f'Jannar 2023, u pprovdiet qafas b'saħħtu biex nibnu r-reżiljenza kollettiva tagħna. Din il-biċċa

leġiżlazzjoni essenzjali qed tissaħħaħ aktar permezz ta' sforzi aċċellerati fil-livelli kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tal-UE.

Id-daqs, il-frekwenza u l-impatt dejjem akbar tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà huma theddida kbira għall-funzjonament tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni u għas-suq uniku Ewropew. Bl-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna din it-theddida kompliet taggrava, apparti l-multipliċità ta' atturi allinjati mal-istat, kriminali u ħektivisti involuti fit-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali. Filwaqt li jibnu fuq qafas strateġiku, politiku u leġiżlattiv sod li diġà hemm fis-seħħ, **L-Att propost tal-UE dwar is-Solidarjetà Ċibernetika**, ippreżentat f'April 2023 mill-Kummissjoni, se jkomplu jikkontribwixxu biex itejbu s-sejbien tat-theddid ċibernetiku, ir-reżiljenza u t-tnejjija fil-livelli kollha tal-ekosistema taċ-ċibersigurtà tal-UE.

Dan għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni fl-UE biex jiġi miġġieled it-theddid ċibernetiku billi jissaħħu d-detezzjoni u s-sensibilizzazzjoni għat-theddid; tissaħħaħ it-tnejjija tal-entitajiet kritiċi; u jissaħħu l-kapaċitajiet miftiehma ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ta' rispons madwar l-Istati Membri.

Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi u n-negozji jkunu jistgħu jagħmlu użu minn prodotti diġitali siguri fil-ħajja privata u professjonali tagħhom, f'Settembru 2022 il-Kummissjoni pproponiet **L-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika**, l-ewwel leġiżlazzjoni tal-UE tat-tip tiegħu, bil-għan li jiġu introdotti rekwiżiti obligatorji u orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom. Bl-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida mmirata lejn **it-tneħħija ta' kontenut terroristiku online**, u ż-żieda fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, l-UE qed tiġġieled kontra t-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar u sustanzi perikolużi u ssaħħaħ ir-rispons Ewropew għall-kriżijiet tat-terroriżmu.

L-impenn tal-Kummissjoni li tiproteġi liċ-ċittadini tal-UE mit-theddid jinkludi wkoll xogħol fl-oqsma marittimi u spazjali. F'Marzu 2023, il-Kummissjoni nediet **strateġija aġġornata tal-UE għas-sigurtà marittima**, immirata lejn is-salvagwardja taż-żoni marittimi kontra theddid emerġenti u l-iżgurar tal-użu paċifiku tal-ibħra. L-istrateġija tipproponi miżuri biex tittejjeb is-sigurtà marittima, inklużi eżerċizzji navali fil-livell tal-UE, operazzjonijiet imtejba tal-gwardja tal-kosta u spezzjonijiet tas-sigurtà msaħħa fil-portijiet tal-UE, bil-għan li titrawwem kooperazzjoni aktar profonda ma' sħab bħan-NATO, biex jinżamm l-ordni bbażat fuq ir-regoli fil-baħar.

Fil-qasam tal-ispazju, li qed isir dejjem aktar importanti għall-finijiet tal-konsumatur, dawk xjentifiċi u militari, il-Kummissjoni ppreżentat **Strateġija Spazjali Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża**. L-istrateġija, li tirrifletti r-rikonnoxximent tal-UE tal-ispazju bħala qasam strateġiku kkontestat, għandha l-għan li tiproteġi l-assi spazjali tagħha, bħas-satelliti; tiskoraġġixxi attivitajiet ostili fl-ispazju, bħal spjunaġġ; u ssaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha.

F'Novembru 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għamlu ftehim dwar regolament li jstabilixxi l-programm ta' konnettività sigura tal-UE għall-2023-2027, inkluż l-għan li l-UE **tibgħat fl-ispazju kostellazzjoni satellitari tal-UE msejħa IRIS²** (Infrastruttura għar-Reżiljenza, l-Interkonnettività u s-Sigurtà bis-Satellita). IRIS² se tikkostitwixxi pilastru ġdid ibbażat fl-ispazju għal UE diġitali, reżiljenti u aktar sikura, u se trawwem il-kompetittività Ewropea u l-progress tas-soċjetà.



F'Jannar 2023, **il-President von der Leyen inawgurat il-Port Spazjali Estrateġiċi fit-Tramuntana tal-Iżvezja**, li mhuwiex biss l-ewwel port spazjali fl-UE kontinentali iżda jista' wkoll jillanċja kostellazzjonijiet ta' satelliti żgħar li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' osservazzjoni tad-dinja tal-UE, li huma kruċjali biex jiġu miġġielda d-diżastri klimatiċi jew it-theddid militari f'ħin reali.



Żieda fir-reżiljenza għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem

Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-prevezzjoni u t-tnejjija madwar l-Ewropa, fi Frar 2023 il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni u komunikazzjoni biex tistabbilixxi għanijiet komuni **li jagħtu spinta lir-reżiljenza Ewropea għad-diżastri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili**.

Dan jinkludi modi biex il-pajjiżi Ewropej jitħejjew aħjar għall-perikli naturali, inklużi t-terremoti, l-għargħar u n-nirien fis-selvaġġ, biex insemmu biss ftit. Fid-dawl tax-xenarju tar-riskju li qed jinbidel malajr, l-għanijiet Ewropej tar-reżiljenza għad-diżastri għandhom l-għan li jtejbju l-kapaċità tal-**Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili** biex jantiċipa u jiflaħ għall-effetti ta' diżastri u emerġenzi kbar futuri. F'dan ir-rigward, ġew adottati ħames għanijiet u proġetti Ewropej ewlenin ta' reżiljenza għad-diżastri, biex jantiċipaw, iħejju, iwissu, jirrispondu u jiżguraw aħjar.

Fid-dawl taż-żieda fit-theddida għan-nies u għall-ambjent minn nirien fis-selvaġġ dejjem aktar b'saħħithom, l-UE tejbet il-kapaċità tagħha li tiġġield in-nirien fis-selvaġġ billi **rduppjat id-daqs tal-flotta tagħha tat-tifi tan-nar mill-ajru għas-sajf tal-2023**, f'konformità mal-impenn tal-President von der Leyen fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2022. Ir-riżerva tal-inġenji tal-ajru tar-rescueEU għat-tifi tan-nar issa tinkludi 24 ajruplan u erba' ħelikopters minn minn 10 Stati Membri. Fl-2023, l-UE mmobilizzat, permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, mijiet ta' ħaddiema tat-tifi tan-nar, vetturi u ajruplani għal nirien kbar ħafna fl-Ewropa u biex turi solidarjetà mas-sħab internazzjonali tagħna bħall-Kanada. Wara sejħiet mill-Istati Membri u mill-Parlament Ewropew, fl-2022 il-Kummissjoni żviluppat ukoll pjan ta' azzjoni għall-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti.



Iffaċċjata b'konsegwenzi ta' għargħar devastanti, **is-Slovenja** **rat solidarjetà inkredibbli** mill-Istati Membri tal-UE u barra mill-pajjiż, inkluż mill-Ukrajna mifnija bil-gwerra. Konvoj ta' makkinarju tqil, akkumpanjat minn tim Ukren tal-protezzjoni ċivili, għen biex jitneħħa l-iskart u jitnaddfu l-konsegwenzi tal-għargħar li affettwa żewġ terzi tal-pajjiż.



Id-diżastri simultanji ta' nirien fis-selvaġġ, għargħar u maltempati li laqtu l-kontinent Ewropew f'dawn l-aħħar xhur jeħtieġu, minbarra rispons qawwi, ukoll aktar prevenzjoni u ttejjija bħall-monitoraġġ tal-ħamrija, il-monitoraġġ tal-foresti, u r-restawr naturali biex jiġi evitat l-agħar aspekk tat-tibdil fil-klima.

L-UE qed tgħin ukoll biex tizzied ir-reżiljenza kontra diżastri barra mill-fruntieri tagħna. Fi Frar 2023, l-UE kkoordinat l-iskjerament ta' aktar minn 250 pompier tal-UE fiċ-**Ċili** permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, flimkien ma' esperti ta' koordinazzjoni u persunal mediku. Biex tindirizza l-agħar nirien fis-selvaġġ f'dawn l-aħħar 10 snin, **il-Kanada** rċeviet ukoll assistenza immedjata għat-tifi tan-nar bi 350 pompier skjerati permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.



.....

Il-President von der Leyen żaret iż-żoni tal-Emilia-

Romagna, fl-Italja, biex tara hi stess is-sens qawwi ta' altruwiżmu u solidarjetà murija mill-mijiet ta' voluntiera. Ħafa ħadu jiem bla xogħol biex jgħinu fit-tindif massiv meħtieġ u biex jgħinu lil dawk li tilfu djarhom u lin-negozji biex jibnu mill-ġdid.

.....



Negħlbu l-pandemija u nibnu Unjoni tas- Saħħa

Fil-5 ta' Mejju 2023, wara aktar minn tliet snin twal, **l-istatus tal-COVID-19 bħala emerġenza tas-saħħa pubblika ta' tħassib internazzjonali tneħħa uffiċjalment.**

Il-pandemija ħalliet marka indelibbli fuq iċ-ċittadini tagħna, is-soċjetà tagħna u l-ekonomija tagħna. L-ispirtu qawwi tagħna ta' reżiljenza u koordinazzjoni u l-fiduċja profonda u l-investiment sinifikanti tagħna fix-xjenza u l-innovazzjoni ppermettewlna negħlbu din il-kriżi bla preċedent. Is-sens komuni tagħna ta' solidarjetà Ewropea – kemm fid-distribuzzjoni tal-provvisti mediċi, fit-trattament tal-pazjenti, fir-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini maqbuda barra mill-pajjiż kif ukoll fil-bini mill-ġdid kollettiv tal-ekonomiji tagħna – għamilha possibbli wkoll. Il-vjaġġ matul il-pandemija saħħaħ it-twemmin ewlieni tal-Unjoni tagħna - li aħna aktar b'saħħitna flimkien.

Il-pożizzjoni proattiva tal-Kummissjoni mill-bidu tal-2020, bħala parti mill-istrateġija tal-UE għall-vaċċini, tat riżultati impressjonanti.

Aktar minn 70 % tal-popolazzjoni tal-UE hija kompletament imlaqqma kontra l-COVID-19, u l-Kummissjoni qed tkompli tiżgura l-aċċess għall-aħħar verżjoni disponibbli tal-vaċċini jekk fil-ġejjieni jiġu skontrati varjanti ta' tħassib. L-EU FAB, network ta' produttori ta' vaċċin, se jiżgura li jkun hemm kapaċità kontinwa ta' produzzjoni ta' bejn il-500 miljun u s-700 miljun doża ta' vaċċini kull sena f'każ ta' bżonn. Dan jiżgura li l-vaċċini jkunu disponibbli malajr biex tiġi miġġielda kwalunkwe kriżi futura. Aktar kmieni fl-2023, aħna ffirmajna kuntratti mal-fornituri biex niżguraw din id-disponibbiltà.

Il-Kummissjoni tibqa' soda fl-impenn tagħha li tiżgura li vaċċini sikuri u effettivi jkunu aċċessibbli madwar id-dinja.

S'issa, madwar 65,5 % tal-popolazzjoni dinjija hija mlaqqma kontra l-COVID-19. L-UE kellha rwol ċentrali fl-iffaċilitar ta' dan it-tilqim, billi esportat jew qasmet proporzjon sinifikanti tad-dożi meħtieġa. Minn Diċembru 2020, **kważi 2,5 biljun doża ta' vaċċini kontra l-COVID-19**, madwar żewġ terzi tad-dożi kollha tal-vaċċini prodotti fl-UE, **għew esportati lejn 168 pajjiż**. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri wiegħdu aktar minn EUR 5 biljun lill-COVAX, l-inizjattiva dinjija mfasstha biex tigarantixxi aċċess ekwu għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Aħna qed nappoġġaw ukoll b'mod attiv għadd ta' kampanji tat-tilqim fil-pajjiżi sħab. L-UE hija wkoll l-akbar donatur uniku tad-dożi tal-vaċċini kontra l-COVID-19 kondiviżi ma' pajjiżi sħab permezz tal-COVAX, ospitata minn Gavi, l-Alleanza għall-Vaċċini. Il-COVAX sa issa bagħat aktar minn biljun doża ta' vaċċin lil 144 nazzjon parteċipanti.

Il-pandemija tal-COVID-19 għandha d-distinzjoni li hija l-ewwel waħda li ġiet ikkonfrontata fl-era tad-diġitalizzazzjoni.

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sar għodda imprezzabbli fil-ġlieda kontra l-pandemija, b'aktar minn 2,3 biljun ċertifikat maħruġ fl-UE mit-tnedija tiegħu fl-2021. Iċ-ċertifikat iffaċilita l-moviment sikur u liberu għaċ-ċittadini madwar l-Unjoni Ewropea meta r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar tqiesu meħtieġa minħabba l-pandemija. Barra minn hekk, ippermetta li dawn ir-restrizzjonijiet jitneħħew b'mod koordinat, u ppermetta b'mod effettiv l-ivvjaġġar internazzjonali sikur. Iċ-ċertifikat – li jinkorpora l-prinċipji ewlenin tal-UE bħall-privatezza, il-protezzjoni tad-data, l-aċċess miftuħ, iċ-ċibersigurtà, il-flessibbiltà u l-ekwità – sar standard globali, bi 78 pajjiż u territorju konnessi mas-sistema: is-27 Stat Membru, flimkien ma' 51 pajjiż u territorju mhux tal-UE.



Fuq il-bażi ta' dan is-suċċess, f'Ġunju 2023, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa adottat is-sistema tal-UE ta' ċertifikazzjoni diġitali tal-COVID-19, inklużi l-prinċipji fundamentali tagħha li tissalvagwardja l-privatezza u l-minimizzazzjoni tad-data, biex tistabbilixxi sistema dinjija li se tgħin tiproteġi liċ-ċittadini madwar id-dinja minn theddid għas-saħħa kontinwu u futur. Dan huwa l-ewwel element kostitwenti tan-**Network Globali taċ-Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Diġitali tad-WHO**, li jista' jiffaċilita wkoll id-diġitalizzazzjoni futura ta' dokumenti oħra tas-saħħa u jwassal riżultati importanti fil-qasam tas-saħħa fuq skala internazzjonali.

Fis-sajf tal-2022, meta l-marda tal-mpox (monkeypox) faqqgħet madwar id-dinja u wasslet għal emerġenza tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri b'akkwisti ta' emerġenza u b'mod konġunt ta' trattamenti u tilqim. Flimkien mal-impenn tal-komunità, din l-azzjoni deċiżiva għenet biex **jiġi evitat li l-mpox issir endemika fl-Ewropa**. Sa tmiem l-2022, l-akkwist konġunt bl-użu ta' fondi tal-UE kien żgura aċċess għal aktar minn 2,3 miljun doża ta' tilqima għall-Istati Membri għall-2022-2024.

Komplet il-ħidma fuq il-bini ta' **Unjoni Ewropea tas-Saħħa** b'saħħitha, kisba kbira tal-Kummissjoni von der Leyen li għandha l-għan li tiproteġi s-saħħa taċ-ċittadini tal-UE; li tgħammar lill-UE u lill-Istati Membri tagħha bl-għodod biex jipprevjenu u jindirizzaw pandemiji futuri; u ttejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa tal-Ewropa.

Fl-2022, il-pedamenti tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa ġew stabbiliti bit-tisħiħ taċ-**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**, flimkien ma' regoli aktar b'saħħithom dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa u r-Regolament dwar Qafas għall-Emerġenzi. Dan ir-regolament ipprova setgħat addizzjonali lill-Awtorità għat-Thejjiija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa biex tipprevjeni u timmaniġġa t-theddid transfruntier għas-saħħa b'mod aktar effettiv. Il-progress tagħna fit-tħejjiija u r-rispons ġie kondiviż fir-Rapport inawgurati dwar l-Istat tat-Thejjiija għas-Saħħa f'Novembru 2022.

F'Mejju 2022, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tad-*data* dwar is-saħħa u l-UE tkun tista' tikseb qabża kbira 'l quddiem fil-mod kif il-kura tas-saħħa tiġi pprovduta lin-nies madwar l-Ewropa, il-Kummissjoni pproponiet **l-isparju Ewropew tad-*data* dwar is-saħħa**. Din l-inizjattiva tagħti s-setgħa lill-individwi biex jikkontrollaw id-*data* tagħhom dwar is-saħħa u toffri qafas konsistenti biex tiġi sfruttata s-setgħa tad-*data* dwar is-saħħa għall-innovazzjoni, mediċini ġodda, kura tas-saħħa aħjar u tfassil tal-politika, filwaqt li tikkonforma mas-sistema awrea tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE.

April 2023 ra ż-żieda ta' pilastru ewlieni mal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa – **l-aktar reviżjoni sinifikanti tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika f'20 sena**. Din ir-reviżjoni proposta għandha l-għan li toħloq suq uniku għall-mediċini billi tippromwovi d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà aħjar tal-mediċini filwaqt li ssaħħaħ ukoll l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-industrija farmaċewtika tal-UE. F'Lulju 2022, ġew proposti wkoll regoli ġodda biex ikomplu jiżdiedu s-sikurezza u l-kwalità tas-sustanzi ta' oriġini umana, biex tittejjeb il-protezzjoni ta' kull min jagħti jew jiġi ttrattat b'dawk il-prodotti kritiċi tas-saħħa.

Il-pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-kanċer, pilastru ċentrali tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, huwa r-rispons tagħna għal theddida dejjiema li l-biċċa l-kbira tan-nies fl-UE kellhom, jew se jkollhom, kuntatt personali magħha. B'aktar minn 2,7 miljun dijanjożi tal-kanċer u 1,3 miljun fatalità rreġistrati fl-UE fl-2020, id-determinazzjoni tagħna għal jum partikolari biex jingħeleb il-kanċer tibqa' kontinwa. Il-pjan huwa l-aktar inizjattiva komprensiva tal-UE li qatt saret dwar il-kanċer, u huwa ffinanzjat b'mod robust b'baġit ta' EUR 4 biljun. F'Settembru 2022, ġie introdott approċċ ġdid ibbażat fuq ix-xjenza għall-iskrinjar tal-kanċer, li jżid il-kanċers tal-prostata, tal-pulmun u dawk ġastriċi mar-rakkomandazzjonijiet tal-iskrinjar, li issa jkopru sitt kanċers li jammontaw għal 55 % tal-każijiet ġodda kollha u aktar minn 50 % tal-imwiet relatati mal-kanċer fl-UE. Fil-bidu tal-2023, tnediet inizjattiva Ewropea ġdida dwar l-immaġnijiet tal-kanċer biex isir użu aħjar mis-setgħa tad-*data* u tat-teknoloġiji diġitali bħall-IA biex jiġi identifikat u indirizzat aħjar il-kanċer.

F'Ġunju 2023, żvelajna l-**ewwel approċċ komprensiv tal-UE għas-saħħa mentali**, li jirrifletti r-rakkomandazzjonijiet miċ-ċittadini fil-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u jwieġeb għat-talbiet tal-Parlament Ewropew għal azzjoni akbar dwar is-saħħa mentali. Dan l-approċċ komprensiv iħares lejn is-saħħa mentali fil-politiki kollha u jippreżenta inizjattivi għall-promozzjoni ta' saħħa mentali tajba, b'enfażi speċjali fuq it-tfal u ż-żgħażaġħ. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri li jpoġġu lin-nies u s-saħħa mentali tagħhom l-ewwel permezz ta' 20 inizjattiva ewlenija u EUR 1,2 biljun ta' finanzjament tal-UE.

Is-saħħa pubblika hija ta' tħassib universali. Minn mindu faqqgħet il-pandemija, Tim Ewropa – li jinkludi l-UE, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej – żborża

EUR 47,7 biljun biex jappoġġa s-saħħa pubblika fil-pajjiżi sħab tagħna. Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni amplifikat it-tmexxija globali tagħha fil-qasam tas-saħħa bi **Strategġija** ġdida **tal-UE għas-Saħħa Globali**. Din l-istrategġija, id-dimensjoni esterna tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, qed tiggwida lill-UE fit-tiżni tas-saħħa u l-benesseri, fil-fortifikazzjoni tas-sistemi tas-saħħa u fil-promozzjoni ta' kopertura universali tas-saħħa. Fis-17 ta' Mejju 2023, biex twettaq prijorità importanti tal-istrategġija, tnediet it-Task Force tas-Saħħa bejn l-UE u l-Istati Uniti biex tespandi s-sħubija bejn it-tnejn fil-qasam tas-saħħa, b'enfażi fuq il-kooperazzjoni skont tliet fergħat: il-prijoritajiet fil-qasam tal-kanċer; it-theddid dinji għas-saħħa; u t-tiżni tal-arkitettura tas-sigurtà tas-saħħa globali.

Barra minn hekk, billi nagħtu importanza lit-tiżni tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji fil-livell internazzjonali, l-UE kienet impenjata b'mod attiv fin-negożjati li għaddejjin dwar Ftehim dwar il-Pandemiji legalment vinkolanti u reviżjoni mmirata tar-regolamenti internazzjonali dwar is-saħħa.

Sistema ta' migrazzjoni sostenibbli u ġusta

Il-migrazzjoni ġewwa, lejn u mill-Ewropa minn dejjem kienet u dejjem se tkun parti mill-identità Ewropea. Madankollu, wara għadd bla preċedent ta' refuġjati u migranti irregolari li daħlu fl-UE fl-2015 u l-2016, deher ċar li kienu meħtieġa riformi. F'Settembru 2020, quddiem stagħnar fuq riforma proposta preċedentement, il-Kummissjoni fittxet li tagħti ħajja ġdida lis-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil tal-UE billi ppreżentat **il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** - approċċ komprensiv u ħolistiku tal-gvern immirat lejn it-tiżni u l-integrazzjoni ta' politiki ewlenin tal-UE dwar il-migrazzjoni, l-ażil u l-ġestjoni

tal-fruntieri b'mod ġust, uman, sostenibbli u effiċjenti. In-negożjati interistituzzjonali kisbu momentum sinifikanti fl-2023, hekk kif il-koleġiżlaturi żiedu l-isforzi tagħhom biex jadvanzaw fil-proposti leġiżlattivi kollha skont il-Patt il-Ġdid, sabiex ikunu jistgħu jiġu miftehma sa tmiem il-leġiżlatura.

Biex tappoġġa lil dawk l-Istati Membri li qed jiffaċċjaw sfidi immedjati, il-Kummissjoni wiegħbet ukoll b'miżuri operazzjonali. Fil-21 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat **pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-Mediterran Ċentrali**. Il-pjan ta' azzjoni kien jinkludi 20 miżura li qed jiġu implimentati mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Dawn huma mfassla biex inaqqsu l-migrazzjoni irregolari u mhux sikura; jindirizzaw il-kawżi ewlenin; jipprovdu soluzzjonijiet għall-isfidi emerġenti fil-qasam tat-tiftix u s-salvataġġ; u jsaħħu s-solidarjetà bejn l-Istati Membri, ibbilanċjata fil-konfront tar-responsabbiltà.

Il-moviment irregolari tul ir-rotot tal-Balkani tal-Punent żdied b'mod sinifikanti fl-2022. Fil-bidu ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat **pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent**, li stabbilixxa 20 miżura operazzjonali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri mas-sħab fil-Balkani tal-Punent. Dawn il-miżuri kellhom impatt sinifikanti, bi tnaqqis fil-moviment irregolari ta' madwar 25 % fl-2023, meta mqabbel mal-2022.

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat **pjan ta' azzjoni tal-UE dwar ir-rotot migratorji fir-reġjun tal-Punent tal-Mediterran u tal-Atlantiku**. L-UE ilha ssaħħaħ is-sħubija tagħha ma' pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu tul ir-rotta. Il-miżuri meħuda mill-UE, mill-Istati Membri u mis-sħab internazzjonali kkontribwew għat-tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' wasliet irregolari.

Fid-19 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ ir-regoli li **jipprevjenu u jiġġieldu t-traffikar tal-bnedmin**. Kull sena, aktar minn 7 000 persuna jisfaw vittmi tat-traffikar tal-bnedmin fl-UE. Il-maġġoranza tal-vittmi huma nisa u bniet, iżda l-proporzjon ta' vittmi rġiel qed jiżdied, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' sfruttament ta' ħaddiema. Ir-regoli aġġornati se jaġhmluha aktar faċli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawġ ġudizzjarji biex jinvestigaw u jħarrku forom ġodda ta' sfruttament u jgħinu fil-identifikazzjoni u l-appoġġ tal-vittmi.

Fl-14 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni stabbiliet l-ewwel ċiklu ta' politika strateġika pluriennali li qatt sar dwar **il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri**, li jkopri l-ħames snin li ġejjin - viżjoni kondiviża tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Dan jipprovdi qafas ikkoordinat għall-awtoritajiet nazzjonali li jiġġestixxu l-fruntiera, u għall-aktar minn 120 000 awtorità nazzjonali tal-fruntieri u impjegati tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li jaħdmu flimkien biex jiproteġu l-fruntieri tal-UE.

L-iżvilupp ta' **perkorsi legali** jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-migrazzjoni irregolari u jista' jgħin biex jissaħħu l-ekonomiji Ewropej. Irridu nattiraw il-ħiliet u t-talent li l-ekonomiji tagħna jeħtieġu, minħabba tixjiħ tal-popolazzjoni u diskrepanzi urġenti fil-ħiliet. Aktar kmieni din is-sena, il-Kummissjoni nediet sejħa ġdida għal proposti għal EUR 40 miljun f'għotjiet għal azzjoni skont il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni biex jiġu ffinanzjati perkorsi legali għall-migrazzjoni u l-integrazzjoni. Għaddejja wkoll ħidma biex jiġu stabbiliti Sħubijiet ta' Talent mal-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, il-Bangladesh u l-Pakistan, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument, NDICI) -Ewropa Globali. Il-Kummissjoni nediet ukoll Riżerva pilota ta'

Talent tal-UE f'Ottubru 2022 biex tiffaċilita l-integrazzjoni tal-Ukreni fis-suq tax-xogħol u din il-ħarifa se tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE kompluta. Din tkun l-ewwel pjattaforma għall-UE kollha li għandha l-għan li tagħmel lill-UE aktar attraenti għal ċittadini mhux tal-UE li jkunu qed ifittxu opportunitajiet ta' xogħol fl-UE. Din se tgħin lill-impjegaturi tal-UE jsibu t-talent li jeħtieġu u jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.


F'Jannar 2023, il-Kummissjoni nediet il-**Pjattaforma għall-Migrazzjoni tal-Ħaddiema** biex tavvanza l-migrazzjoni tal-ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi mhux tal-UE lejn l-UE u biex tiżgura li tkun ġestita tajjeb u mmirata lejn fejn jinsabu l-ħtiġijiet b'rabta mal-ħaddiema u l-ħiliet. Il-pjattaforma l-ġdida tlaqqa' flimkien speċjalisti tal-migrazzjoni u l-impjegi biex titrawwem kooperazzjoni mill-qrib bejn iż-żewġ setturi, u bejn l-Istati Membri u l-UE biex tiġi appoġġata l-operazzjonalizzazzjoni effettiva tal-inizjattivi fil-livell tal-UE dwar il-migrazzjoni legali u l-impjegi.

L-integrazzjoni u l-inklużjoni kif sippost ta' ċittadini mhux tal-UE jgħinu t-tkabbir, ir-reżiljenza u l-prosperità tal-UE. Il-Kummissjoni qed tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-**Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-27**, li jipprevedi azzjonijiet dwar l-edukazzjoni, l-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid is-Sħubija Ewropea dwar l-Integrazzjoni mas-Sħab Soċjali u Ekonomiċi Ewropej permezz ta' dikjarazzjoni konġunta, li tinkludi appoġġ partikolari għan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Filwaqt li jipproponu sensiela ta' miżuri operazzjonali biex jindirizzaw l-isfidi immedjati u kontinwi tul ir-rotot migratorji, is-soluzzjonijiet strutturali jiddependu fuq

politika komuni tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil.

Għalhekk, il-qbil dwar is-sett sħiħ ta' riformi tal-ażil u l-migrazzjoni li qed jiġu nnegozjati bħalissa huwa kruċjali. Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehimiet ta' kompromess li ntlafqu fin-negozjati interistituzzjonali f'Diċembru 2022 dwar il-qafas ta' risistemazzjoni, il-proposti dwar il-kwalifiki u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif ukoll il-ftehim politiku ta' suċċess milġuq mill-Kunsill f'Ġunju dwar żewġ pilastru ewlenin tal-patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil – ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u r-regolament dwar il-proċedura tal-ażil – flimkien mal-ħidma li saret fuq dawn il-proposti mill-Parlament Ewropew biex jintlaħaq qbil dwar il-mandati tiegħu għan-negozjati aktar kmieni din is-sena. Il-Kummissjoni tinsab lesta li taħdem mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex tiżgura l-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati interistituzzjonali sa tmiem il-leġiżlatura attwali, kif previst fil-Pjan Direzzjonali Konġunt.





Il-Greċja qed tkun pijuniera fi proġett ta' integrazzjoni,

iffinanzjat minn NextGenerationEU, fejn ir-refuġjati u l-migranti, inklużi l-persuni b'diżabilità, jiġu mħarrġa fil-protezzjoni kontra n-nirien u t-terremoti. Il-proġett iqarreb ir-residenti lokali u l-migranti lejn xulxin biex jiffaċċjaw sfidi komuni.



Inwieġbu għas-sejħa umanitarja

Jekk dawk fil-bżonn ta' għajjnuna umanitarja jiffurmaw pajjiż, dan ikun it-tielet l-akbar pajjiż fid-dinja bi 360 miljun ċittadin. U din il-pajjiż fittizju li qed ibati qed jikber b'rata esponenzjali – żieda ta' 30 % mill-bidu tal-2022.


Filwaqt li pprovdiet appoġġ bla preċedent lill-Ukrajna, il-Kummissjoni kompliet ukoll tipprovdi għajjnuna umanitarja madwar id-dinja lil dawk li l-aktar għandhom bżonnha. Għe allokat finanzjament addizzjonali kif meħtieġ għall-baġit inizjali tal-UE għall-għajjnuna umanitarja għall-2023, li kien ta' EUR 1,7 biljun. L-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, ħabbru **finanzjament umanitarju inizjali ta' EUR 8,4 biljun għall-2023**, bħala espressjoni konkreta tas-solidarjetà dinjija u tar-rwol ewlieni tal-UE fl-azzjoni umanitarja. Biex jindirizzaw id-distakk dejjem jikber bejn il-ħtiġijiet umanitarji u l-finanzjament disponibbli globalment, l-Istati Membri approvaw konklużjonijiet rivoluzzjonarji tal-Kunsill f'Mejju 2023 li jistabbilixxu mira volontarja ta' 10 % tal-għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp tiġi ddedikata għall-azzjoni umanitarja.

Fis-6 ta' Frar 2023, terremot b'qawwa ta' 7,8, segwit minn mill-inqas żewġ terremoti kbar oħra, laqat is-Sirja u t-Turkija, u kkawża qerda mifruxa u eluf ta' vittmi.

Filwaqt li biddlet il-kondoljanzi u s-solidarjetà f'azzjoni, l-UE minnufih nediet l-akbar operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ ikkoordinata permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili. Din weriet is-solidarjetà tal-UE fl-aqwa tagħha. Hemm 21 pajjiż Ewropew li bagħtu l-ewwel risposta għall-appell u t-timijiet mediċi, kif ukoll offrew miljuni ta' oġġetti, bħal tagħmir ta' kenn, ħiters, ġeneraturi, tagħmir mediku, ikel u ħwejjeġ sħan permezz tar-riżerva rescEU.

Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi

Flimkien għall-poplu fit-Turkija u s-Sirja



Ix-xahar ta' wara, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen u l-Presidenta Żvediża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ospitaw b'mod konġunt **Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi b'solidarjetà mal-vittmi tat-terremot fit-Turkija u fis-Sirja**.

Il-wegħdiet ta' impenn totali ta' donazzjonijiet mill-konferenza ammontaw għal kważi EUR 7 biljun, li jikkonsistu f'EUR 911-il miljun f'għotjiet għas-Sirja u f'EUR 6,05 biljun f'għotjiet u self għat-Turkija.

Fis-16 u s-17 ta' Marzu 2023, l-UE u l-Kanada ospitaw flimkien **il-Konferenza Internazzjonali f'Solidarjetà mar-Rifuġjati u l-Migranti Venezwelani u l-Pajjiżi u l-Komunitajiet Ospitanti tagħhom**.

L-avveniment iffoka fuq l-importanza ta' azzjoni koordinata fir-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-istabbilizzazzjoni.

Fl-14 u l-15 ta' Ġunju 2023, l-UE ospitat **is-seba' konferenza ta' Brussell dwar il-futur tas-Sirja u r-reġjun**, li wiegħdet EUR 5,6 biljun f'għajjnuna.

Il-konferenza tenniet l-appoġġ kontinwu tal-UE u tal-komunità internazzjonali għall-poplu Sirjan, ir-refuġjati Sirjani u l-komunitajiet ospitanti tagħhom fil-pajjiżi ġirien, bil-kriżi tas-Sirja issa fit-13-is sena tagħha.

L-UE twieġeb għas-sejħa umanitarja anke lil hinn mill-viċinat immedjat tagħna. F'Marzu 2023, minħabba s-sitwazzjoni li qed tiddeterjora rapidament fil-Lvant **tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo**, l-UE waqqfet operazzjoni ta' pont umanitarju bl-ajru lejn Goma. Appoġġata minn Franza, hija wasslet provvisti mediċi u nutrizzjonali, fost oġġetti oħra. Sabiex tiffaċilita t-twassil ta' għajjnuna li ssalva l-ħajja, l-UE operat 29 titjira umanitarja tal-merkanzija permezz ta' pont bl-ajru lejn **l-Afganistan** minn Awwissu 2021, bl-aħħar titjira li niżlet fl-Afganistan fl-24 ta' Mejju 2023.

B'reazzjoni immedjata għall-gwerra li faqqgħet f'April 2023 fis-**Sudan**, l-UE żiedet il-finanzjament umanitarju inizjali tagħha ta' EUR 73 miljun b'EUR 60 miljun addizzjonali f'Ġunju 2023, filwaqt li ospitat b'mod konġunt avveniment internazzjonali b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet. L-UE nediet ukoll pont umanitarju bl-ajru għas-Sudan u l-viċinat taċ-**Chad** biex iġib oġġetti li jsalvaw il-ħajja fil-pajjiżi. F'Novembru 2022, ġie mniedi pont umanitarju bl-ajru għal-**Burkina Faso**. Dan għen biex jitwasslu ikel u provvisti essenzjali lil mijiet ta' eluf ta' persuni f'riskju ta' ġuħ f'żoni taħt imblokk.

L-UE se tkompli taħdem mas-sħab tagħna madwar id-dinja biex tipprovdi għajjnuna umanitarja lil dawk fil-bżonn u tgħin biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet strutturali li jikkawżaw l-ispostament, il-ġuħ u l-kunflitt.



SETTEMBRU 2022

.....

6.9

Il-Bożnija-Ħerzegovina tingħaqad mal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.



.....

7.9

Il-Kummissjoni Ewropea tippreżenta l-Istrateġija Ewropea għall-Kura biex tiżgura servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli u ttejjeb is-sitwazzjoni kemm għar-riċevituri tal-kura kif ukoll għall-persuni li jieħdu ħsiebhom.



.....

14.9

Il-Kummissjoni ttipproponi li tippurbixxi prodotti magħmula b'xogħol furzat milli jkunu disponibbli fis-suq tal-UE.



.....

14.9

Il-Kummissjoni ttipproponi intervent ta' emerġenza fis-swieq tal-enerġija tal-Ewropa biex tindirizza ż-żidiet drammatiċi fil-prezzijiet.



.....

15.9

Il-Kummissjoni tippreżenta proposta għal Att ġdid dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika biex jiproteġi lill-konsumaturi u lin-negozji minn prodotti b'elementi ta' sigurtà inadegwati.



.....

16.9

Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media: Il-Kummissjoni ttipproponi regoli biex tipproteġi l-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media fl-UE.



.....

20.9

Bħala parti mill-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, il-Kummissjoni tipproponi approċċ ġdid tal-UE għad-detezzjoni tal-kanċer - aktar skrinjar u skrinjar aħjar.



.....

21.9

Skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tapprova Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni biex jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni, l-użu industrijali inizjali u l-kostruzzjoni ta' infrastruttura rilevanti fil-katina tal-valur tal-idroġenu.



.....

21.9

L-UE tħabbar EUR 715-il miljun f'finanzjament għall-Fond Globali biex jiġu salvati miljuni ta' ħajjiet mill-AIDS, it-tuberkulożi u l-malarja.

.....

28.9

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw l-iskemi ta' introjtu minimu tagħhom bħala parti mill-impenn għaddej bħalissa biex fl-UE jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali.



.....

28.9

Il-Kummissjoni qed tippreżenta approċċ komprensiv biex tippoteġi aħjar lin-nies u lill-ambjent mill-asbestos u tiżgura futur ħieles mill-asbestos.

.....

29.9

Il-Kummissjoni tadotta linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati.



OTTUBRU 2022

.....

4.10

L-UE tadotta l-ewwel Pjan ta' Azzjoni taż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni Esterna tal-UE biex issaħħaħ l-involviment maż-żgħażaġh madwar id-dinja.



.....

4.10

L-UE tuża l-ewwel teknoloġija kwantistika tagħha f'sitt siti madwar l-UE.

.....

4.10

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadottaw id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati biex jippromwovu n-negozjar kollettiv u jtejbu l-protezzjoni tal-paga minima għall-ħaddiema fl-UE.



.....

6.10

Fir-rigward tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna, l-UE taqbel dwar it-tmien pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja.

.....

10.10

L-Ukrajna: Il-Kummissjoni trniedi skema pilota tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex tidentifika l-ħiliet tal-persuni Ukreni li qed jaħarbu mill-gwerra, tgħinjom iqabbluhom mal-impjegaturi tal-UE u tgħinjom isibu impjegi.



.....

12.10

Il-pakkett tat-tkabbir 2022: Il-Kummissjoni tivvaluta r-riformi fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija u tirrakkomanda l-*istatus* ta' kandidat tal-UE għall-Bożnija-Ħerzegovina.

.....

14.10

Fil-laqgħat annwali tal-Bank Dinji tal-Fond Monetarju Internazzjonali, l-UE tikkontribwixxi EUR 100 miljun għall-Fond dwar it-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir tat-Trust biex tappoġġa pajjiżi vulnerabbli Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.



.....

17.10

Avjazzjoni: Liffirmat ftehim storiku bejn l-UE u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) dwar l-avjazzjoni, li se jgħaqqad 1,1 biljun persuna.



.....

18.10

Il-Kummissjoni tagħmel proposti addizzjonali biex tiġġieled il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u tiżgura s-sigurtà tal-provvista.



.....

18.10

Il-Patt Ekoloġiku: Il-Kummissjoni tiffirma l-ewwel Sħubija Ekoloġika tagħha, mal-Marokk, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.



.....

19.10

Il-Kummissjoni tadotta qafas rivedut dwar l-għajnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.



.....

.....

24.10

L-Unjoni tas-Saħħa: Il-Kunsill jadotta l-elementi kostitwenti finali tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa.



.....

25.10

Il-Konferenza Internazzjonali ta' Esperti ospitata mill-Kummissjoni u l-presidenza tal-G7 tafferma mill-ġdid l-impenn sod li tappoġġa l-irkupru tal-Ukrajna.



.....

26.10

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Il-Kummissjoni tipproponi regoli għal arja u ilma aktar nodfa.



.....

28.10

Vetturi b'emissjonijiet żero: L-ewwel ftehim "Lesti għall-mira ta' 55 %" se jtemm il-bejgħ ta' karozzi ġodda b'emissjonijiet ta' CO2 fl-UE sa mill-2035.



NOVEMBRU 2022

1.11

Skont il-pjan REPowerEU, l-Istati Membri tal-UE mlew il-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass tagħhom għal 95 % tal-kapaċità qabel ix-xitwa, u qabżu l-mira ta' 80 %.



1.11

L-Att dwar is-Swieq Diġitali: Regoli għall-gwardjani diġitali biex jiżguraw li jidħlu fis-seħħ swieq miftuħa.

3.11

Il-Kummissjoni tinvesti EUR 3 biljun fi proġetti innovattivi ta' teknoloġija nadifa biex jinkisbu l-għanijiet tal-pjan REPowerEU u tiġi aċċellerata l-indipendenza enerġetika tal-Ewropa mill-fjuwils fossili Russi.




3.11

Summit tal-Proċess ta' Berlin: L-UE tħabbar pakkett ta' appoġġ għall-enerġija ta' EUR 1 biljun għall-Balkani tal-Punent.

7.11

Fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2022 dwar it-Tibdil fil-Klima (COP27), l-UE tikkonkludi sħubija strateġika mal-Każakistan dwar il-materja prima, il-batteriji u l-idroġenu rinnovabbli.



7.11

Il-Kummissjoni taġixxi biex tippromwovi t-trasparenza fis-settur tal-kiri għal żmien qasir għall-benefiċċju ta' dawk kollha involuti.

8.11

Fil-COP27, l-UE tikkonkludi sħubija strateġika man-Namibja dwar il-materja prima sostenibbli u l-idroġenu rinnovabbli. Hija tnedi wkoll sħubijiet tal-foresti ma' ħames pajjiżi sħab.



8.11

L-UE tilħaq ftehim dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali mit-trasport, il-bini, l-iskart u l-agrikoltura.

9.11

REPowerEU: Il-Kummissjoni tintensifika t-tranżizzjoni ekoloġika lil hinn mill-gass Russu billi taċċellera l-għoti ta' permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.



9.11

Il-Kummissjoni tipproponi pakkett ta' appoġġ stabbli u prevedibbli għall-Ukrajna għall-2023 sa EUR 18-il biljun.

10.11

Il-Kummissjoni tipproponi standards Euro 7 ġodda biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa mill-vetturi u tittejjeb il-kwalità tal-arja.



10.11

Iċ-ċiberdifiża: Il-Kummissjoni tippreżenta politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża u Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari 2.0 biex tagħti spinta lill-kapaċità tal-UE li ttiproteġi liċ-ċittadini u l-infrastruttura tagħha.

11.11

Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-UE taqbel li żżid l-assorbiment tal-karbonju permezz tal-użu tal-art, il-forestrija u l-agrikoltura.



.....
16.11

L-UE u l-Eġittu jaqblu li jżidu l-kooperazzjoni dwar it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.



.....
16.11

Jidħol fis-seħħ l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, sett ġdid ta' regoli tal-UE għal ambjent online aktar sikur u aktar responsabbli.



.....
18.11

L-Albanija tingħaqad mal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.



.....
15.11

L-UE u s-sħab internazzjonali jvaraw Sħubija għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija rivoluzzjonarja mal-Indoneżja.

.....
16.11

Fil-COP27, bħala parti mill-istrateġija tal-Global Gateway, Tim Ewropa jħabbar pakkett ta' EUR 1 biljun għall-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza fl-Afrika.

.....
18.11

Global Gateway: Tim Ewropa jniedi żewġ inizjattivi fl-Asja Ċentrali dwar l-enerġija u dwar il-konnettività diġitali.

.....
18.11

Il-Kummissjoni tadotta l-proposta għal att Ewropew interoperabbli biex issaħħaħ l-interoperabbiltà u l-kooperazzjoni transfruntiera fis-settur pubbliku madwar l-UE.

.....

21.11

Fil-COP27, l-UE turi ambizzjoni li żżomm l-għan li t-tiġin globali jiġi limitat għal 1,5 °C li jista' jintlaħaq u tgħin biex jiġi stabbilit arranġament ta' finanzjament ġdid ibbilanċjat.

.....

22.11

Il-Kummissjoni tipproponi strument ġdid tal-UE biex tillimita ż-żidiet eċċessivi fil-prezzijiet tal-gass.

.....

28.11

Il-Kummissjoni tippreżenta regoli riveduti li se jagħmlu l-protezzjoni tad-disinji industrijali madwar l-UE orfios, aktar rapida u aktar prevedibbli

.....

30.11

Is-Saħħa Globali: Il-Kummissjoni tadotta Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali biex titjeb is-sigurtà tas-saħħa globali u nieħdu ħsieb aħjar is-saħħa ta' kulħadd f'dinja li qed tinbidel.



.....

22.11

Koordinazzjoni tal-politika ekonomika: il-Kummissjoni tistabbilixxi gwida biex tgħin fl-indirizzar tal-kriżi tal-enerġija u biex l-Ewropa ssir aktar ekoloġika u aktar diġitali.

.....

28.11

L-UE u l-Korea t'Isfel iniedu sħubija diġitali ġdida.

.....

30.11

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Il-Kummissjoni tipproponi regoli ġodda għall-UE kollha biex tnaqqas l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, flimkien ma' regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju biex tgħin biex jintlaħqu emissjonijiet żero netti.

DIĊEMBRU 2022

.....

2.12

L-UE u l-Ġappun jiffirmaw memorandum ta' kooperazzjoni biex jixprunaw l-innovazzjoni u jiżviluppaw suq internazzjonali tal-idroġenu.



.....

2.12

L-Ukrajna: Il-Kummissjoni tipproponi li tikkriminalizza l-ksur tas-sanzjonijiet tal-UE relatati mal-invażjoni Russa tal-Ukrajna.

.....

3.12

Il-G7 jaqbel dwar il-limitu massimu tal-prezz taż-żejt, b'mod li jitnaqqas id-dħul tar-Russja, filwaqt li s-swieq globali tal-enerġija jibqgħu stabbli.



.....

6.12

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: L-UE taqbel dwar liġi li tiġġieled id-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunati mill-produzzjoni u l-konsum fl-UE.



.....

6.12


Is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Tirana, l-Albanija, jafferma mill-ġdid l-enfażi tar-reġjun fuq is-sħubija fl-UE u s-sħubija strateġika tiegħu mal-UE.



.....

7.12

Pakkett dwar l-ugwaljanza: Il-Kummissjoni tipproponi regoli ġodda għar-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati Membri.



.....

8.12

Il-Kummissjoni tipproponi sensiela ta' miżuri biex timmodernizza s-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud tal-UE, biex b'hekk taħdem aħjar għal negozji u ttejjeb ir-reżiljenza tagħhom kontra l-frodi bit-tħaddin u l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni.



.....

9.12

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: L-UE taqbel dwar liġi ġdida dwar batteriji aktar sostenibbli u ċirkolari biex tappoġġa t-tranżizzjoni tal-enerġija u l-kompetizzjoni fl-industrija.



.....

6.12

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Il-Parlament u l-Kunsill jaqblu dwar regoli ġodda dwar l-applikazzjoni tal-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-settur tal-avjazzjoni.

.....

7.12

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-korpi tal-ugwaljanza - b'mod partikolari l-indipendenza, ir-riżorsi u s-setgħat tagħhom - sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu d-diskriminazzjoni fl-UE b'mod aktar effettiv.

.....

9.12

Il-Kummissjoni u s-sħab tagħha fis-settur iniedu alleanza industrijali ġdida biex tingħata spinta lill-enerġija solari u s-sigurtà tal-enerġija tal-UE.



.....
9.12

L-UE u ċ-Ċili jikkonkludu n-negozjati dwar il-Ftehim Qafas Avvanzat.



.....
11.12

Issir l-ewwel laqgħa tal-bord tal-Global Gateway.



.....
13.12

Unjoni tas-Sigurtà: Il-Kummissjoni tipproponi regoli ġodda dwar informazzjoni antiċipata għall-passiġġieri biex tiffaċilita l-ġestjoni tal-fruntieri esterni u żżid is-sigurtà interna.



.....
9.12

L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa: Wara l-proposta tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-kanċer permezz ta' detezzjoni bikrija, il-Kunsill jadotta approċċ ġdid dwar l-iskrinjar tal-kanċer.



.....
12.12

L-UE u s-sħab Afrikani tagħha jniedu żewġ inizjattivi ta' Tim Ewropa dwar il-migrazzjoni, li jiffukaw fuq ir-rotot migratorji tal-Atlantiku u tal-Mediterran Ċentrali.



.....
13.12

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Il-Parlament u l-Kunsill jilħqu ftehim dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri.



.....

14.12

Isir is-Summit bejn l-UE u l-ASEAN. L-UE u l-Istati Membri tagħha jħabbru l-mobilizzazzjoni ta' EUR 10 biljun bħala parti mill-Global Gateway biex jizjed l-investment fl-infrastruttura fil-pajjiżi tal-ASEAN.



.....

14.12

Il-Kummissjoni tadotta regoli ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għas-setturi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tas-sajd u tal-akkwakultura.

.....

15.12

Il-Parlament u l-Kunsill jagħmlu ftehim politiku dwar regoli ġodda dwar miżuri li jippermettu aktar trasparenza u infurzar effettiv tal-prinċipju ta' paga ugwali għan-nisa u l-irġiel.



.....

16.12

B'segwitu għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-Kummissjoni tospita l-ewwel Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar it-Tnaqqis tal-Ħela tal-Ikel.



.....

16.12

L-Ukrajna: L-UE taqbel dwar id-disa' pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja fir-rigward tal-invażjoni tagħha tal-Ukrajna



.....

16.12

L-UE u l-Ukrajna jfirmaw pakkett ta' appoġġ ta' EUR 100 miljun għar-riabilitazzjoni ta' skejjet li ġarrbu ħsara fil-gwerra.



.....

18.12

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Il-Parlament u l-Kunsill jilħqu ftehim dwar it-tisħiħ tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u l-ħolqien ta' Fond Soċjali għall-Klima biex jappoġġa lin-nies fit-tranżizzjoni lejn enerġija aktar nadifa.



.....

19.12

Il-Kummissjoni tipproponi regoli aktar b'saħħithom għall-ġlieda kontra l-kriminalità li qed tevolve tat-traffikar ta' bnedmin.



.....

31.12

L-istrument SURE, imfassal biex jiproteġi l-impjegji u l-introjtu affettwati mill-pandemija tal-COVID-19, jintemm wara li jaqdi rwol kruċjali fil-mitigazzjoni tal-impatt tal-pandemija u fl-appoġġ għall-irkupru ekonomiku. Fl-2021, disa' miljun persuna u aktar minn 900 000 ditta kienu koperti minn SURE fi 15-il Stat Membru, b'eliminazzjoni gradwali ċara fl-2022 meta 350 000 persuna u 40 000 ditta kienu koperti f'erba' Stati Membri.



.....

19.12

Fil-Konferenza tan-NU dwar il-Bijodiversità (COP15), l-UE tingħaqad ma' 195 pajjiż fil-Ftehim Qafas ta' Kunming-Montreal dwar il-Bijodiversità, li fih għanijiet u miri globali li għandhom l-għan li jiproteġu u jirrestawraw in-natura għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

.....

21.12

Il-Fond għall-Modernizzazzjoni jinvesti EUR 4,11 biljun fi proġetti ta' tranżizzjoni tal-enerġija fi tmien Stati Membri biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u titħaffef l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.



JANNAR 2023

.....

1.1

Il-Kroazja tissieħeb fiż-
Żona tal-Euro u fiż-żona
Schengen.



.....

1.1

Fl-2023, l-UE tiċċelebra
t-tletin anniversarju tas-
suq uniku tagħha - waħda
mill-akbar kisbiet tal-
integrazzjoni Ewropea.

.....

10.1

L-UE u n-NATO jiffirmaw
dikjarazzjoni konġunta
ġdida dwar il-kooperazzjoni.
Huma jaqblu li jintensifikaw
il-ħidma tagħhom fil-ġlieda
kontra t-treddid ibridu
u ċibernetiku u t-terroriżmu,
iżidu l-kooperazzjoni
dwar teknoloġiji
emerġenti u fixkiela
u l-ispazju, jindirizzaw
l-implikazzjonijiet
imminenti tas-sigurtà
tal-kriżi klimatika
u jsaħħu r-reżiljenza tal-
infrastruttura kritika.



.....

12.1

Ir-Regolament dwar is-
sussidji barranin jidhrol
fis-seħħ. Dan is-sett ġdid
ta' regoli se jippermetti
lill-UE tibqa' miftuħa għall-
kummerċ u l-investment
filwaqt li jiżgura
kundizzjonijiet ekwi għall-
kumpaniji kollha li joperaw
fis-suq uniku.

.....

17.1

Il-Kummissjoni tniedi
l-Mekkaniżmu ta' Spinta
tat-Talent biex tappoġġa
lir-reġjuni tal-UE affettwati
mit-tnaqqis aċċellerat fil-
popolazzjoni tagħhom fl-età
tax-xogħol.



.....
23.1

L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa: Il-Kummissjoni tnedi l-Inizjattiva Ewropea dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer biex tappoġġa lill-fornituri tal-kura tas-saħħa, lill-istituti tar-riċerka u lill-innovaturi biex jagħmlu l-aħjar użu minn soluzzjonijiet innovattivi mmexxija mid-*data* għat-trattament u għall-kura tal-kanċer.



.....
17.1

Il-Kummissjoni toħloq l-ewwel riżerva strateġika kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari tar-rescEU, ospitata fil-Finlandja.

.....
24.1

Il-Kummissjoni tippreżenta "Patt Ġdid għall-Pollinaturi" biex tindirizza t-tnaqqis allarmanti fl-insetti dakkara selvaġġi fl-Ewropa.

.....
25.1

Il-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva biex tkompli ssaħħaħ u tippromwovi d-djalogu soċjali b'miżuri speċifiċi fil-livelli nazzjonali u tal-UE.

.....
26.1

Il-Kummissjoni tnedi l-inizjattiva tal-għalliema reġjonali ta' Tim Ewropa għall-Afrika sub-Saħarjana fi Pretoria, l-Afrika t'Isfel, bħala parti mill-Global Gateway u b'kontribuzzjoni ta' EUR 100 miljun mill-UE.

FRAR 2023

.....

1.2

L-UE u Singapore jniedu sħubija diġitali.



.....

1.2

Il-Kummissjoni qed tippreżenta Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, l-inizjattiva biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Ewropa billi tappoġġa t-tranżizzjoni mħaffa lejn in-newtralità klimatika.

.....

2.2

Il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen u 15-il Kummissarju jivvjaġġaw lejn Kiev għal-laqqgħa bejn il-Kulleġġ tal-Kummissarji u l-Gvern, biex jappfondixxu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna f'għadd ta' setturi.



.....

3.2

Isir is-Summit bejn l-UE u l-Ukrajna f'Kiev.

.....

4.2

L-Ukrajna: Is-sħab tal-UE u tal-G7 jaqblu dwar il-limitu massimu tal-prezzijiet fuq il-prodotti tal-petroleum Russi



.....

6.2

L-UE u l-Indja stabbilew Kunsill għall-Kummerċ u t-Teknoloġija biex jindirizzaw l-isfidi fir-rabta tal-kummerċ, it-teknoloġija fdata u s-sigurtà.

.....

8.2

Il-Kummissjoni tadotta l-għanijiet tal-UE għar-reżiljenza għad-diżastri, b'rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri biex tgħin hom jantiċipaw, iħejju, jirrispondu u jiżguraw aħjar sabiex isaħħu r-reżiljenza tagħhom kontra diżastri futuri madwar l-Ewropa.



.....

6.2

Minnufih wara l-istraġi tat-terremoti devastanti tat-Turkija u s-Sirja, il-Kummissjoni tibda dik li ssir l-akbar operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ tagħha permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, li tgħin biex jiġu salvati l-ħajjiet fit-Turkija filwaqt li tappoġġa t-twassil ta' għajjnuna umanitarja lill-poplu Sirjan fil-pajjiż kollu.

.....

10.2

Permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, l-UE tibgħat aktar minn 250 persuna li wiegħbu f'emerġenza minn Spanja, Franza u l-Portugall fiċ-Ċili biex jassistu lil persuni nazzjonali tal-ewwel rispons fil-għieda kontra n-nirien estremi.



.....

13.2

Il-Kummissjoni tistabbilixxi r-regoli dwar l-idroġenu rinnovabbli.

.....

14.2

Il-Kummissjoni tipproponi mira ta' emissjonijiet żero għall-2030 għal karożżi tal-linja ġodda fil-bliet, flimkien ma' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 90 % għal trakkijiet ġodda sal-2040.



.....

23.2

Il-Kummissjoni tippreżenta sett ta' azzjonijiet immirati biex l-konnettività tal-gigabits issir disponibbli għaċ-ċittadini u għan-negozji kollha madwar l-UE sal-2030.

.....

25.2

L-UE tilħaq qbil dwar l-għaxar pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja.



.....

27.2

Il-Kummissjoni u l-Gvern tar-Renju Unit jilħqu ftehim politiku fil-prinċipju dwar il-Qafas ta' Windsor, sett komprensiv ta' soluzzjonijiet immirati biex jindirizzaw l-isfidi prattiċi li jaffaċċjaw iċ-ċittadini u n-negozji fl-Irlanda ta' Fuq.

.....

28.2

Global Gateway: Il-Kummissjoni tiffirma ftehimiet mal-Bank Ewropew tal-Investiment b'valur ta' EUR 4 biljun – li jikkonsistu fi ftehim ta' garanzija li se jimmobilizza sa EUR 3,5 biljun f'self u kontribuzzjoni ta' EUR 500 miljun mill-Fond Fiduċjarju – biex jiġu appoġġati n-negozji fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku sal-2027.



.....

MARZU 2023

1.3

Sikurezza fit-toroq: Il-Kummissjoni tipproponi rekwiżiti aġġornati għal-liċenzji tas-sewqan diġitali u infurzar transfruntier aħjar tar-regoli tat-traffiku fit-toroq.



9.3

Il-Kummissjoni tadotta Qafas Temporanju ġdid ta' Għajnuna mill-Istat għall-Kriżijiet u t-Tranżizzjoni biex trawwem miżuri ta' appoġġ f'setturi li huma kruċjali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Hija tapprova wkoll emenda għar-regolament ta' eżenzjoni ġenerali ta' kategorija dwar l-għajnuna mill-Istat biex ikompli jiġi ffaċilitat, issimplifikat u jitħaffef l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE.



10.3

L-UE taġġorna l-istrateġija tas-sigurtà marittima tagħha biex tiżgura l-użu paċifiku tal-ibħra u tissalvagwardja d-dominju marittimu kontra theddid ġdid.



7.3

Unjoni tas-Sigurtà: Tibda topera s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imġedda.

10.3

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża, biex tiżgura UE aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

10.3

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: L-UE tilħaq ftehim dwar regoli aktar b'saħħithom biex tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika.

.....

14.3

L-Alleanza Diġitali bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew, inizjattiva konġunta biex tippromwovi approċċ iċċentrat fuq il-bniedem għat-trasformazzjoni diġitali, titnieda f'Bogotá, il-Kolombja.



.....

14.3

Il-Kummissjoni tippromwovi riforma tal-mod kif inhu mfassal is-suq tal-elettriku tal-UE, li huwa maħsub biex jagħti spinta lis-sorsi rinnovabbli, jiproteġi aħjar lill-konsumaturi u jtejjeb il-kompetittività industrijali.

.....

16.3

Il-Kummissjoni tippromwovi Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti biex iżżid il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa fl-Unjoni Ewropea u tiżgura li l-UE tkun mgħammra tajjeb għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.



.....

16.3

Il-Kummissjoni tippromwovi sett komprensiv ta' miżuri biex tiżgura li l-UE jkollha aċċess għal provvista sigura, diversifikata, affordabbli u sostenibbli ta' materja prima kritika.

.....

16.3

Fit-tletin anniversarju tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni tistabbilixxi kif se tiżgura l-kompetittività fit-tul tal-UE lil hinn mill-2030.



.....

16.3

Bħala parti mill-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, il-Kummissjoni tniedi programm ta' bini tal-kapaċitajiet biex tibda r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

.....

17.3

Matul il-Konferenza Internazzjonali dwar is-Solidarjetà tal-2023 dwar il-kriżi tal-Venezwela, il-Kummissjoni tirrilaxxa EUR 75 miljun f'finanzjament umanitarju għall-pajjiż.



.....

20.3

Fil-Konferenza tad-donaturi fi Brussell, l-UE u d-donaturi internazzjonali jiġbru EUR 7 biljun għall-poplu tat-Turkija u s-Sirja wara t-terremoti devastanti fi Frar 2023.

.....

22.3

Il-Kummissjoni tintroduċi drittijiet ġodda tal-konsumatur li se jagħmlu t-tiswija tal-oġġetti aktar faċli u aktar attraenti. Tipproponi wkoll kriterji komuni għall-għieda kontra l-greenwashing u l-asserzjonijiet ambjentali qarrieqa.



.....

23.3

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Il-Parlament u l-Kunsill jilħqu ftehim dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport marittimu permezz tal-promozzjoni ta' fjuwils sostenibbli għat-trasport marittimu.

.....

28.3

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: L-UE taqbel ma' liġi ġdida ambizzjuża biex tiġi implimentata infrastruttura suffiċjenti ta' fjuwils alternattivi.



.....

29.3

Il-Kummissjoni tipproponi aktar trasparenza u inqas burokrazija għall-kumpaniji biex ittejjeb l-ambjent tan-negozju fl-UE.

.....
30.3

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: L-UE taqbel dwar leġiżlazzjoni aktar b'saħħitha biex titħaffef l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.



.....
30.3

Il-President von der Leyen tesprimi d-diskors tagħha dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina.

.....
31.3

Next Generation EU: L-iżborżi skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jaqbru l-EUR 150 biljun.



.....
31.3

REPowerEU: L-UE tilħaq il-mira volontarja tagħha ta' tnaqqis fid-domanda tal-gass ta' 15 % meta mqabbla mal-ħames xiewi preċedenti u tispiċċa x-xitwa b'60 % tal-kapaċità ta' ħżin tal-gass tagħha għadu mimli.

APRIL 2023

.....
3.4

Il-Kummissjoni tfakkar t-tletin anniversarju tal-Fond ta' Koeżjoni. Sa mit-twaqqif tiegħu, il-Fond ta' Koeżjoni investa kważi EUR 179 biljun fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE.



.....
4.4

L-UE tibda tiżviluppa r-riżervi ta' kenn tar-rescEU tagħha stess, li jistgħu jintbagħtu matul kriżijiet jew diżastri li jissuperaw il-kapaċitajiet ta' rispons nazzjonali, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kroazja, il-Polonja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u t-Turkija.

.....
5.4

Fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-Kummissjoni tipproponi regoli dwar it-trasferiment ta' proċedimenti kriminali bejn l-Istati Membri.




.....
5.4

Il-Kummissjoni twieġeb għas-seba' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej biex iġġib aktar minn 1 miljun firma: "Insalvaw in-naħal u l-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu".

.....
6.4

Il-President von der Leyen iżżur iċ-Ċina.



.....
17.4

Il-Kummissjoni tniedi ċ-Ċentru Ewropew tat-Trasparenza Algoritmika biex tgħin fl-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali.



.....
18.4

Intlaħaq qbil politiku dwar l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, li għandu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE f'dan is-settur strateġiku.



.....
18.4

Il-Kummissjoni tadotta proposta għall-Att tal-UE dwar is-Solidarjetà Ċibernetika, biex issaħħaħ il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà fl-UE, u tippreżenta l-Akkademja għall-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà futura.



.....
18.4

Unjoni Bankarja: Il-Kummissjoni tipproponi riforma tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu.

.....

20.4

L-Ukrajna tingħaqad mal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.



.....

24.4

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: L-UE u n-Norveġja jistabbilixxu Alleanza Ekoloġika biex japprofondixxu l-kooperazzjoni dwar il-klima, l-ambjent, l-enerġija u l-industrija nadifa.



.....

25.4

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali: Il-Kummissjoni taħtar l-ewwel sett ta' pjattaformi online kbar ħafna u magni tat-tiftix skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.



.....

23.4

Il-Panel ta' Ċittadini dwar id-Dinjiet Virtwali jippreżenta 23 rakkomandazzjoni għal dinjiet virtwali ġusti u ċċentri fuq in-nies fl-UE.



.....

25.4

Il-Pjattaforma tal-UE għax-Xiri tal-Enerġija: Il-Kummissjoni tnedi l-ewwel sejħa għall-kumpaniji biex jixtru l-gass b'mod konġunt.



.....

26.4

Il-Kummissjoni tippreżenta proposti leġiżlattivi biex timplimenta l-aktar riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-UE mill-perjodu ta' wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja 'l hawn.



.....

26.4

L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa: Il-Kummissjoni tippromponi riforma tal-leġiżlazzjoni dwar il-farmaċewtiċi biex il-mediċini jsiru aktar aċċessibbli, affordabbli u innovattivi.

.....

26.4

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Il-Parlament u l-Kunsill jilħqu ftehim dwar liġi ġdida biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-avjazzjoni permezz tal-promozzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli.



.....

27.4


Global Gateway: Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment iħabbru fondi b'valur ta' EUR 18-il biljun biex tingħata spinta lill-investment fl-azzjoni klimatika u l-ekonomiji sostenibbli.



.....

27.4

Il-Kummissjoni tippromponi regoli ġodda biex tgħin lill-kumpaniji jagħmlu l-aħjar użu mill-invenzjonijiet tagħhom, jisfruttaw teknoloġiji ġodda u jikkontribwixxu għall-kompetittività u s-sovranità teknoloġika tal-UE.



MEJJU 2023

.....
3.5

Il-Kummissjoni tadotta proposta għal Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon, pjan ta' EUR 500 miljun biex tingħata spinta urġenti lill-kapaċitajiet tal-industrija tad-difiża tal-UE biex tgħin lill-Ukrajna.



.....
3.5

Il-Kummissjoni tipproponi regoli aktar b'saħħithom għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE u madwar id-dinja.

.....
4.5

Il-Kummissjoni tirrakkomanda miżuri għall-ġlieda kontra l-piraterija online tal-isport u avvenimenti diretti oħra.



.....
9.5

Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet tibda b'festival tal-ħiliet.

.....
10.5

Fid-dawl tal-ħtiġijiet umanitarji li qed jiżdiedu minħabba l-kunflitt fis-Sudan, l-UE tniedi pont umanitarju bl-ajru li jitttrasporta provvisti kritiċi lis-sħab umanitarji tagħha f'Port Sudan.



.....
16.5

L-UE u l-Indja għandhom l-ewwel laqgħa ministerjali tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija fi Brussell. Il-laqgħa tiffoka fuq l-approfondiment tal-impenn strateġiku dwar il-kummerċ u t-teknoloġija.

.....
17.5

Titnieda t-Task Force tas-Saħħa bejn l-UE u l-Istati Uniti.



.....
17.5

Il-Kummissjoni tipproponi l-proposti għar-riforma l-aktar ambizzjuża u komprensiva tal-unjoni doganali tal-UE mit-twaqqif tagħha fl-1968.



.....
18.5

Il-Kummissjoni tippreżenta l-ewwel “Prospettiva tal-industrija tal-media Ewropea”, rapport li jesplora x-xejriet tad-domanda u l-provvista fis-setturi awdjoviżivi, tal-logħob tal-vidjo u tal-media tal-aħbarijiet.



.....
21.5

Bi tweġiba għat-talba tal-Italja għal assistenza fl-għargħar katastrofiku li laqat it-tramuntana tal-pajjiż, il-Kummissjoni minnufih timmobilizza l-assistenza ta’ emerġenza pprovduta mill-Belġju, Franza, is-Slovenja u s-Slovakkja permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.



.....
19-21.5

Il-President von der Leyen tipparteċipa fis-summit tal-G7 f’Hiroshima, il-Ġappun.



.....
22.5

Is-Summit bejn l-UE u l-Korea t’Isfel isir f’Seoul, bi sħubija ekoloġika mħabbra biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni dwar l-azzjoni klimatika, l-enerġija nadifa u l-protezzjoni ambjentali.



.....

22.5

Fid-dawl ta' livell bla preċedent ta' ħtieġa umanitarja madwar id-dinja, il-Kunsill jadotta mira volontarja ta' 10 % tal-għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp li għandha tiġi ddedikata għall-azzjoni umanitarja.



.....

24.5

L-Unjoni tas-Swieq Kapitali: Il-Kummissjoni tipproponi regoli ġodda biex tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-investituri individwali fl-UE.

.....

30.5

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tirdoppja l-flotta tal-ajru tat-tifi tan-nar rescEU għall-istaġun tan-nirien li jmiss fl-Ewropa.



.....

30.5

Iċ-Ċentru ta' Rispons u Koordinazzjoni f'każ ta' Emerġenza, is-sinpla tal-kapaċitajiet ta' rispons ta' emerġenza tal-UE u l-magna tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, jiċċelebra l-għaxar anniversarju tiegħu.

.....

31.5

Ir-raba' laqgħa ministerjali tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti ssir f'Luleå, l-Iżvezja. L-UE u l-Istati Uniti jilħqu ftehim biex jirrikonoxxu b'mod reċiproku r-riżultati tal-ispezzjonijiet dwar prattiki tajba ta' manifattura farmaċewtiċi għal prodotti veterinarji.



ĠUNJU 2023

.....

1.6

Il-Kummissjoni tadotta regoli riveduti biex tipprovdi lin-negozji bi gwida aktar ċara u aġġornata biex tgħinhom jivvalutaw il-kompatibbiltà tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali tagħhom mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE.



.....

1.6

Il-President von der Leyen tħabbar pakkett ġdid ta' appoġġ għall-Moldova.

.....

7.6

L-UE tistabbilixxi aġenda ġdida biex issaħħaħ is-sħubija tagħha mal-Amerika Latina u l-Karibew.



.....

7.6

L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa: Il-Kummissjoni tippreżenta proposta għal approċċ komprensiv għas-saħħa mentali.

.....

8.6

Korp tal-Etika tal-UE: Il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' standards etiċi komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE.



.....

8.6

Il-Kummissjoni tapprova, skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajjuna mill-Istat, Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni biex jappoġġa r-riċerka, l-innovazzjoni u l-ewwel użu industrijali tal-mikroelettronika u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni.



.....

8.6

L-UE tibgħat kważi 300 ħaddiem tat-tifi tan-nar minn Spanja, Franza u l-Portugall biex tgħin fil-ġlieda kontra n-nirien estremi fil-Kanada.

.....

12-16.6

Il-President von der Leyen tivvjaġġa lejn il-Brażil, l-Arġentina, iċ-Ċili u l-Messiku, u tħabbar EUR 10 biljun ta' investiment tal-UE fl-Amerika Latina u l-Karibew permezz tal-Global Gateway.



.....

13.6

Ekonomija soċjali: Il-Kummissjoni tippromovi modi kif tisfrutta l-potenzjal sħiħ tagħha għall-impjieg, l-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali.

.....

14.6

L-UE tavvanza fin-negozjati mal-Istati Uniti rigward il-Ftehim dwar il-Minerali Kritiċi.



.....

15.6

Matul s-Seba' Konferenza ta' Brussell dwar "Appoġġ għall-futur tas-Sirja u r-Reġjun", il-komunità internazzjonali twiegħed EUR 5,6 biljun għall-2023 u lil hinn.

.....

19.6

L-UE u l-Kenja jikkonkludu negozjati għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ambizzjuż b'dispożizzjonijiet sodi dwar is-sostenibbiltà.



.....

20.6

Baġit tal-UE: Il-Kummissjoni tippromovi li ssaħħaħ il-baġit tal-UE fit-tul biex tiffaċċja l-iktar sfidi urġenti. Hija ppreżentat ukoll pakkett aġġustat għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' riżorsi proprji.

.....

20.6

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jippreżentaw Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika. L-istrateġija tiffoka fuq il-minimizzazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-interdipendenzi ekonomiċi, filwaqt li tippreserva l-livelli massimi tal-ftuħ u d-dinamiżmu ekonomiku tal-UE.



.....

20.6

L-Ukrajna: Il-Kummissjoni qed tippromovi li tiġi stabbilita Faċilità ddedikata biex tappoġġa l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna.

.....

23.6

L-UE tadotta l-ħdax-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja minħabba l-gwerra illegali kontinwa tagħha kontra l-Ukrajna.



.....

28.6

L-UE tipproponi prospettiva komprensiva ġdida dwar theddid tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali għall-paċi, is-sigurtà u d-difiża



.....

28.6

Il-Kummissjoni tippreżenta proposti biex tiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jkomplu jaċċessaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kif ukoll iħallsu bihom fiż-Żona tal-Euro, u biex tistabbilixxi qafas għal forma diġitali ġdida possibbli tal-euro li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' joħroġ fil-futur, bħala komplement għall-flus kontanti.



LULJU 2023

.....

3.7

L-Ukrajna: Jibda jopera ċ-Ċentru Internazzjonali għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

.....

5.7

Il-Kummissjoni tadotta miżuri għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali ewlenin, li se jsaħħaħ ukoll ir-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel u l-biedja tal-UE.



.....

5.7

Il-Kummissjoni tippubblika r-raba' rapport annwali dwar l-istat tad-dritt, filwaqt li tivvaluta r-rakkomandazzjonijiet tas-sena l-oħra u tipprovdi rakkomandazzjonijiet speċifiċi lill-Istati Membri.



.....

9.7

L-UE u New Zealand jiffirmaw ftehim ambizzjuż ta' kummerċ ħieles.



.....

11.7

Il-Kummissjoni tippreżenta strateġija tal-UE biex tkun minn ta' quddiem fil-Web 4.0 u d-dinjiet virtwali.



.....

11.7

Il-Kummissjoni tippromovi miżuri biex it-trasport tal-merkanzija jsir aktar effiċjenti u aktar sostenibbli, billi tittejjeb il-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, u informazzjoni aħjar dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport tal-merkanzija.

.....

12.7

Il-Kummissjoni tippromovi li ssaħħaħ id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità madwar l-UE sabiex dawn jirċievu appoġġ, ikollhom aċċess għall-informazzjoni, ifittxu l-ġustizzja u jiksibu kumpens.



.....

13.7

Isir id-Disa' u Għoxrin Summit bejn l-UE u l-Ġappun fi Brussell.



.....

16.7

It-Tuneżija: Jintlaħaq qbil politiku dwar pakkett komprensiv ta' sħubija.



.....

17-18.7

It-tielet summit UE-CELAC ilaqqa' flimkien il-mexxejja tal-UE u l-mexxejja mill-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC) fi Brussell. Il-Kummissjoni tippreżenta l-Aġenda ta' Investiment tal-Global Gateway UE-LAC.



.....

19.7

L-UE tippreżenta l-ewwel reviżjoni volontarja tagħha tal-progress lejn l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.



.....

31.7

Global Gateway: Il-President von der Leyen tniedi inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar l-ekonomija ekoloġika fil-Filippini.



AWWISSU 2023

.....

9.8

Wara l-għargħar devastanti fis-Slovenja, l-UE tgħaddi assistenża ta' emerġenża u timmobilizza l-appoġġ fuq terminu medju u twil.



.....

18.8

L-UE tilħaq il-mira ta' 90 % għall-ħżin tal-gass aktar minn xahrejn qabel l-iskadenza tal-1 ta' Novembru.

